# Insiru Komunità

Manwal għall-Ħames Sena ta' Katekeżi
għad-Dħul fil-Ħajja Nisranija

segretarjat għall-katekeżi

2016

# Ħajr lil

Rev. Dr René Camilleri - li fiż-żmien li kien  Delegat għall-Katekeżi beda dan il-proġett.

Rev. Dr Carl. M. Sultana - li fi żmienu bħala Delegat għall-Katekeżi qed jitkompla dan il-proġett.

Fr Stefan Bonanno u t-Tim Tiegħu – Media Centre Limited.

Parroċċi li ħadu sehem fil-Proġett Pilota :
L-Iklin,
Ħal-Luqa,
Il-Mosta – Oratorju Marija Immakulata,
Il-Qawra,
St Michael's Foundation School,
Tas-Sliema – Stella Maris,
Soċjetà  tad-Duttrina Nisranija
Ta' Xbiex.

Tim Adolexxenti tal-ħidma kollha matul dan il-proġett.

It-testi Bibbliċi huma meħuda bil-permess tal-Għaqda Bibblika Maltija .

Qari tal-Provi - Sur Robbie Mamo.


Nihil Obstat
die 7ª Maii 2016
sac. Hector M. Scerri
Cens. theol.

Imprimatur
Datum in Curia Archiep.,
Melit, Florianae,
die 7ª Maii 2016
sac. Joseph Galea Curmi
Vicarius Generalis

# Werrej

Daħla ... 4

**L-Ewwel Kapitlu: Niskopru 'l Xulxin**
Insiru Nafu 'l Xulxin ... 9
Alla u l-Ħolqien Tiegħu ... 13
Ir-Rigal tal-Ħajja ... 16
Ir-Rispett lejn id-Dinjità tal-Persuna u lejn id-Dinjità tal-Oħrajn ... 20

**It-Tieni Kapitlu: Il-Komunità Nisranija**
Niskopru l-Ewwel Komunità Nisranija ... 25
Ngħixu l-Magħmudija Tagħna fil-Komunità ... 31
Knisja Appostolika- Komunità Appostolika ... 35
Il-Knisja Kattolika – Komunità Nisranija Missjunarja ... 40

**It-Tielet Kapitlu: Ngħixu fil-Komunità**
Għażliet bis-Sens – Inħossni Responsabbli ... 43
Gwida biex Ngħix Aħjar: L-Għaxar Kmandamenti ... 49
Nifirħu Flimkien: Il-Beatitudnijiet ... 58
Ix-Xhieda Tiegħi fil-Komunità ... 64

**Ir-Raba' Kapitlu: Il-Komunità li Titlob**
Mixja Flimkien mas-Sena Liturġika ... 73
Nitlob f'Postijiet u Okkażjonijiet Differenti ... 79
Pożizzjonijiet Differenti fit-Talb ... 83
Forom Differenti ta' Talb ... 86

**Appendiċi: Tagħrif dwar l-Avvent** ... 90

## Daħla

Wieħed għaref qal: Jekk ma jkollokx l-esperjenza tal-imħabba ta' Alla, dak li tgħallem ikun biss duttrina; jiġifieri kliem li jolqot lill-intellett biss, mingħajr ma joħloq relazzjoni bejn il-moħħ u l-qalb u jsir esperjenza fil-ħajja ta'kuljum. Il-katekeżi – li hija formazzjoni u maturazzjoni fil-fidi, mhix duttrina biss, imma hija wkoll impenn biex ngħixu l-Evanġelju.(ara Evangelii Gaudium par.161). Il-katekeżi, mhix apoloġetika tad-duttrina, imma hija esperjenza ta' kwalità. Dan il-proġett tal-Ħames Sena għad-Dħul fil-Ħajja Nisranija huwa ppjanat u mfassal sabiex joħloq din l-esperjenza u din ir-relazzjoni tant meħtieġa fil-ħajja tagħna ta' Nsara.

Il-proġett kollu jismu: **Insiru Komunità**. Nemmnu li l-komunità tissawwar bil-mod il-mod, tikber u tissaħħaħ daqskemm tkun mibnija fuq pedamenti sodi u taċċetta li tkun akkumpanjata minn persuni kompetenti u dedikati. Il-għan ta' dan il-proġett huwa li f'din il-fażi ta-pre-adolexxenza fejn l-appartenenza għall-grupp hija importanti ħafna għall-iżvilupp sħiħ tagħhom, huma jkomplu jiskopru l-ħtieġa tal-komunità partikolarment dik tal-Insara. Jagħrfu li l-komunità ssawwar lill-bniedem u li l-bniedem isawwar il-komunità; jagħrfu wkoll li l-bażi ta' kull komunità hija r-relazzjoni. Fejn din ir-relazzjoni hi b'saħħitha, l-komunità hi b'saħħitha. Sabiex jaslu biex jagħrfu dan, kemm il-katekisti, kif ukoll l-istess adolexxenti jeħtiġilhom ikomplu jiskopru lilhom infushom mhux biss bħala individwi, imma wkoll bħala persuni fi ħdan il-komunità ta' Nsara.

Il-pedamenti ta' dan il-proġett huma erba' tappi mehuda mill-Evanġelji. L-ewwel tappa hija: "**Ejjew u taraw**" (Ġw 1, 38-39). Ġesù wara li staqsa lill-appostli "X'qed tfittxu?", għamlilhom stedina li tqanqal kurżità "Ejjew u taraw". L-ewwel kapitlu ta' dan il-proġett bit-tema: ***Niskopru 'l Xulxin*** iwassal għall-mistoqsija: X'sa niskopru u għaliex?

It-tieni tappa hija: "**Ejja warajja**" (Mt 4, 19). Meta Ġesù għamel din l-istedina lill-appostli, kien jaf li huma diġà kellhom xi ħiliet fil-ħidma tagħhom imma kien għad jonqoshom jiskopru u jiżviluppaw ħiliet oħrajn sabiex iwettqu l-missjoni li għaliha għażilhom. Għalhekk filwaqt li huma komplew jimxu wara Ġesù, huwa kien jgħinhom u jurihom min hu tassew, u jgħallimhom bil-kliem u bil-fatti kif iwettqu l-ministeru tiegħu. It-tieni kapitlu bit-tema: ***Il-Komunità Nisranija*** jistedinna sabiex filwaqt li nsaħħu l-għarfien li għandna tal-komunità nisranija, niġu mistiedna nistaqsu: Xi jfisser li jiena persuna mgħammda? X'inhi r-relazzjoni bejn il-magħmudija tiegħi u l-komunità tal-insara?

It-tielet tappa hija msejsa fuq il-kliem ta' Ġesù : "**Ibqgħu miegħi ...**" (Mk 3, 13-14). L-appostli kienu bdew jidrawh sewwa lil Ġesù, rawh fil-ħidma tiegħu, raw kemm kien jagħti importanza lit-talb, imma kienu jafu li ma kinux għadhom lesti li jagħtu xhieda tiegħu waħidhom. Kellhom bżonn jimmaturaw aktar fil-konvinzjonijiet tagħhom. Minn din il-maturità, meta wasal il waqt, setgħu jagħtu xhieda tiegħu. It-tielet kapitlu bit-tema: ***Ngħixu fil-Komunità*** – sa jkompli jsaħħaħna f'dak li huwa l-pedament tal-għażliet tagħna sabiex fuqhom nissodaw il-konvinzjonijiet tagħna, sabiex inkunu nistgħu nagħtu xhieda meta jasal il-waqt. Dan il-kapitlu jġegħelna nistaqsu: Kif nagħmlu għażla tajba b'responsabbiltà?

Ma' dan inżidu r-raba' tappa li hija msejsa fuq il-kliem ta' Ġesù, "**Ibqgħu fija u jiena fikom**" (Ġw 15, 4). B'dan il-kliem Ġesù kien qed jistieden u jisfida lill-appostli u lilna – li mingħajr l-intimità miegħu ma nistgħu nagħmlu xejn. Din l-intimità tikber u tissaħħaħ permezz tat-talb. Għalhekk ir-raba' kapitlu bit-tema: ***Il-Komunità li Titlob***, qed jistedinna sabiex nesploraw il-ħtieġa tat-talb u tal-qima speċjalment dik liturġika. Dan il-kapitlu jgħinna nistaqsu: Kif nistgħu nrawmu fina attitudni ta' talb?

Kull kapitlu huwa mqassam f'erba' temi. Minsuġa f'dawn it-temi nsibu l-ħidmiet tal-katekeżi kif issuġġeriti fid-*Direttorju Ġenerali għall-Katekeżi* f'paragrafi 84-89; jiġifieri, li l-katekeżi toffri formazzjoni bbażata fuq il-Kelma ta' Alla, formazzjoni u għarfien tat-tagħlim tal-Knisja Kattolika, formazzjoni liturġika u sagramentali, formazzjoni għall-imġiba tal-ħajja tal-insara (il-morali), formazzjoni għall-ħajja komunitarja, u formazzjoni missjunarja.

## Metodoloġija

Tajba kemm tkun tajba l-metodoloġija, kollox jiddependi mill-**katekist/a**. Il-katekist/a huwa medjatur li jiffaċċilita l-komunikazzjoni bejn il-bniedem u l-misteru ta' Alla, bejn il-grupp (tal-adoexxenti) fih innifsu u bejn il-grupp u l-komunità tal-Insara (ara *Dir. Gen. Katekeżi* par. 17, 238-242).

Għaldaqstant nemmu li l-katekisti għandhom iżommu ruħuhom aġġornati b'korsijiet/seminars/laqgħat ta' formazzjoni adegwati u mġedda. Nemmnu li l-katekist/a għandu jkun persuna ta' talb, persuna li tiffaċċilita relazzjoni b'saħħitha ma' katekisti oħra, mad-diretturi u dawk responsabbli mill-katekeżi fil-livelli diversi, u fuq kollox mal-adolexxenti u mal-ġenituri/dawk li jrabbuhom.

**L-ambjent** fejn issir il-katekeżi fih innifsu huwa parti mill-metodoloġija. Għalhekk nemmnu li l-ambjent għandu jkun adattat għall-età tal-adolexxenti, ambjent li joħloq klima ta' grupp, ambjent li jiffaċċilita diskussjoni.

Il-metodoloġija ta' dan il proġett hija minsuġa fuq paragrafi 157-175 tal-Eżortazzjoni Appostolika – *Evangelii Gaudium* – Il-Ferħ tal-Evanġelju. Fi ftit kliem, l-aktar tappi importanti huma: **il-persuna**, (**il-grupp**); **il-Kelma ta' Alla** u **l-kultura**. Hekk l-esperjenza tal-persuna (grupp) imdawla b'riflessjoni fuq il-Kelma ta' Alla hija offruta bħala sfida li din mill-ġdid issir esperjenza mġedda fil-għajxien tal-ħajja tal-insara fil-kultura tallum (l-aspett missjunarju) (Ara figura 2).

Dan il-proġett jagħti importanza kbira lill-**esperjenza tal-bniedem**, kemm dik diretta kif ukoll dik indiretta.  Nemmnu li din hija l-ħamrija fertili li tilqa' l-Kelma ta' Alla. Meta din l-esperjenza tiġi mdawla bil-Kelma ta' Alla u taċċettaha, issir esperejnza umana mġedda bil-fidi, fil-għajxien tal-ħajja ta' kuljum. Għalhekk huwa importanti ħafna li dejjem nirrispettaw fejn l-adolexxenti qegħdin fl-esperjenza tagħhom u bil-mod il-mod nakkumpanjawhom għall-esperjenzi dejjem imġedda (ara *Dir. Ġen. Katekeżi* par. 152-156).

Għal dan il-għan, il-proġett kollu, pedagoġikament jirrispetta l-fażi tal-adolexxenza, l-età, u l-kultura tal-adolexxenti, u jagħmel użu mix-xjenzi edukattivi reliġjużi. Għaldaqstant kemm il-lingwaġġ kif wkoll ir-riżorsi, speċjlament dawk Maltin, jirrispettaw dawn ix-xjenzi msemmija.

Dan il-proġett huwa **ċiklu**, jiġifieri, aktar ma **niskopru 'l xulxin** (l-ewwel kapitlu) aktar nagħrfu l-ħtieġa u l-kobor **tal-komunità tal-Insara** (it-tieni kapitlu). Flimkien nagħrfu li għandna bżonn nissodaw il-konvinzjonijiet tagħna biex ngħixu aħjar ta' Nsara – **ngħixu fil-komunità** (it-tielet kapitlu), imma dan kollu jista' jseħħ jekk ikollna intimità mal-Mulej – **komunità li titlob**, kemm fuq livell personali kif ukoll komunitarju (ir-raba' kapitlu) (ara figura 1). Meta dan il-proġett huwa ċiklu, hija xewqa tagħna li jiġi rispettat hekk, u li ma jkunx hemm għażla ta' temi, jew li xi temi jiġu maqbuża. Kull tema hija relatata ma' dik ta' qabilha u ma' dik ta' warajha.

Il-passi tal-metodoloġija li nixtiequ li jiġu segwiti huma mfissra f'dan il-manwal u fil-figura 2. F'dawn il-passi nsibu wieħed iddedikat lill-isfida; din tista' tiġi ssuġġerita mill-adolexxenti stess. Sabiex inkunu ta' għajnuna għall-Katekist/a għamilna xi suġġerimenti.

Nemmnu wkoll, li l-katekeżi ma tiqafx hekk kif tispiċċa l-laqgħa, anzi dan huwa l-bidu, għalhekk ħsibna li l-adolexxenti stess jistgħu jkunu protagonisti u appostli fil-familja tagħhom. Għaldqastant, għamilna sezzjoni żgħira għall-katekeżi fil-familja, fejn hemm silta mill-Bibbja u talba mal-familja.

Dan il-proġett huwa bbażat fuq il-Kelma ta' Alla, għalhekk nixtiequ li jkun hemm Bibbja f'kull klassi, jekk hu possibbli f'idejn l-adolexxenti ukoll sabiex isiru aktar midħla tal-Kelma ta' Alla mill-istess ktieb tal-Bibbja.

## <u>Riżorsi</u>

Nemmnu li l-ewwel riżorsa huwa l-bniedem: il-komunikazzjoni, il-lingwaġġ, għalhekk sabiex inżommu dejjem quddiem għajnejna li aħna kommunità, nixtiequ li l-lingwaġġ għall-waqt il laqgħat ikun fit-tielet persuna plural – **aħna**. Dak fit-tieni persuna plural – intom – jintuża biss fejn hemm indikat.

F'dan il-manwal issibu bosta links, il-katekist huwa liberu li jużahom, jew li jfittex oħrajn fuq l-istess tema. Nirrakommandaw li dawk ir-riżorsi <u>bil-Malti imħejjija mis-Segretarjat għall-Katekeżi flimkien mal-Media Centre Limited, jiġu wżati kif inhu indikat</u>.

Dan il-proġett ġie mfassal għall-konvenjenza tar-realtajiet li għandna fil-parroċċi, jiġifieri, jista' jintuża għal-laqgħat ta' siegħa u nofs darba fil-ġimgħa (imma b'waqfa deċenti nkella kulħadd jgħejja); jista' jintuża minn min jagħmel żewġ laqgħat jew aktar fil-ġimgħa, u jista' jintuża fuq bażi ta' mini-seminar. F'dan il-proġett hemm spazju u żmien biżżejjed għad-diskussjoniiet. Mill-proġett pilota li sar, l-adolexxenti stess indikawlna biċ-ċar li jixtiequ jiddiskutu u li għandhom għatx biex jitgħallmu. Għalhekk nemmnu **fil-ħiliet tal-katekisti li jmexxu diskussjonijiet imħejjija sewwa u dan għall-benefiċċju ta' kulħadd**.

Inħallu f'idejn il-kreattività tal-katekisti sabiex joħolqu xi attivitajiet fil-grupp kemm fil-klassi kif ukoll barra minnha. L-importanti hu li l-attivitajiet jiġu **wara** li t-tema tkun żvolġiet sewwa fil-laqgħat fil-grupp, u mhux tieħu post il-laqgħat. **L-attivitajiet għandhom ikunu frott il-laqgħat u mhux minflok il-laqgħat**.

Jalla dan il-Manwal Kateketiku jservi ta' għodda effikaċi f'idejn il-katekisti sabiex l-akkumpanjament kateketiku mal-adolexxenti bbażat fuq il-Kelma ta' Alla jgħinna nsaħħu r-relazzjoni ma' Alla, mal-oħrajn u magħna nfusna, hekk li tassew insiru komunità.

Sr Alexandra Chircop,
Ko-ordinatriċi

# Tqassim tal-Ħames Sena Kateketika għad-Dħul fil-Ħajja Nisranija




Figura 1

## Metodoloġija
## Ċiklu Kateketiku
## tal-Ħames Sena Kateketika għad-Dħul fil-Ħajja Nisranija




Figura 2

# Kapitlu 1

# NISKOPRU 'L XULXIN

# Tema 1

# INSIRU NAFU 'L XULXIN

Nibdew il-laqgħa billi flimkien inroddu s-Salib u ngħidu talba .

**L-Għan ta' din it-tema:**
Li l-adoexxenti jsiru aktar familjari mar-realtà li Alla dejjem ried u għadu jrid jikkomunika magħna b'diversi modi u manjiera u dan għaliex, Alla dejjem ried u għadu jrid li jkollu relazzjoni magħna. F'din ir-relazzjoni Alla, jixtieq jurina b'diversi modi u manjieri li jħobbna, u jixtiqilna l-ġid.

## Żvolġiment tal-laqgħa

**Qsim ta' esperjenzi**

- Żewġ persuni, li jkunu jixtiequ li jsiru jafu aktar lil xulxin x'jagħmlu?
- Xi jfittxu tnejn jew aktar f'xulxin biex ikunu jistgħu jibdew ħbiberija?

**Nitgħallmu - Storja**

Żewġ studenti fi skola partikulari, xtaqu li jsiru jafu aktar lil xulxin. Sħabhom kienu jafu b'din ix-xewqa tagħhom, imma ma kinux jafu kif din ix-xewqa tagħhom tista' ssir realtà.
Dawn iż-żewġ studenti kienu sa jieħdu sehem fil-kunċert annwali tal-iskola. Waħda kienet sa tkanta u l-oħra kienet sa tieħu sehem fid-drama. Marija, hekk kien jisimha dik li tkanta, xtaqet ħafna tkun ħabiba ta' Elaine dik li ser tieħu sehem fid-drama. Anke Elaine, xtaqet dan, imma ma kinux jafu kif ser jersqu lejn xulxin. Il-kunċert sar, u kulħadd : studenti, għalliema u ġenituri mar id-dar kuntent. Elaine bdiet taħseb u qalet lilha nnifisha: 'Nagħmel ftit kuraġġ u mmur insib lill-Marija u ngħidilha kemm kantat sabiħ fil-kunċert.' Elaine, hekk għamlet. Marija apprezzat ħafna dan il-kumpliment sinċier. Hi wkoll faħħret lil Elaine għas-sehem tajjeb tagħha fid-drama. Minn dakinhar 'il quddiem, Marija u Elaine saru jafu aktar lil xulxin u baqgħu ħbieb.
Bejn il-ħbieb dejjem hemm dik il-ħaġa komuni li jew iħobbuha u togħġobhom, jew jixtiequha, u lesti li jaħdmu għaliha u jissaportjaw lil xulxin għaliha. Meta l-ħbieb isibu din il-ħaġa bejniethom, tibda l-ħbiberija, ir-relazzjoni tassew.

**Diskussjoni:**

- Liema kienet dik il-ħaġa komuni li ġabet lil Marija u lil Elaine viċin ta' xulxin?

**Napplikaw it-tagħlim għall-għajxien ta' kuljum tal-ħajja tagħna Nisranija (Katekeżi)**

- Meta tnejn jixtiequ li jibdew relazzjoni ta' ħbiberija, dawn jibdew jikkomunikaw bejniethom. Aktar ma jikkomunikaw aktar isiru jafu lil xulxin, aktar tikber ir-relazzjoni ta' bejniethom. Il-ħbieb bejniethom jużaw diversi modi u manjieri sabex jikkomunikaw. Jistgħu jitkellmu wiċċ imb'wiċċ, jistgħu jużaw it-telefon, jistgħu jużaw l-internet.

- L-istess għamel Alla mal bniedem. Sa mill-bidu tal-ħolqien tal-bniedem, huwa jixtieq li j**ikkomunika imħabbtu lejn il-bniedem, Huwa dejjem jixtieq li jibni relazzjoni mal-bniedem**.

- Meta nisimgħu jew naqraw il-kelma **rivelazzjoni**, din tfisser li Alla **jikkomunika**, mal-bniedem sabiex jibni relazzjoni miegħu sabiex il-bniedem jiskopri tassew kemm Alla jħobbu.

- Bħalma l-ħbieb jużaw diversi mezzi u okkażjonijiet sabiex jikkomunikaw bejniethom hekk ukoll Alla, matul is snin juża diversi modi u manjieri sabiex jikkomunika, sabiex juri imħabbtu lejna, u sabiex jibni relazzjoni magħna l bnedmin. Aktar ma aħna l-bnedmin niskopru kemm Alla jħobbna, aktar nistgħu niskopru kif nistgħu nħobbu lil xulxin

L-affarijiet li Alla jixtieq li jikkomunika (jirrivela) mal-bniedem/mal-bnedmin kollha huma:
- Li Alla jħobb lil kull bniedem, iħobb lill-bnedmin kollha tad-dinja;
- Li Alla jixtieq il-ġid lil kull bniedem, lill-bnedmin kollha;
- Li Alla jixtieq li kull bniedem ikun tajjeb għalih innifsu u għall-oħrajn, għalhekk jixtiequ li jagħmel għażliet tajbin
- Li Alla bagħat lil Ibnu Ġesù sabiex isalvana u sabiex permezz ta' Ġesù naraw kemm Alla tassew iħobbna.

**Mezzi u manjieri differenti li Alla uża u għadu juża sabiex jikkomunikalna mħabbtu u sabiex jibni relazzjoni magħna:**

1. **Qabel ma twieled Ġesù, Alla wriena kemm iħobbna permezz**:

- tal-ħolqien. Alla wera imħabbtu u kemm jixtieq ġid lill-bniedem billi għamillu dinja sabiħa.




- **Alla kellu relazzjoni diretta, billi tkellem direttament** ma' diversi nies, fosthom: ma' Adam u Eva, (Ġen 2 u 3) ma' Abraham, (Ġen 12) ma' Mosè (Eż 3) Alla tkellem ma' bosta nies, inkluż, mal-adolexxent Samuel meta dan kien qiegħed jistrieħ.

- Matul iż-żmien, Alla, xorta waħda baqa' jitkellem mal-poplu. Huwa beda jwassal il-messaġġi tiegħu lill-poplu **permezz tal profeti**. Profeti bħal: Iżaija, Ġeremija, Daniel u oħrajn. Lil dawn u lil oħrajn, huwa kellimhom f'qalbhom. Dawn il-profeti, l-ewwel **kellmu** lill-poplu u wasslulhom il-messaġġ, imbagħad, sabiex dawn il-messaġġi jibqgħu, **kitbuhom**. Illum insibu dawn il-messaġġi, fil-Bibbja. Fil-Bibbja, li hija l-Kelma ta' Alla, insibu dawn il-messaġġi li Alla ried u għadu jrid jikkomunika mal-bnedmin kollha sabiex magħhom joħloq relazzjoni ta' mħabba. Nieħdu ftit eżempji oħra: Alla kellem lill-poplu tiegħu anke permezz tal-ġrajjiet tal-istorja tiegħu bħall-Eżodu – meta permezz ta' Mosè, il-Lhud ħarġu mill-Eġittu(Eż 12, 37-42), bħal meta ġew meħuda fl-eżilju f'Babilonja u r-ritorn tagħhom minn hemm. (2 Slat 24 u Esd 1 u 2)

2. **Meta twieled Ġesù**

- Alla bagħat lil Ibnu Ġesù fostna.
  - sa mit-twelid tiegħu u kemm dam jgħix Ġesù dejjem uriena kemm Alla jħobbna, kemm jixtiqilna ġid.
  - Permezz tat-tagħlim tiegħu Ġesu,

li huwa l-Iben ta' Alla, uriena kif għandu jkollna relazzjoni tajba ma' Alla, x'għandna nagħmlu biex ngħixu ta' persuni tajbin kemm għalina nfusna u kemm għall-oħrajn

- Fl-aħħar Ġesù, biex isalvana u biex jurina kemm tassew iħobbna, huwa stess bata, miet u qam mill-mewt. Dan kollu għamlu għalina ilkoll, huwa għamlu għall-**bnedmin kollha tad-dinja**. Dan kollu nsibu miktub fl-Evanġelju.

- L-Evanġelju li fih insibu l-ħajja kollha ta' Ġesu kemm dam fostna fuq din l-art. Huwa miktub għall-**<u>popli kollha tad-dinja</u>**. Il-**popli kollha** tad-dinja **huma l-poplu ta' Alla** għaliex Alla ħalaq lil kulħadd u huwa Missier kulħadd. Alla jixtieq li jkollna relazzjoni tajba miegħu sabiex inkomplu niskopru kemm huwa tassew iħobbna.

**3. Fiż-żmenijiet tal-lum Alla għadu jikkomunika magħna permezz:**

- **Tal-ħolqien**. Il-ħolqien kollu huwa r-rigal għalina mingħand Alla. Il-Ħolqien huwa d-dar tagħna lkoll. Permezz tal-ħolqien niskopru kemm Alla tassew iħobbna. Alla jixtieqna li nieħdu ħsiebu l-ħolqien.

- **Tal-Bibbja.** Fil-Bibbja nsibu tgħallim għall-ħajjitna kollha. Hija tgħinna ninbnew f'persuni b'karattru tajjeb kif jixtieqna Alla. Fil-Bibbja niskopru kif nistgħu nibnu u nsaħħu r-relazzjoni tagħna ma' Alla. Aktar ma' din ir-relazzjoni tkun qawwija aktar niskopru kemm Alla jħobbna




- **Xi tfisser il-Bibbja għalina, speċjalment l-Evanġelju?**

- **Tal-ġrajjiet li jiġrulna fil-ħajja tagħna ta' kuljum**, jekk noqogħdu attenti, naraw li Ġesù jrid jgħallimna xi ħaġa, eż. jiġuna okkażjonijiet biex ngħinu lil xulxin, biex nirrispettaw lil min hu ikbar minna, jiġuna okkazjonijiet biex naħfru lil xulxin, sabiex nifirħu mal-oħrajn, jew sabiex inħobbu tassew lill-oħrajn.

- **Tat-talb**: Kull ġurnata Alla jistedinna sabiex inkellmuh fit-talb tagħna, jiġifieri jistedinna sabiex niftħu qalbna miegħu, bħalma jagħmlu żewġt iħbieb li jitkellmu bejniethom u jgħidu kollox lil xulxin. Aktar ma jagħmlu dan aktar tikber il-fiduċja u r-rispett ta' bejniethom. Aktar ma niftħu qalbna ma' Alla aktar insiru nafu kemm Huwa jħobbna, aktar niskopru x'jixtieq minna. Aktar ma niftħu qalbna ma' Alla aktar insiru nafdawh.

- **X'qegħdin nagħmlu biex nikbru fir-relazzjoni tagħna ma' Ġesù?**

- **Tal-Knisja**: : Il-Knisja permezz tal Papa, tal-Isqfijiet, tal-Qassisin, u tal-Katekisti, u ta' persuni tajbin u ppreparati sew, tgħallimna nifhmu aħjar il-Bibbja, nifhmu aħjar l-imħabba ta' Alla għalina, nifhmu aħjar kif għandna nagħmlu għażliet tajbin fil-ħajja tagħna. Il-Bibbja tgħallimna li għandna nieħdu ħsieb il-ħolqien u tgħallimna ħafna affarijiet oħra sabiex ikollna relazzjoni tajba ma' Alla, sabiex inkunu persuni tajba u nħobbu lil

xulxin.

- **Il-Knisja kif qegħda tgħinna biex inżommu relazzjoni tajba ma' Alla?**
- **Bħala adolexxenti Nsara x'taħsbu li nistgħu nagħmlu biex inwasslu l-messaġġ lil sħabna li Alla jħobbna?**

**Mit-Tagħlim tal-Knisja Kattolika**

- *Katekiżmu tal-Knisja Kattolika* par. 50-66 u 325-327
- L-Enċiklika tal-Papa Franġisku: *Laudato Sii*.

**Mill-Kelma ta' Alla**

Infittxu fil-Bibbja din l-istorja: 1 Sam 3, 1-10




**Diskussjoni**

- X'fhimna minn din l-istorja ta' Samuel?
- X'nitgħallmu minnha din l-istorja ta' Samuel?
- X'naħsbu dwar ir-relazzjoni bejn Alla u Samuel?
- X'messaġġ naħsbu , li jrid iwassalilna il-Mulej permezz tal-istorja ta' Samuel?

**Sfida**

Matul din il-ġimgħa noqgħodu attenti għall-okkażjonijiet li jiġuna matul il-ġurnata: biex ngħinu lil sħabna, biex nirrispettaw lil min hu ikbar minna, u biex nieħdu ħsieb il-ħolqien. Insibu ħin biex naqraw u nisimgħu l-Kelma ta' Alla speċjalment waqt il-quddiesa.

**Nitolbu flimkien**

Open the eyes of my heart Lord




**Djarju**

Fid-Djarju tiegħek ikteb jew pinġi min Hu Alla għalik bħalissa, x'taħseb fuqu u x'tixtieq tgħidlu.

**Katekeżi Familja**

Naqraw flimkien fil-familja mill-Bibbja:

'Isma', O Iżrael Alla tagħna l-Mulej, il-Mulej waħdu. Ħobb mela lill-Mulej Alla tiegħek, b'qalbek kollha, b'ruħek kollha u b'saħħtek kollha . Żomm f'qalbek dan il-kliem u dawn il-kmandamenti li qiegħed nagħtik illum. Tennihom lil uliedek, u tkellem fuqhom meta tkun f'darek....'

Dewt. 6: 4-7

Nitolbu flimkien bħala familja:

Mulej Ġesù, għinna bħala familja, sabiex inkabbru r-relazzjoni tagħna miegħek agħtina l-kuraġġ, li ngħinu lill-oħrajn, speċjalment fil-familja tagħna sabiex din ir-relazzjoni inżomuha ħajja, permezz tal-Qari tal-Kelma Tiegħek fil-Bibbja, permezz tat-talb personali u tat-talb flimkien. Ammen.

# Kapitlu 1
# NISKOPRU 'L XULXIN

# Tema 2
# ALLA U L-HOLQIEN TIEGHU

Nibdew il-laqgħa billi flimkien inroddu s-Salib u ngħidu talba.

**L-Għan ta' din it-tema:**
Li l-adolexxenti jagħrfu li l-ħolqien kollu huwa frott l-imħabba ta' Alla, inkluż il-bniedem; li Alla jixtieqna li nieħdu ħsieb dan il-ħolqien  b'ħafna responsabbiltà.

## Żvolġiment tal-laqgħa

**Qsim ta' Esperjenzi**

- Meta nisimgħu l-kelma ħolqien fiex naħsbu?
- Il-kelma ħolqien hija l-istess bħal kelma ambjent?

Fit-tema ta' qabel rajna li Alla ikkomunika mal-poplu tiegħu u għadu jikkomunika magħna b'diversi modi u manjieri. F'din it-tema sa naraw kif Alla, ikkomunika u għadu jikkomunika magħna permezz tal-ħolqien.

**Naqraw mill-Kelma ta' Alla**

Ġen 1: 1-2:4

Naraw dan il-klipp:  Alla joħloq il-ħolqien kollu.




**Diskussjoni**

- X'fhimnu minn dan il-klipp?
- X'tgħallimna minnu li jista' jservi għall-ħajja tagħna?

**Nitgħallmu**

- L-ewwel ktieb tal-Bibbja jismu Ġenesi. Il-kelma **Ġenesi  tfisser 'Il-Bidu'**, '*beginnings*' Il-kittieb li kiteb il-ktieb tal-Ġenesi, uża simboli sabiex jgħinna nifhmu aktar aħjar  il-ġrajja tal-ħolqien minn Alla, li ġrat veru. L-aktar ħaġa importanti li nsibu fl-ewwel kapitli tal-Ġenesi hija: li Alla ħalaq kollox inkluż il-bniedem.  Bil-kelma ħolqien nifhmu: l-ambjent u l-bniedem, mhux l-ambjent biss.

- It-tul taż-żmien kemm dam Alla joħloq id-dinja mhux importanti. L-aktar ħaġa importanti hi li Alla ħalaq kollox. Il-ħolqien kollu huwa rigal ta' Alla. Kulma ħalaq Alla, kollox huwa tajjeb ħafna. Il-ħolqien kollu huwa rigal ta' Alla għalina.

- Fil-Bibbja nsibu li Alla  ra li kollox huwa tajjeb ħafna. **Kulma għamel Alla huwa tajjeb ħafna**. Alla għamel dan kollu għaliex ried jikkomunika magħna għax

Huwa jħobbna ħafna.

- Ix-xewqa kbira ta' Alla hi li jridna nieħdu ħsieb b'responsabbiltà kbira dan il-ħolqien kollu, li jinkludi lill-bniedem ukoll. Għalhekk meta aħna nieħdu ħsieb il-ħolqien, inkunu qed inwieġbu b'rispett lejn l-imħabba kbira ta' Alla lejna.

- Niftakru li *l-imħabba u r-responsabbiltà ma jinfirdu qatt*.

**Diskussjoni**

- X'nifhmu meta għidna li *l-imħabba u r-responsabbiltà ma jinfirdu qatt*?
- Xi jfisser dan għalina fil-ħajja ta' kuljum?

**Napplikaw it-tagħlim għall-għajxien ta' kuljum fil-ħajja tagħna Nisranija (Katekeżi)**

Minn dan il-qari tal-Ġenesi, aħna l-Insara nemmnu li:

- Alla **ħalaq** il-ħolqien kollu. **Il-ħajja kollha, kemm dak li jidher u anke dak li ma jidhirx, kollox huwa rigal** ta' Alla.

- **Alla huwa Kbir, u Qawwi,** huwa ħalaq kollox bil-qawwa tal-Kelma tiegħu. "U Alla qal: Ħa jkun id-dawl." U d-dawl sar. ... Ġen 1: 3 ff

- Alla **jinsab kullimkien**, insibuh fil-ħolqien kollu. Huwa preżenti kullimkien, u ma hemm l-ebda post li nistgħu nistaħbew minn Alla. Dan jagħmlu mhux biex jgħasses fuqna ħalli jikkastigana, imma jagħmlu għaliex **Hu jixtieq li jkun viċin tal-bniedem, ħalli l-bniedem qatt ma jħossu waħdu**.

- **Alla jaf kollox**. Huwa jaf il-passat, il-futur u l-preżent ta' kollox u ta' kulħadd.

- Alla huwa **għaref ħafna.** Wieħed mis-sinjali ta' dan huwa l-ħolqien. Huwa għamel kollox bil-ħsieb, ma għamel xejn bl-addoċċ jew b'kumbinazzjoni. Kollox għamel bil-għerf u bl-imħabba.

- Alla huwa **misteru**, jiġifieri li qatt m'aħna sa nifhmuh. L-importanti mhux li nifhmuh imma li **nemmnu li Alla jeżisti, u li nemmnuh jiġifieri li nemmnu li Alla, jħobb lil kull persuna b'mod personali, li Alla jħobb lill-bnedmin kollha tad-dinja**.

- **Alla la għandu bidu u lanqas tmiem. Huma minn dejjem għall dejjem**. La Hu għal dejjem, mela l-imħabba tiegħu lejna hi għal dejjem, jiġifieri ma tispiċċa qatt.

- Alla ħalla lilna l-bnedmin **responsabbli** tal-ħolqien biex nieħdu ħsiebu sewwa u mhux infarrkuh. Alla ma jridnix infarrku dak li għamel Hu b'tant imħabba.

**Diskussjoni**

- X'nifhmu biha li nħobbu u nieħdu ħsieb il-ħolqien kollu? Kif nistgħu nagħmlu dan?
- Inħossu li għandna nirringrazzjaw lil Alla tal-ħolqien kollu? Kif nistgħu nagħmlu dan fil-prattika?
- Kif inħossuna meta tafu li Alla jinsab kullimkien?
- Kif inħossuna li Alla jaf kollox?
- Li kieku kellna nitkellmu ma' xi ħabib dwar Alla, x'ngħidulu dwaru?
- Meta u fejn inħossu lil Alla l-aktar viċin tagħna?
- Meta nħarsu lejn il-ħolqien sabiħ li għamel Alla, xi nħossu? Alla jikkomunika magħna permezz tal-ħolqien, x'messaġġi qed jagħtina permezz tal-ħolqien tiegħu?

**Mit-Tagħlim tal-Knisja Kattolika**

Ara Katekiżmu tal-Knisja Kattolika 315-323 - Il-katekeżi tal-ħolqien

**Sfida**

Matul din il-ġimgħa nfittxu li nirringrazzjaw lil Alla għall-ħolqien kollu. Nagħmlu ħilitna li nieħdu ħsieb il-ħolqien.

**Inkantaw u nitolbu flimkien**

Salm 148




**Djarju**

Fid-Djarju tiegħek ikteb jew pinġi talba ta' ringrazzjament għall-ħolqien kollu u ikteb/pinġi x'qed tagħmel biex turi li qed tħobb u tieħu ħsieb il-ħolqien kollu.

**Katekeżi Familja**

Naqraw flimkien fil-familja mill-Kelma ta' Alla:

Salm 148

Hallelujah!
Faħħru l-Mulej mis-smewwiet,
faħħruh fl-ogħla smewwiet! … eċċ

Nitolbu flimkien bħala familja:
Nirringrazzjawk O Mulej tal-ħolqien kollu. Agħtina l-kuraġġ u l-għerf biex nieħdu ħsiebu kif tixtieqna Int. 'Jiena nemmen f'Alla wieħed, il-Missier li jista' kollox, li ħalaq is-sema u l-art, dak kollu li jidher u dak kollu li ma jidhirx.' Grazzi Mulej talli tħobbna tassew.

**Appendiċi**

**Mill-Ħajja tagħna l-Kattoliċi**

Il-Knisja Kattolika, għandha wieħed mill-eqdem osservatorji li bih jistudjaw l-kwiekeb, u dak kolu li hemm fl-univers. Dan ġie imwaqqaf fl-1582 mill-Patrijiet Ġiżwiti. Dan l-Osservatorju għandu żewġ postijiet ta' riċerka, wieħed fl-Italja f'Kastell Gandolfo u l-ieħor f'Tucson, Arizona, fl-Amerika. F'dan tal-aħħar,insibu teleskopju qawwi biżżejjed biex jistudja d-dawl sal-iktar postijiet imbiegħda fl-univers.

Dawn ix-xjentisti, aktar ma jistudjaw l-univers, aktar qed jaraw il-kobor ta' Alla li ħalaq dan kollu. Meta nistudjaw ix-xjenza, għandna niftakru biex infaħħru u nirringrazzjaw lil Alla tal-ħolqien kollu.

**Suġġerimenti għall-talb flimkien waqt il-laqgħa**

Creation Song




Brother Sun and Sister Moon



# Kapitlu 1
# NISKOPRU 'L XULXIN

# Tema 3
# IR-RIGAL TAL-ĦAJJA

Nibdew il-laqgħa billi flimkien inroddu s-Salib u ngħidu talba.

**L-Għan ta' din it-tema:**
Li l-adolexxenti jiskopru r-rigal tal-ħajja li Alla ta lil kull bniedem; u l-għan li għalih hu maħluq il-bniedem.

## Żvolġiment tal-laqgħa

### L-Ewwel Parti
### Ir-Rigal tal-Ħajja – Alla għamel il-bniedem xbieha Tiegħu

Meta Alla ħalaq lill-bniedem, Huwa ħalqu differenti mill-kumplament tal-ħolqien.

**Qsim ta' Esperjenzi**
- Meta nisimgħu il-kelma **bniedem** x'jiġina f'moħħna?
- X'naraw differenti bejn il-bniedem u l-kumplament tal-ħolqien?

**Mill-Kelma ta' Alla**
'Alla ħalaq il-bniedem fuq xbieha tiegħu, fuq xbihat Alla ħalqu, raġel u mara ħalaqhom.'

Ġen 1, 27

Jiena parti mill-ħolqien ta' Alla.




**Diskussjoni**
- X'fhimna minn din il-klipp?
- X'tgħallimna minnu li jiswa għall-ħajja tagħna?

**Nitgħallmu**
Alla huwa missierna daqskemm huma l-ġenituri tagħna. Għaliex? Għaliex aħna għandna ġisem u ruħ. Il-ġisem ġie mill-ġenituri tagħna filwaqt li ir-ruħ tahielna Alla. Il-ġisem bla ruħ huwa mejjet u r-ruħ bla ġisem hija spirtu u mhux bniedem. Il-ruħ ma tispiċċa qatt. Il-bniedem huwa komplut,

huwa sħiħ, huwa ħaj tassew  meta huwa ġisem u ruħ.
Meta Alla ħalaq lill-bniedem Huwa għamlu differenti mill-annimali u mill-kumplament tal-ħolqien.

**Napplikaw it-tagħlim għall-għajxien ta' kuljum fil-ħajja tagħna Nisranija (Katekeżi)**

Alla għamel lill-bniedem differenti mill-kumplament tal-ħolqien. Lill-bniedem huwa għamlu xbieha tiegħu. Dan ifisser:

- Lill-bniedem Alla tah *ir-rigal tal-libertà* – jiġifieri l-kapaċità li jagħżel it-tajjeb mill-ħażin.
- Tah il-*kapaċità  li jaħseb u li jirraġuna.*
- Tah il-*kapaċità li jidħol u jibni relazzjoni* - ħbiberija ma' Alla u ma' ħutu l-bnedmin.
- *Flimkien ma' Alla, li Huwa sid il-ħajja; frott tar-relazzjoni bejn raġel u mara jistgħu jitwieldu bnedmin oħra.*
- *Alla ta lill-bniedem, il-kapaċità u r-responsabilità li jieħu ħsieb il-ħolqien kollu, dak li jidher u anke dak li ma jidhirx bl-għajnejn naturali,(nistgħu narawh b'mikroskopju jew mezzi oħra xjentifiċi) dak li huwa viċin tal-bniedem u dak li huwa 'l bogħod mill-bniedem bħall-univers.*
- Fil-Bibbja nsibu li meta Alla ħalaq lill-bniedem Huwa għamlu xbieha tiegħu. Alla m'għandux ġisem, mela ħadd ma jista' jixbhu f'wiċċu u f'ġismu. *Meta Alla ħalaq lill-bniedem xbieha tiegħu, dan ifisser li l-bniedem hu kapaċi jħobb u jaċċetta li jiġi maħbub.*
- *Il-bniedem għandu l-kapaċità li jagħraf li Alla jħobbu, għandu l-kapaċita li jwieġeb għal din l-imħabba billi jħobb lil Alla b'diversi modi u manjieri, l-annimal ma jistax jagħmel dan. L-annimali jimxi bl-istint eż. l-annimali ma jidħlux f'relazzjoni ta' mħabba bħal bniedem; l-annimali ma jikkomunikawx bħal bniedem.. Il-kumplament tal-ħolqien jimxi bl-istint naturali tagħu u biċ-ċiklu tan-natura. Il-bniedem jimxi bir-raġuni – il-bniedem għandu moħħ li bih jista' jaħseb.*

**Diskussjoni**

- Kif nistgħu taraw l-imħabba ta' Alla f'ħajjitna?
- Kif nistgħu inħobbuh lura lil Alla?
- Xi jfisser għalina il-kliem: il-ħajja hija rigal? Kif tarah dan?
- Semmu kif nistgħu nieħdu ħsieb dan ir-rigal tal-ħajja li tana Alla.

**Tagħlim tal-Knisja Kattolika**

- *Katekiżmu tal-Knisja Kattolika* par. 355-373

## It-Tieni Parti
## Ix-Xewqa ta' Alla għal kull bniedem

**Nitgħallmu**

Meta Alla ħalaq lill-bniedem ma ħalqux bl-adoċċ jew b'kumbinazzjoni. Il-Knisja Kattolika fit-tagħlim tagħha tgħidilna li Alla jixtieq li jkollna relazzjoni kontinwa miegħu. Bħal kull relazzjoni oħra bejn il-bnedmin, Alla jixtieq li ***nagħrfuh***. *Aktar ma nagħrfuh jiġifieri aktar ma nidħlu f'relazzjoni ma' Alla bħala missierna, aktar insiru* ***nħobbuh***. *Aktar ma nħobbuh aktar* ***naqduh*** *f'ħutna l-bnedmin,u filli nieħdu ħsieb il-ħolqien. Fl-aħħar, Alla, għaliex iħobbna ħafna, jixtieqna li wara din il-ħajja imorru* ***ngawduh*** *għal dejjem fil-ġenna.*

**Napplikaw dan it-Tagħlim għall-għajxien ta' kuljum fil-ħajja tagħna Nisranija (Katekeżi)**

Kemm indumu ħajjin, kull wieħed u waħda minna, Alla jixtieqna li **nagħrfuh** jiġifieri li nsiru nafu dejjem aktar dwaru, **Alla jixtieqna li niskopruh ftit, ftit matul il-ħajja tagħna**.

Dan jista' jsir b'diversi modi. Nistgħu insiru nafu lil Alla dejjem aktar:

- mill-ħolqien stess
- mill-Bibbja

- mit-tagħlim tal-Knisja Kattolika, nistgħu nagħrfuh mit-tagħlim tal-katekisti u minn dawk in-nies tajbin li jixtequlna l-ġid.
- nistgħu nagħrfuh mill-ġrajjiet li ngħaddu minnhom kuljum, kemm aħna u kemm dawk ta' madwarna.

» Alla jixtieqna li **nħobbuh**. Jiġifieri jixtieqna li jkollna relazzjoni miegħu u li nħobbuh.

  - Ħadd fid-dinja ma jista' jħobbna daqkemm iħobbna Alla. ( Ġw. 4: 16) Meta nafu li xi ħadd iħobbna, ikun jixtieq li nħobbuh. Waħda mill-modi kif aħna wkoll nistgħu nħobbu lil Alla hija billi nafdawh totalment, jiġifieri meta lil Alla ngħidulu minn qalbna sabiex jieħu ħsiebna, meta ngħidulu jiena nafda fik. Tnejn li huma ħbieb tassew jafdaw lil xulxin u jieħdu ħsieb xulxin. Alla hekk ukoll jixtieqna li nafdawh. Aktar ma nafdawh aktar nikbru fil-fiduċja lejh.

  - Alla dan jixtieq minna li nħobbuh, li kemm jista' jkun nibqgħu ħbieb miegħu. Anki meta l-ħbiberija tagħna miegħu nfarrkuha xi ftit, Hu jibqa' jistenniena sabiex ngħidulu 'sorry', u nerġgħu nagħmlu ħbieb.

  - Billi Alla ma ħalaqniex waħidna, aħna ngħixu mal-oħrajn, jixtieqna li nħobbu lill-oħrajn, għaliex meta nħobbu lill-oħrajn inkunu qed inħobbu lil Alla wkoll. Il-bniedem tajjeb jaf iħobb tassew. Għalhekk Alla jixtieqna li nkunu persuni tajbin ħalli nħobbuh fil-verità.

  - Ir-relazzjoni tagħna ma' Alla, tissaħħaħ ħafna permezz tat-talb. Kull meta nitkellmu ma' Alla fit-talb tagħna, inkunu qisna żewġt iħbieb li jiftħu qalbhom ma' xulxin.

» Alla jixtieqna li **nservuh**, jiġifieri jixtieqna li l-imħabba ta' Alla lejna u aħna lejh, naqsmuha mal-oħrajn ukoll, mal-ħolqien kollu inkluż il-bniedem.

» Alla jixtieqna li wara din il- ħajja inkomplu **ngawduh għal dejjem**.

  - Ix-xewqa ta' Alla għall-bniedem hija xewqa ta' mħabba kompluta, imħabba sħiħa, għalhekk Alla li jixtieqna li mmorru ngawduh għal dejjem.

Dawn l-erba' xewqat ta' Alla huma għal kull bniedem. Jekk naħsbu ftit fuqhom naraw kemm Alla jixtieq minna affariijiet sbieħ, affarijiet li jferrħuna. Alla jixtieq minna relazzjoni u ħbiberija.

**Mit-Tagħlim tal-Knisja Kattolika**
- *Katekiżmu tal-Knisja Kattolika* par. 1-3, u 27

**Mill-Kelma ta' Alla**
Naqraw mill-Evanġelju skont San Mark 12, 29-31.




**Napplikaw it-tagħlim għall-għajxien ta' kuljum fil-ħajja tagħna Nisranija (Katekeżi)**

- Fl-Evanġelju Ġesù għamilhielna ċara li l-ewwel kmanadament - li tħobb lil Alla b'qalbek kollha jfisser
  - bl-azzjonijiet tiegħek kollha
  - b'ruħek kollha – ifisser bl-ispirtu tiegħek
  - b'saħħtek kollha – ifisser b'ġismek kollu
  - b'moħħok kollu – ifisser bil-ħsibijiet tiegħek kollha.

Frott dan kollu, ħobb lilek innisfek, għaliex jekk ma tagħmilx dan lanqas miegħek innifsek, ma tkunx tista' tħobb lil għajrek.

### Diskussjoni

- Kif nistgħu ngħixu dan l-ewwel kmandament fil-ħajja tagħkom ta' kuljum?
- Hu faċli li tagħmlu dan?

### Sfida

Matul il-ġimgħa nfittxu fil-Bibbja u naqraw biċċa mis-Salm 136, 1-4, nipprovaw wkoll inkunu persuni tajba ma' kulħadd, anke f'dawk l-affarijiet iż-żgħar li normalment ma nagħtux kashom, jew li ħadd ma jarahom... imma Alla jarahom.

### Inkantaw u nitolbu flimkien

God's love is big




### Djarju

Ikteb jew pinġi kif bħalissa qed tħobb lil Alla u taqdih speċjalment fil-ħolqien kollu inkluż il-bniedem.

### Katekeżi fil-familja

Naqraw flimkien fil-familja mill-Bibbja:

Roddu ħajr lill-Mulej, għax hu tajjeb,
għax għal dejjem it-tjieba tiegħu.
Roddu ħajr lil Alla fuq l-allat,
għax għal dejjem it-tjieba tiegħu.
Roddu ħajr lis-Sid tas-sidien,
għax għal dejjem it-tjieba tiegħu.
Hu waħdu għamel għeġubijiet kbar,
għax għal dejjem it-tjieba tiegħu.
Hu li għamel is-smewwiet bil-ħsieb,
għax għal dejjem it-tjieba tiegħu
Li firex l-art fuq l-ilmijiet,
għax għal dejjem it-tjieba tiegħu.
Li għamel id-dwal il-kbar,
għax għal dejjem it-tjieba tiegħu.
Għamel ix-xemx biex taħkem fuq il-jum,
għax għal dejjem it-tjieba tiegħu.
Il-qamar u l-kwiekeb biex jaħkmu fuq
il-lejl għax għal dejjem it-tjieba tiegħu

Salm 136 1-9.

Nitolbu flimkien bħala familja:

Mulej, għinna sabiex bħala familja nkomplu ngħinu lil xulxin sabiex nikbru aktar fir-relazzjoni ta' ħbiberija miegħek, dan nitolbuk permezz ta' Ommna Marija, li għarfitek, ħabbitek, qdietek bis-sħiħ, u issa qiegħda tgawdik għal dejjem. Ammen.

# Kapitlu 1
# NISKOPRU 'L XULXIN

# Tema 4
# IR-RISPETT LEJN ID-DINJITÀ TAL-PERSUNA U TAL-OHRAJN

Nibdew il-laqgħa billi flimkien inroddu s-Salib u ngħidu talba.

**L-Għanijiet ta' din it-tema:**
- Li l-adolexxenti jiskopru xi tfisser il-kelma dinjità
- Jiskopru xi tfisser fil-prattika li Alla ta din id-dinjità lil kull bniedem u li kull bniedem għandu l-ewwel nett jieħu ħsieb id-dinjità tiegħu.
- Li l-adolexxenti jiskopru li għandhom id-dmir u r-responsabbiltà li jieħdu ħsieb id-dinjità tal-oħrajn. (*2 parti tal-laqgħa*)

## Żvolġiment tal-laqgħa

### L-Ewwel Parti
### Id-dinjità tal-persuna

**Mill-esperjenza tagħkom**
- Il-kelma dinjità x'nifhmu biha?
- X'nifhmu bil-kliem, li kull bniedem għandu dinjità?

Naraw flimkien dan il-klipp (A1 fuq il-*pendrive*): **Nirrispetta lili nnifsi**.

wara

Naraw it-tieni klipp (A2 fuq il-*pendrive*), bl-istess tema, imma mill-aspett pożittiv.

- X'naħsbu dwar dawn iż-żewġ klipps?
- X'inhi d-differenza ta' bejniethom?
- X'tgħallimna minnhom speċjalment rigward id-dinjità tal-persuna?
- X'inhi d-differenza bejn *self-respect/ self-love* u *selfishness*?
- X'nifhmu b'dan: *Jekk ma tħobbx lilek innifsek, ma tistax tħobb lil ħaddieħor*?
- X'konnessjoni għandu dan mad-dinjità tal-persuna?
- Kulħadd jista' jkollu mumenti fejn għal xi raġuni jew jonqos hu direttament mir-rispett lejh innifsu, jew xi ħadd iweġġgħu u jispiċċa b'nuqqas ta' rispett. F'mumenti hekk x'nagħmlu? Ningħalqu fina nfusna? Inkomplu ngħoddsu l-isfel? Noqgħodu nċemplu lill-ħbieb ? Nersqu lejn Alla, li tant iħobbna?

Naraw flimkien dan il- klipp: (B1 fuq il-*pendrive*): **L-inġustizzja mhix rispett**.

wara

Naraw dan il-klipp (B2 fuq il-*pendrive*) – mill-aspett pożittiv.

- X'naħsbu dwar dawn iż-żewġ klipps?
- X'inhi d-differenza ta' bejniethom?
- X'tgħallimna minnhom speċjalment rigward id-dinjità tal-persuna?

**Nitgħallmu**

Id-dinjità tal-persuna ġejja mill-fatt li l-bniedem hu maħluq xbieha ta' Alla. (1 Ġen 1, 26-27).
Alla huwa spirtu, m'għandux ġisem bħal

tagħna. Meta ngħidu li aħna maħluqin xbieha ta' Alla jfisser, li bħal Alla, li jħobbna ħafna, aħna nistgħu inħobbu u naċċettaw li niġu maħbuba u dan nistgħu nagħmluH billi nidħlu f'relazzjoni Miegħu. Dan ifisser li Alla jixtieqna li nirrispettaw lilu u lilna nnfusna. Alla ma jrid lil ebda bniedem ikun skjav ta' ħaddieħor, jew jaħqar, jew iweġġa' lil ħaddieħor.

Il-Knisja fit-tagħlim tagħha tgħallimna xi jfisser u kif għandna ngħożżu din id-dinjità li tagħna Alla.

***It-Tagħlim Soċjali tal-Knisja Kattolika*** jgħallimna, li kull bniedem għandu valur, jistħoqqlu rispett kbir.

**Mit-Tagħlim tal-Knisja Kattolika**

*Katekiżmu tal-Knisja Kattolika* u *Kompendju tal-Katekeżmu tal-Knisja Kattolika*, par. 358

**Napplikaw it-tagħlim għall-għajxien ta' kuljum fil-ħajja tagħna Nisranija (Katekeżi)**

Sabiex il-bniedem jgħożż din id-dinjità li tah Alla stess, irrid jiftakar li:

- għandu jirrispetta lilu nnifsu l-ewwel jekk irid li jiġi irrispettat
- għandu jieħu ħsieb saħħtu. Meta nieħdu ħsieb saħħitna nkunu qed nieħdu ħsieb ħajjitna u d-dinjità tagħna li hija rigal ta' Alla
- għandu jħobb lilu nnifsu billi
  - jagħmel għażliet tajbin għal ħajja tiegħu
  - jagħti ċans lilu nnifsu li meta jagħmel xi żball, jammetti li għamel dan u jipprova jirranġa
  - jaħdem għall-ġustizzja miegħu nnifsu u mal-oħrajn
  - jkompli jitgħallem dwaru nnifsu u jfittex li jkompli jeduka lilu nnifsu biex hekk isir bniedem aktar għaref u għaqli, u fl-istess waqt jkompli jitgħallem dwar Alla, għaliex aktar ma jagħraf lil Alla aktar jagħraf lilu nnifsu, u jkun kapaċi jħobb lill-oħrajn.
- Inkomplu fuq it-tema tar-rispett lejn id-dinjità tal-persuna. Din id-darba nħarsu lejha mill-aspett realistiku, li minkejja r-rieda tajba u l-qalb it-tajba, jibqa' l-fatt li l-inġustizzja mhix rispett! Min jagħmel xi inġustizzja ma jkunx qed jirrispetta d-dinjtà tiegħu.
- Xi kultant tisimgħu lil xi ħadd jgħidilkom: 'Jekk tħobbni lest li tagħmel hekk għalija... Jekk tirrispettani tassew, mela għinni nagħmel din u din il-ħaġa.' Sakemm tkun ħaġa tajba, tajjeb li ngħinu lil xulxin, imma meta ma tkunx ħaġa tajba, wieħed irid jaħsibha sewwa, anzi m'għandux jagħmilha. Barra dan, meta persuna tirrispettak tassew ma toqgħodx tgħidlek: 'Jekk tħobbni tassew...mela agħmel hekk u hekk.' Min iħobbok tassew ma jagħmillekx kundizzjonijiet.

**Naqraw Mill-Kelma ta' Alla**

Mk 12, 30-32




**Diskussjoni**

- Dan il-qari mill-Evanġelju x'nifmhu bih?
- Bħala Kristjani kif nistgħu nħobbu aktar lilna nfusna u lil Alla?

**Sfida**

Matul il-ġranet li ġejjin, naħsbu u npoġġu fil-prattika kif nistgħu nirrispettaw aktar id-

dinjità tagħna.
Niftakru dejjem li lilna Alla jħobbna b'imħabba speċjali u personali. Aħna prezzjużi għalih.

**Inkantaw u nitolbu flimkien**

Butterfly song




**Djarju**

Fid-djarju tiegħek ikteb jew pinġi dak li qed tagħmel biex tirrispetta aktar lilek innifsek u d-dinjità tiegħek.

## It-Tieni Parti
## Nirrispettaw id-Dinjità tal-Oħrajn

**Mill-esperjenza tagħkom**

- X'nifhmu bil-kliem tieħu ħsieb id-dinjità tal-oħrajn?

Naraw flimkien dan il-klipp (C1 fuq il-*pendrive*): **Ir-rispett u l-kuraġġ**

**Niddiskutu**

- X'jidhrilna minn dan il-klipp li għadna kemm rajna?
- X'realta' jippreżentalna?
- X'messaġġ qed iwasslilna?
- Li kieku aħna konna fl-istess sitwazzjoni, x'konna nagħmlu? Indawwru wiċċna n-naħa l-oħra?
- Li kieku konna aħna f'sitwazzjoni simili, rridu li xi ħadd idawwar wiċċu u ma jagħtix kas tagħna?
- F'dan il-klipp, id-dinjità ta' min qed tiġi mkasbra, imfarrka?
- Nistgħu insemmu kif fl-età u fiċ-ċikustanzi tagħna tista' tiġi mfarrka d-dinjità tal-oħrajn permezz tagħna?
- Ngħixu f'soċjetà b'etajiet differenti u bi rwoli differenti, nħossuna li qed nuru biżżejjed rispett lejn tal-familja, lejn l-għalliema, lejn l-adulti, lejn l-anżjani, lejn l-aworità in ġenerali? X'naħsbu li hi r-raġuni li xi wħud iħossuha bi tqila li juru dan ir-rispett lejn dawn il-persuni fis-soċjetà? Naħsbu li n-nuqqas ta' rispett lejn l-aworità in ġenerali qed jonqos? Għaliex?
- Ġieli ħsibna li bin-nuqqas ta' rispett lejn l-aworità nkunu qed inkasbru d-dinjità ta' bosta persuni, inkluż tagħna stess?

Naraw flimkien dan il-klipp (C2 fuq il-*pendrive*): **Ir-rispett u l-kuraġġ**

- X'naħsbu dwar dan il-klipp?
- Nammiraw il-kuraġġ ta' dan l-adolexxent?
- X'naħsbu li ġagħlu jaqbeż għal sieħbu?
- Kieku intom kontu f'xi sitwazzjoni hekk, x'kontu tagħmlu?
- Kontu tixtiequ li ħaddieħor jagħmel lilkom ġest hekk kuraġġuż?
- F'dan il-klipp, id-dinjità ta' min qed tiġi onorata?
- X'naħsbu li kien il-messaġġ li ħadu l-kumplament tal-grupp?
- Nistgħu insemmu, kif fl-età tagħkom u fiċ-ċirkustanza tagħkom nistgħu nonoraw u nirrispettaw id-dinjità tal-oħrajn?
- Ir-reliġjon nisranija tgħallimna li l-kuraġġ huwa wieħed mill-virtujiet umani u Kristjani li permezz tiegħu nistgħu nagħmlu għażliet tajbin fil-ħajja tagħna. X'naħseb dwar dan?
- Għandkom xi esperjenzi simili fejn xi ħadd wera kuraġġ minħabba fikom? X'ħassejna? X'tgħallimna?
- X'naħsbu dwar ir-rispett, l-imħabba u l-kuraġġ ta' Ġesù li miet għalina ilkoll sabiex isalvana?

**Naqraw mill-Kelma ta' Alla**

Il-Kmandament il-Kbir

Mt 22, 36-40

"ghax Alla ma taniex spirtu ta' biża', imma Spirtu ta' qawwa, ta' mħabba u ta' rażan"
2 Tim 1, 7

**Diskussjoni**

- X'tgħallimna minn dawn iż-żewġ siltiet?
- Liema huma dawk il-mezzi importanti ħafna li nsibu f'dawn is-siltiet sabiex negħlbu l-biża' li ftit jew wisq ilkoll ikollna?
- X'inhi l-konnessjoni ta' dan il-qari mal-klipp li għadna kemm rajna?

**Nitgħallmu**

Il-virtujiet tal-bniedem - il-virtujiet kardinali:

Il-virtujiet kardinali jissejħu l-virtujiet tal-bniedem, jew il-virtujiet umani għaliex kull bniedem jista' jipprattikahom fil-ħajja tiegħu. Jissejħu kardinali, għaliex din il-kelma tfisser iċ-ċappetti tal-bieb. Bħalma bieb ma jistax jiffunzjona sew mingħajr iċ-ċappetti (*hinges*) lanqas il-bniedem ma jista' jgħix ħajja tajba mingħajr dawn il-virtujiet li huma: Il-kuraġġ/il-qawwa, il-prudenza, il-ġustizzja u t-temperanza (*self control*).

**Mit-Tagħlim tal-Knisja Kattolika**

*Katekiżmu tal-Knisja Kattolika* par. 1804-1809

**Napplikaw it-tagħlim għall-għajxien ta' kuljum fil-ħajja tagħna Nisranija (Katekeżi)**

- Il-kuraġġ għandu ħafna konnessjoni mar-rispett u mad-dinjità tal-persuna kemm tiegħek innifsek, kif ukoll tal-oħrajn.

- Il-kuraġġ huwa virtù, jiġifieri dik il-ħaġa tajba li nitgħallmu minn ta' madwarna jew minn xi storja tajba, speċjalment mill-Bibbja u nippruvaw ngħixuha fil-ħajja tagħna. Fost il-ħafna nies kuraġġużi li nsibu fil-Bibbja, insibu wkoll liż-żagħżugħ Danjel. Danjel kien isaħħaħ il-kuraġġ tiegħu bit-talb, billi jafda f'Alla u billi jgħid il-verità.

- It-talb u l-kuraġġ imorru flimkien.

- It-tifel/tifla kuraġġuż/a mhumiex dawk li jgħajtu, li jsabbtu saqajhom u idejhom fuq il-mejda, imma dawk li jitkellmu bil-kalma kemm jista' jkun, dawk li jgħidu l-verità fuqhom infushom u fuq l-oħrajn.

- Ħafna drabi l-kuraġġ u l-verità jmorru flimkien. Tajjeb li ngħidu l-verità bl-imħabba, u mhux b'xi ħsieb ieħor ġo rasna.

- Mill-għażliet tajbin li nagħmlu nuru kemm aħna persuni kuraġġużi.

- It-tifel/tifla li jkunu kuraġġużi fl-affarijiet it-tajba jkunu ammirati minn kulħadd.

- Ma nħawdux il-kuraġġ mal-pružunzjoni - xi ħadd pružuntuż, ifisser persuna li jkun irid jidher hu u ma jagħtix kas ta' ħaddieħor; dan ftit li xejn jirrispetta d-dinjità tiegħu u wisq inqas tal-oħrajn.

- Flimkien mal-kuraġġ, mal-imħabba u mal-kontroll fuqna nfusna, għanda bżonn ukoll tal-ġustizzja. Biex inkunu *fair*,hemm bżonn li nkunu kuraġġużi u nkunu nafu l-verità dwar l-affarijiet.

- Għalhekk jekk nagħqdu flimkien: il-kuraġġ/il-qawwa, l-imħabba, il-ġustizzja u l-kontroll fuqna nfusna, ma nibqgħux nibżgħu ħafna.

Bħala konklużjoni ta' dawn iż-żewġ partijiet ta' din it-tema naraw flimkien dan il-klipp
(D fuq il-*pendrive*): **Id-dinjità tal-bniedem mill-Kelma ta' Alla u mit-Tagħlim tal-Knisja**

**Sfida**

Matul il-ġimgħa li ġejja, noqgħodu ftit fil-kwiet, fil-kamra tagħna, jew aħjar f'xi knisja quddiem Ġesù u ngħidulu sabiex jimliena bl-imħabba u l-kuraġġ. Jekk tiġina xi okkażjoni sabiex nirrispettaw lill-oħrajn, infittxu li ma nitilfuhiex. Nistaqsu lilna

nfusna: nixtiequ li ħaddieħor jirrispettana? Mela nfittxu li nippruvaw nirrispettaw lill-oħrajn dejjem u kullimkien.

**Inkantaw u nitolbu flimkien**

Love one another (video)




**Djarju**

Fid-djarju tiegħek ikteb jew pinġi xi esperjenza li kellek fejn b'kuraġġ kbir urejt rispett u mħabba lejn l-oħrajn, jiġifieri, kellek okkażjoni fejn tassew kont nisrani tajjeb.
Ikteb jew pinġi talba lil Ġesù sabiex jimliek bil-kuraġġ u b'ħafna mħabba lejn l-oħrajn.

**Katekeżi Familja**

Naqraw flimkien fil-familja mill-Bibbja: 1 Kor. 13, 1-3

Nitolbu flimkien bħala familja:

Mulej, għinna nimtlew bl-imħabba u bil-kuraġġ ħalli l-imħabba u r-rispett lejn xulxin bħala familja jkompli jikber. Dan nitolbuh flimkien ma' Ommna Marija li kienet mara kuraġġuża ħafna u taf tħobb ħafna. Ammen.

# Kapitlu 2
# IL-KOMUNITÀ NISRANIJA
## Tema 1
## NISKOPRU L-EWWEL KOMUNITÀ NISRANIJA

Nibdew il-laqgħa billi flimkien inroddu  s-Salib u ngħidu talba .

**L-Għan ta' din it-tema**

Li l-adolexxenti jsiru aktar familjari mat-tifsira tal-kelma komunità, mal-impenn li għandha l-komunità lejn l-individwi u jiskopru l-mudell tal-komunità Nisranija.

### Żvolġiment tal-laqgħa

**Qsim ta' esperjenzi**

- X'nifhmu bil-kelma komunità?
- Għaliex il-komunità hija xi ħaġa importanti u bżonnjuża fil-ħajja tagħna?

Naraw dan il-klipp flimkien.
What makes a good community?




**Diskussjoni**

- X'fhimtu minn dan il-klipp?
- X'valuri tajbin joħorġu minn dan il-klipp?
- X'tgħallimtu minn dan il-klipp?

**Nitgħallmu**

1. **Il-komunità soċjali**

**Min xiex hi magħmula l-komunità?**

- Il-komunità hija magħmula minn nies.
- Il-komunità ma nistgħux nixtruha, ma nistgħux nikruha, ma nistgħux nissellfuha, **imma nistgħu nibnuha flimkien**. Għaliex il-komunità hija inti u jiena, intom u jiena lkoll flimkien. Hekk kif nitwieldu insiru parti mill-komunità. Aktar ma nikbru aktar insiru parti mill-komunità, billi nitgħallmu kif ngħixu fil-komunità u nitgħallmu d-doveri tagħna lejn il-komunità.
- Kull wieħed u waħda minna huwa/hija importanti għall-komunità u fil-komunità, għaliex ilkoll għandna x'noffru lill-komunita u x'nitgħallmu mill-komunità.
- Ħafna nies dejjem igergru x'tista' tagħmel il-komunità għalihom; bħala adolexxenti li qed nikbru fil-komunità għandna nsaqsu lilna nfusna: jiena x'nista' nagħmel fil-komunità tal-lokalità tiegħi?

- Kull persuna hija importanti u meħtieġa għall-komunità, għaliex kull persuna żgħira, adolexxenti, żagħżugħa, adult, anzjan, dawn kollha għandhom ħafna affarijiet x'joffru lill-komunità, u fil-komunità.

- Kull komunità hija magħmula minn persuni ta' karaterristiċi differenti: eż. minn iħobb l-isports, kant, żfin, arti, kulħadd b'xogħol differenti, min hu student, min hu anzjan u bil-pensjoni, min jaħdem mid-dar, min hu bennejj, diversi ħidmiet. F'kull komunità nsibu persuni b'missjoni differenti: min hu miżżewweġ, min hu *single*, min qiegħed f'relazzjoni, min għadu jistudja, min hu qassis jew soru jew patri, min hu armel jew armla. Kull persuna għandha t-talenti u l-kapaċitajiet tagħna. Fil-komunità għandna bżonn xulxin.

- Kull komunità għandha leader jew grupp ta' leaders.

- Kull komunità għandha set ta' valuri li lkoll jemmnu fihom u jippruvaw jgħixuhom kemm bħala individwi u kemm ilkoll flimkien.

**Għaliex hija importanti l-komunità?**

- Mingħajr komunità ma nistgħux ngħixu. Ilkoll għandna bżonn xulxin.

- Il-komunità hija l-post fejn inħossuna aċċetatti aħna kif aħna, jekk aħna sinjuri jew le, jekk aħna twal qosra, imbaċċin jew irqaq, huma x'inhuma l-abilitatjiet tagħna, hu x'inhu l-kulur tagħna, nħossuna aċċetatti.

- Fil-komunità nista' nkun jien bil-karattru u bil-personalità tiegħi.

- Huwa fid-dover tiegħi bħala ċittadin, li nirispetta kull membru tal-komunità, li nirrispetta lill-komunita kollha u li ngħin b'diversi modi sabiex il-komunità ssir aħjar.

**X'jagħmel komunità tajba?**

- Dak li jagħmel komunita tajba huma l-valuri tajbin li l-komunita tipprattika. Dawn nitgħallmuhom minn xulxin bil-kliem, bil-kitba fuq kollox bl-eżempju t-tajba li nagħtu lil xulxin.

- Fil-komunita nitgħallmu naċċettaw lil xulxin anke jekk l-opinjoni tagħna tkun differenti minn ta' xulxin.

- Fil-komunità Nisranija, nagħmlu dan kollu, imma nagħmluh skont ma' jgħallimna Ġesù Kristu.

2. **<u>Il-Komunità Nisranija</u>**

- X'nifhmu bil-kliem: komunità Nisranija?
- Fil-ktieb tal-Atti tal-Appostli naqraw dwar l-Ewwel komunità Nisranija, niftakru xi ħaġa dwar dan?

**<u>Mill-Kelma ta' Alla</u>**

Atti 2, 45-47




**<u>Diskussjoni</u>**

- X'tgħallimna minn dan il-klipp?
- Fil-ftit esperjenza tagħna, naħsbu li kif kienu jgħixu l-ewwel insara għandu x'jgħallimna llum?
- X'eżempji tajba jagħtuna l-ewwel Insara?

**<u>Napplikaw it-tagħlim għall-għajxien ta' kuljum fil-ħajja tagħna Nisranija (Katekeżi)</u>**

- Il-komunità Nisranija, hija komunità ta' fidi li temmen f'Ġesù Kristu.

- Il-komunità Nisranija hija l-Knisja.

- Il-Knisja mhix magħmula mill-ġebel, hija magħmula minnek u minni. Aħna nsiru parti mill-komunità nisranija bil-Magħmudija.

- L-ewwel komunità nisranija ma kellhomx bini fejn jiltaqgħu, kienu jiltagqħu fid-djar ta' xulxin, imma xorta kienu komunità, xorta kienu knisja.

- Fil-Ktieb tal-Atti tal-Appostli (il-ktieb li jirrakkontalna dak kollu li għamlu l-appostli wara li niżel fuqhom l-Ispirtu s-Santu), insibu li l-ewwel komunità nisranija kellha dawn il-karatteristiċi:

  1. kienu jitgħallmu flimkien dwar Ġesù Kristu, kienu jitolbu flimkien, kienu jersqu għat-tqarbin
  2. kienu jinħabbu ħafna bejniethom
  3. kienu jaqsmu kollox bejniethom – kienu jgħinu lil xulxin; kienu ġenerużi ma'xulxin
  4. kienu jgħaddu ħin flimkien bħala ħbieb

**In-nies kollha kienu jirrispetttawhom għaliex kienu jinħabbu bejniethom.**

- Kienu magħqudin flimkien, permezz tat-tagħlim dwar Ġesù Kristu u permezz tat-tqarbin. Ġesù Kristu kien iċ-ċentru tal-ħajja tagħhom, għalhekk kienu jinħabbu ħafna.

- Dawk l-erba' affarijiet li kienet tagħmel l-ewwel komunità flimkien, nagħmluhom aħna wkoll bħala komunità nisranija bħala Knisja

- Bħala Knisja aħna llum ukoll aħna:
  - **nitolbu** flimkien, u **niċċelebraw flimkien** s-sagramenti u l-festi,
  - **nitgħallmu** flimkien dwar Ġesù Kristu u dwar it-tagħlim tiegħu u t-tagħlim tal-istess Knisja,
  - **niltaqgħu** flimkien f'diversi okkażjonijiet kemm ta' ferħ u kemm ta' niket,
  - aħna **ngħinu lil xulxin** kemm bħala Ċentru tal-Katekeżi, kemm bħala parroċċa, kemm bħala Knisja Maltija.

**<u>Billi nitgħammdu biss, mhux biżżejjed, hemm bżonn li flimkien nagħmlu dan li semmejna issa. Aktar ma nikbru, skont l-età tagħna, aktar inkomplu nitgħallmu kif</u>**:

1. nirrispettaw id-dinjità tagħna u d-dinjità tal-oħrajn
2. inħobbu lil xulxin
3. ngħinu lil xulxin
4. naħdmu flimkien, inħennu għal xulxin,
5. naħfru lil xulxin, nitgħallmu nħossu għal xulxin u flimkien, kemm fil-ferħ u anke fin-niket
6. nagħmlu paċi meta jinqala' l-inkwiet bejnietna
7. għandna nitolbu mhux biss għalina nfusna, imma anke għall-oħrajn
8. nitgħallmu niċċelebraw flimkien
9. naqsmu flimkien it-talenti tagħna u l-kapaċitajiet tagħna
10. ngħixu flimkien minkejja d-differenzi ta' bejnietna.
11. infittxu aktar dak li jgħaqqadna milli dak li jifridna
12. infittxu t-tajjeb ta' xulxin, mhux ingergru fuq xulxin.

- Dawn l-affarijiet nibqgħu nitgħallmuhom matul ħajjitna kollha. **Ma nistgħux ngħidu, issa għamilna l-Ewwel Tqarbina, jew ħadna s-Sagrament tal-Konfermazzjoni u daqshekk**.

- Fil-komunità nisranija nitgħallmu **nsiru Kristjani**, u nitgħallmu nsiru komunità u dan isir matul ħajjitna kollha.

- Il-komunità nisranija nitgħallmu nħobbuha. Nitolbu lil Ġesù, li minkejja li lkoll nistgħu niżbaljaw, xorta nibqgħu nħobbu lil xulxin bħala komunita nisranija, bħala Knisja. Meta nħobbuha naraw aktar is-sabiħ milli l-ikrah.

- Il-komunità nisranija għandha bżonn kull wieħed u waħda minnkom, għalhekk ma nistħux minn sħabna għaliex immorru l-quddies, għaliex nibqgħu niġu għat-tagħlim u l-katekeżi u aktar 'il quddiem tibdew tkunu parti mill-grupp tal-adolexxenti tal-parroċċa. Din mhix xi

ħaġa tal-mistħija.

Naraw dan il-klipp flimkien
What is the Church?




- Tħossukom parti mill-komunità kristjana – parti mill-Knisja? Kif u għaliex tħossukom jew ma tħossukomx parti minnha?

- Bħala adolexxenti kif tħarsu lejha l-komunità nisranija? Tistgħu ssemmu xi ftit affarijiet tajbin li taraw fil-komunità nisranija?

- Bħala adolexxenti x'tistgħu tagħmlu sabiex din il-komunità nisranija ssir dejjem aħjar? (ftakar li inti wkoll parti minn din il-komunità, għalhekk li tagħti s-sehem tiegħek huwa importanti ħafna).

- Tistgħu ssemmu xi ġrajja fejn rajtu l-Papa jagħmel xi ħaġa u ħadtu eżempju tajjeb minnu? X'tgħallimtu minn dan il-ġest, jew ġesti?

- Tistgħu ssemmu xi ħaġa żgħira mit-tagħlim li qed jgħallimna l-Papa?

- Għaliex bqajtu tiftakruha din il-ħaġa ? Kif tgħodd għall-ħajja tagħkom?

- Niftakru fil-Milied 2015, ma' min mar jiekol l-Arċisqof tagħna Mons. Charles J. Scicluna u ħafna voluntiera? – ma' dawk li ma kellhomx ma' min jgħaddu l-Milied, ma' dawk li kienu waħidhom – din l-okkażjoni hekk sabiħa kienet organizzata mill-Caritas Malta. Ara l-klipp)

Pope Francis visits the sick children







Ikla mill-aqwa ma' persuni waħidhom



**Sfida**

Matul din il-ġimgħa nipprovaw nagħmlu xi ħaġa tajba sabiex l-imħabba, ir-rispett u l-maħfra ta' bejnietna fil-komunità jkomplu jikbru.

**Inkantaw u nitolbu flimkien**

They'll Know We Are Christians (Peter Scholtes)




They'll Know We Are Christians




**Djarju**

Fid-djarju tiegħek ikteb/pinġi dak li qed tagħmel, jew tixtieq bħala adolexxent/a fil-komunità nisranija sabiex il-komunita ssir aħjar.

**Katekeżi fil-familja**

Naqraw flimkien bħala familja mill-Bibbja:

"Waqa' mbagħad il-biża' fuq kulħadd għax ħafna kienu l-mirakli u s-sinjali li kienu jsiru permezz ta' l-appostli. Dawk kollha li kienu jemmnu kienu ħaġa waħda, u kienu jaqsmu kollox bejniethom, ibigħu ġidhom u kulma kellhom u jqassmu d-dħul bejn kulħadd, skond il-ħtieġa ta' kull wieħed. U kuljum kienu jmorru fit-tempju flimkien, jaqsmu l-ħobż fi djarhom, u jissieħbu fl-ikel bi qlub ferħana u safja; u kienu jfaħħru lil Alla, u l-poplu kollu kien iġibhom. U minn jum għal ieħor il-Mulej kien iżidilhom magħhom lil dawk li jkunu salvi."

Atti 2, 43-47

Nitolbu flimkien bħala familja

Mulej Ġesù Kristu, nitolbuk bħala familja għinna sabiex nagħmlu ħilitna sabiex ngħixu tassew ta' Kristjani kif tixtieqna inti, ma' kulħadd anke ma' dawk li għandhom opinjoni, reliġjon, kultura u kulur differenti minn tagħna. Nitolbuk dan kollu permezz ta' Ommna Marija li kienet l-ewwel mara Kristjana.

**Riżorsi oħra**

Niltaqgħu ma' ftit insara tal-bidu tal-Knisja. Dawk li mxew wara Ġesù bis-serjetà, dejjem ippruvaw jiddefendu l-fidi tagħhom, saru qaddisin u huma ta' eżempju għalina.

Fi żmien il-Knisja, ir-Rumani kienu jaħkmu ħafna postijiet fl-Ewropa u anke barra minnha. Meta r-Rumani raw li n-numru tal-insara kien qed jikber, ma riduhomx li jkomplu jemmnu f'Ġesù, imma riduhom jemmnu u jaduraw allat foloz.

L-ewwel Insara ma riedux jagħmlu dan. Ħafna minnhom mietu biex jiddefendu u jagħtu xhieda tal-fidi tagħhom, jiġifieri, ippreferew li jmutu aktar milli jiċħdu lil Ġesù u t-tagħlim tiegħu. Dawn l-insara li mietu għall-fidi tagħhom jissejħu martri.

Fost dawn il-martri nsibu lil Sant'Anjeże. Kienet xebba' sabiħa ħafna. Kienet imrobbija fil-fidi nisranija, ta' età żgħira, kien hemm wieħed li ried jiżżewwiġha, imma ma ridiex tibqa' Kristjana. Hi ma riditx. Dan irrabja ħafna. Irrapportha li kienet nisranija, ħaduha fil-ħabs u hemmhekk mietet martri. Sant'Anjeże, hija patruna tal-adolexxenti bniet.

Insibu wkoll lil San Sebastjan. Dan kien żagħżugħ sabiħ u kien b'saħħtu ħafna. Kien ukoll suldat Ruman. Sħabu s-suldati ma kinux jafu li kien nisrani. Darba minnhom kien qed jitkellem fuq Ġesù, u s-suldati sħabu rraportawh, ħaduh il-ħabs u hemmhekk miet martri. San Sebastjan huwa patrun tal-atleti.

Dawn iż-żewġ qaddisin żgħażagħ mietu fi żmien il-Knisja tal-Bidu, għall-ħabta tas-snin 280-300 WK.

# Kapitlu 2
# IL-KOMUNITÀ NISRANIJA
# Tema 2
# NGĦIXU L-MAGĦMUDIJA TAGĦNA FIL-KOMUNITÀ

Nibdew il-laqgħa billi flimkien inroddu s-Salib u ngħidu talba.

**L-Għan ta' din it-tema**
Li l-adolexxenti japprezzaw kif saru membri tal-komunità nisranija permezz tal-Magħmudija u u xi tfisser tgħix ta' persuna mgħammda.

## Żvolġiment tal-laqgħa

**Qsim ta' esperjenzi**
- X'nifhmu biha tgħid- jiena Kristjan?
- Niftakru d-data tal-magħmudija tiegħna?

**Klipp**
**Magħmudija fil-Knisja Kattolika**




**Diskussjoni**
- Bħala adolexxenti xi tfisser għalina li aħna persuni mgħammda ?

**Nitgħallmu**
**Ngħixu l-Magħmudija tagħna bħala Kristjani**

- Insiru Kristjani u parti mill-Knisja Kattolika permezz tal-magħmudija.

- Nimmaġinaw ġisem ta' persuna. Fih hemm ir-ras u l-kumplament tal-membri tal-ġisem: is-sieq, il-għajn...kollha bżonnjużi, kollha huma indaqs m'hemm l-ebda wieħed agħar mill-ieħor jew inqas mill-ieħor. Biex il-ġisem jaħdem sewwa, ilkoll iridu jaħdmu flimkien.

  Nippruvaw nifhmu. Il-ġisem kollu huwa l-Knisja. Ir-ras tal-Knisja, li huwa l-fundatur tagħha, huwa Ġesù Kristu. Aħna l-Kristjani, ilkoll aħna membri ta' dan il-Ġisem ta' Ġesù Kristu. Ilkoll kemm aħna nagħmlu familja waħda b'kap wieħed – Ġesù Kristu.

- Aħna nitgħammdu f'isem it-Trinità Qaddisa, jiġifieri fl-isem tal-Missier u tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu.

- Bil-**Magħmudija, Ġesù Kristu**, permezz tal-Knisja jilqagħna bħala membri ġodda f'din il-familja kbira Kristjana.

- Bil-Magħmudija aħna sirna **aħwa ta' Ġesù Kristu, u aħwa mal-kristjani l-oħra kollha li jinsabu fid-dinja kollha**.

- Fil-Magħmudija, **nirċievu l-Ispirtu Santu**. Huwa jimliena bil-grazzji tiegħu,jimliena b'ħafna imħabba u jgħinna nifhmu, sabiex bil-mod il-mod, nibdew nitgħallmu kif insiru Kristjani u ngħixu ta' Kristjani.

**<u>Napplikaw it-tagħlim għall-għajxien ta' kuljum fil-ħajja tagħna Nisranija (Katekeżi)</u>**

- Permezz tal-**Magħmudija** li hija l-ewwel sagrament, nistgħu nibdew nipparteċipaw fis-sagramenti l-oħra kollha.

- Meta twelidna sirna parti mill-poplu ta' Alla għaliex Alla hu Missier kulħadd. Meta **għammduna** sirna Kristjani – persuni li nemmnu u li sa nimxu fuq it-tagħlim ta' Ġesù Kristu. La ġejna mgħammda fil-Knisja Kattolika, sirna Kattoliċi, mela aħna fid-dmir li nirispettaw l-awtorità u t-tagħlim tal-Knisja Kattolika.

- Permezz tal-**Magħmudija** nibdew nieħdu sehem mill-missjoni ta' Ġesù Kristu, jiġifieri skont l-età tagħna, aħna għandna d-dmir u r-responsabbiltà li nwasslu bil-kliem u bl-eżempju t-tagħlim ta' Ġesù lill-oħrajn.

- La aħna ilkoll aħwa f'Ġesù Kristu, mela għandna d-dmir u r-responsabbiltà li **<u>nitolbu għalina nfusna u nitolbu għal ħutna l-bnedmin kollha</u>**. Għandna wkoll ir-responsabbiltà li **nitolbu flimkien mal-oħrajn speċjalment fil-quddiesa ta' nhar ta' Ħadd.**

1. Bil-mod, il-mod, bħala persuni mgħammdin fil-Knisja Kattolika nibdew nitgħallmu l-Kredu li fih insibu dak kollu li aħna nemmnu bħala Nsara.

**<u>Il-Kredu</u>**

Jiena nemmen f'Alla wieħed, Il-Missier li jista' kollox li ħalaq is-sema u l-art,
dak kollu li jidher u ma jidhirx. U f'Mulej wieħed, Ġesù Kristu. Iben waħdieni ta' Alla imnissel mill-Missier, qabel kull żmien,Alla minn Alla, dawl minn dawl, Alla veru minn Alla veru, imnissel mhux magħmul, natura waħda mal-Missier,
u bih sar kollox.
Niżel mis-smewwiet, għalina l-bnedmin u għall-fidwa tagħna,
u ħa l-ġisem bis-setgħa ta' l-Ispirtu s-Santu, twieled minn Marija Verġni u sar bniedem.
Sallbuh għalina,bata taħt Ponzju Pilatu, miet u difnuh u fit-tielet jum qam
minn bejn l-imwiet, skont il-Kotba Mqaddsa,tela' s-sema, u qagħad fuq il-lemin tal-Missier. U għandu jerġa' jiġi bil-glorja biex jagħmel ħaqq mill-ħajjin u mill-mejtin u s-saltna tiegħu ma jkollhiex tmiem.

U fl-Ispirtu s-Santu, il-Mulej li jagħti l-ħajja li ġej mill-Missier u mill-Iben, li hu meqjum u mweġġaħ flimkien mal-Missier u ma' l-Iben,hu li tkellem f'fomm il-profeti. U fi Knisja waħda,qaddisa, kattolika, appostolika. Nistqarr magħmudija waħda
għall-maħfra tad-dnubiet.
U nistenna l-qawma mill-imwiet u l-ħajja taż-żmien li ġej.
Ammen.

- Dan Il-Kredu ngħidulu liturġiku għaliex l-insara kollha huma fejn huma madwar id-dinja jgħiduh fil-quddiesa ta' nhar ta' Ħadd u fil-festi l-kbar tal-Knisja.

- Il-Kredu huwa l-istqarrija tal-fidi tagħna, jiġifieri fih insibbu dak kollu li aħna bħala nsara nemmnu.

**<u>Mit-Tagħlim tal-Knisja Kattolika</u>**

Ara t-Tieni Sezzjoni tal-*Katekiżmu tal-Knisja Kattolika.*

2. Bil-mod, il-mod, bħala persuni mgħammdin fil-Knisja Kattolika nibdew nitgħallmu dawn il-**prattiċi** li aħna bħala membri tal-komunità nisranija aħna fid-dmir li nwettquhom flimkien.

Li nħobbu lil xulxin bil-verità
Li ngħixu l-għaxar kmandamenti
Li nippruvaw ngħixu mill-aħjar li nistgħu l-beatitudnijiet
Li naħfru lil min jagħmilna xi ħaġa ħażina
Li nipprattikaw il-karità ma' kulħadd speċjalment mal-foqra
Li nitolbu flimkien
Li nirrispettaw id-dinjità ta' kull persuna, minkejja r-reliġjon, il-kulur, il-razza u l-kultura tiegħu/tagħha. Aħna ilkoll familja waħda
Li niċċelebraw is-sagramenti
Li niċċelebraw flimkien l-Ewkaristija speċjalment fil-quddiesa tal-Ħadd
Li niċċelebraw flimkien, billi mmorru għaċ-ċelebrazzjonijiet fil-knisja. Il-festi tagħna l-insara li huma: Il-Milied, Ħamis ix-Xirka, il-Ġimgħa l-Kbira u l-akbar festa l-Għid.
Li nirrispettaw, inqimu u nitolbu lil Ommna Marija, omm Ġesù
Li nagħmlu għażliet tajbin għall-ġid tagħna nfusna u għall-oħrajn
Li nirrispettaw, nitolbu u nitgħallmu dwar il-qaddisin, għaliex dawn għandhom ħafna x'jgħallmuna għall-ħajja tagħna ta' kuljum
Li nfittxu t-tajjeb f'kull bniedem. Kulħadd għandu xi ħaġa tajba fih
Li nifhmu li lkoll għandna bżonn il-għajnuna ta' Alla
Nifhmu li għandna bżonn nersqu għall-qrar biex nitolbu maħfra lil Alla, u hekk nerġgħu inġeddu l-ħbiberija tagħna miegħu u ma' ħutna l-bnedmin
Li nirrispettaw il-ħolqien kollu u nieħdu ħsiebu.

3. Bil-mod, il-mod, bħala persuni mgħammdin fil-Knisja Kattolika nibdew nitgħallmu **l-attitudnijiet tagħna bħala nsara**.

**Skont l-età tagħkom bħala adolexxenti dawn l-attitudnijiet huma**:

(Il-kelma attitudni tfisser: il-mod ta' kif naħseb u l-mod ta' kif inġib ruħi, il-mod ta' kif ngħix ħajti. Meta xi ħadd ikollu attitudni tajba, nindunaw li l-imġiba tiegħu tkun tajba, ikun edukat, qalbu tajba, jirrispetta lill-oħrajn, ma jpaċpaċx fuq l-oħrajn speċjalment affarijiet ħżiena jew li mhumiex minnhom. Meta xi ħadd ikollu attitudni tajba, anke jekk jagħmel żbalji, jew jiġrilu xi ħaġa kerha, jipprova jitgħallem minnhom u jibqa' miexi fil-ħajja tiegħu bil-għajnuna ta' Ġesù.

**Sfida**
Matul din il-ġimgħa nipprovaw infittxu t-tajjeb fl-oħrajn.

**Inkantaw u nitolbu flimkien**
Bind us togther Lord



**Djarju**

Fid-Djarju tiegħek ikteb id-data ta' meta ġejt mgħammed/mgħammda. Kull xahar ipprova ftakarha u rringrazzja lil Alla għal dan ir-rigal hekk kbir billi tikteb jew tpinġi talba ta' ringrazzjament.

Ikteb jew pinġi xi tfisser għalik li inti persuna mgħammda. Kif qed tipprova tgħix il-Magħmudija tiegħek kuljum?

**Katekeżi fil-Familja**

Naqraw flimkien fil-familja mill-Bibbja

"Ħabirku biex iżżommu spirtu wieħed bir-rabta tas-sliem; ġisem wieħed u ruħ waħda, l-istess kif kontu msejħa għal tama waħda, Mulej wieħed, fidi waħda, magħmudija waħda, Alla wieħed u Missier ta' kulħadd, li hu fuq kulħadd u f'kulħadd."

Ef 4, 4-6

Nitolbu flimkien bħala familja

Mulej għinna ngħixu l-magħmudija u għinna ngħinu lill-membri tal-familja tagħna jgħixu l-magħmudija tagħhom fil-Knisja u permezz tal-Knisja.

# Kapitlu 2

# IL-KOMUNITÀ NISRANIJA

# Tema 3

# KNISJA APPOSTOLIKA - KOMUNITÀ APPOSTOLIKA

Nibdew il-laqgħa billi flimkien inroddu s-Salib u ngħidu talba.

**L-Għan ta' din it-tema**
Li l-adolexxenti jagħrfu u japprezzaw t-tifsira tal-kelmiet: dixxiplu u appostlu, li l-Knisja hija appostolika, l-impenn u l-isfida li rċevejna fil-Magħmudija li l-ewwel inkunu dixxipli u wara nkunu appostli għal xulxin fis-soċjetà tallum ma' kulħadd.

## Żvolġiment tal-laqgħa

**Qsim ta' Esperjenzi**
- Ġieli smajna bil-kelmiet dixxiplu u appostlu? Nafu xi jfissru?
- Niftakru xi pass mill-Evanġelju fejn tissemma l-kelma 'dixxipli'?
- Niftakru minn kienu l-appostli?
- Għaliex l-appostli huma importanti ħafna fl-Evanġelju?

**Mill-Kelma ta' Alla**
Naqraw:
Mt 9, 9 u Mt 10, 1-4

L-Għażla ta' Mattew u l-ismijiet tat-tnax-il appostlu




**Diskussjoni**
- X'għoġobna minn dan il-klipp?
- X'tgħallimna minnu, minbarra l-ismijiet tat-tnax-il appostlu?
- Filgħaxija, Ġesù x'għamel? Filgħodu, Ġesù x'għamel?
- Ġesù talab qabel ma mar ikellem lill-appostli, x'nitgħallmu minn dan li jista' jservina għall-ħajja tagħna?

**Nitgħallmu**

1. **Id-dixxiplu**

- Il-kelma dixxiplu tfisser: xi ħadd li jkun jemmen f'xi ħadd ieħor, jitgħallem dwaru/dwarha u jibda jimxi fuq t-tagħlim u l-eżempju tiegħu /tagħha.
- Aktar ma d-dixxiplu jitgħallem, aktar ikun jista' jgħallem lil ħaddieħor.
- Ġesù kellu ħafna dixxipli – nies li kienu jimxu warajh, li kienu jitgħallmu mingħandu, li kienu jemmnu fih.

2. **L-appostlu/i**

- Il-kelma appostlu (appostli) tfisser xi ħadd magħżul u mibgħut sabiex jagħmel biċċa xogħol. Ġesù għażel lill-appostli,

sabiex ikomplu ix-xogħol tiegħu, jiġifieri il-missjoni tiegħu.

- Il-kelma appostlu tfisser – il-mibgħut – Ġesù bagħat lill-appostli jxandru l-Bxara t-Tajba fid-dinja kolha.

- Ġesù għażel lil Xmun li mbagħad biddilu ismu għall-Pietru, sabiex ikun il-kap tal-appostli u l-kap tal-Knisja.

Mill-Evanġelju ta' San Mattew 16, 29
Stqarrija tal-Primat ta' Pietru




- F'dan il-kliem tal-Evanġelju naraw li Ġesù ħalla lil Pietru bħala l-kap tal-Knisja u l-kap tal-appostli.

- Fl-**aħħar ċena Ġesù qal lill-appostli**: "Agħmlu dan b'tifkira tiegħi" (Lq 22, 19), jiġifieri li l-appostli għandhom ikomplu l-ħidma ta' Ġesù fil-Knisja li Ġesù stess waqqaf.

- Ġesù huwa l-fundatur, il-kap tal-Knisja.

- Ġesù, waqqaf il-Knisja fuq l-appostli – huma kellhom ikomplu l-mssjoni ta' Ġesù.

- L-Appostli kienu komunità ta' tnax. Dawn kienu: **Pietru, Indrija, Ġakbu, Ġwanni, Filippu, Bartilmew, Tumas, Mattew, Ġakbu ta' Alfew, Taddew, Xmun u Ġuda l-Iskarjota.** Aktar tard, flok Ġuda, ġie magħżul Mattija.

- Fl-Evanġelju ta' San Mattew 28,16-20 naraw lil Ġesù jibgħat lill-appostli fid-dinja kollha sabiex bħala Knisja – bħala komunità Kristjana iwasslu il-messaġġ ta' Ġesù.

Ġesù jagħti l-missjoni lill-appostli.




- Wara l-inżul tal-Ispirtu Santu, meta l-appostli fehmu aħjar it-tagħlim u l-missjoni ta' Ġesù, bdew imorru minn post għal ieħor jgħallmu dak kollu li Ġesù kien għallimhom. F'kull post li kienu jmorru kienu jwaqqfu komunitajiet ta' Kristjani (insara) magħmulin minn nies li jixtiequ jemmnu f'Ġesù u li jixtiequ jkompli jimxu fuq it-Tagħlim ta' Ġesù.

- Illum il-kap tal-Knisja Universali huwa l-Papa. Bħalissa għandna lill-Papa Franġisku.

- L-Isqof huwa l-kap tal-Knisja tal-post. Bħalissa l-Arċisqof ta' Malta huwa Mons. Charles J. Scicluna.

**3. Il-Knisja hija Appostolika**

- Il-Knisja hija appostolika għaliex hija **mibnija fuq l-appostli**.

- Il-Knisja hija appostolika għaliex twassal it-tagħlim tal-appostli.

- Hija appostolika għaliex tkompli twettaq il-missjoni tagħha permezz tas-suċċessuri tal-Appostli li huma l-isqfijiet. (ara *Katekiżmu tal-Knisja Kattolika* par. 857-

864)

- Aħna ilkoll bil-Magħmudija, għandna wkoll din il-missjoni bħall-appostli li mmorru fid-dinja kollha nxandru l-Bxara t-Tajba tal-Mulej.

**Napplikaw it-tagħlim għall-għajxien ta' kuljum fil-ħajja tagħna Nisranija (Katekeżi)**

- Biex inkunu appostli ta' Ġesù, l-ewwel irridu nkunu nafu lil Ġesu, jiġifieri l-ewwel irridu nkunu **dixxipli** tiegħu. Nafu t-tagħlim tiegħu u nafu l-missjoni tiegħu – jiġifieri għalxiex Ġesù ġie fostna. L-ewwel irid ikollna relazzjoni ma' Ġesù.

  Insiru dixxipli ta' Ġesù, jiġifieri nibdew u nikbru fir-relazzjoni tagħna ma' Ġesu, meta: nitgħallmu dwaru minn persuni kompetenti, meta naqraw dwaru minn kotba tajbin, meta naqraw il-Bibbja u nfittxu persuni kompetenti biex ifissruhielna, meta nitolbu – bit-talb inkomplu nsiru ħbieb ta' Ġesù, meta mmorru l-knisja nisimgħu dwar Ġesù u nirċevuh fil-qalb tagħna, meta nersqu għas-sagramenti speċjalment għall-qrar u għat-tqarbin.

- Aktar ma nikbru, u nsiru nafu lil Ġesù u dwaru, u aktar ma nsiru nafu dwar it-tagħlim tal-Knisja, aktar nkunu nistgħu nsiru **appostli** ta' Ġesù, jiġifieri aktar inkunu nistgħu nitkellmu u ngħallmu lill-oħrajn dwar Ġesù.

- Aħna ilkoll bil-**Magħmudija**, għandna wkoll din il-missjoni bħall-appostli li mmorru fid-dinja kollha nxandru l-Bxara t-Tajba tal-Mulej. Din tidher sfida kbira għalina l-adolexxenti. Imma, jekk naħsbu ftit, naraw kemm kull wieħed u waħda minna nistgħu nkunu appostli għal xulxin u għall-oħrajn.

- Ġesù stess jixtieqna li bħala komunità nisranija nkunu appostli tiegħu sabiex inwassluh lil oħrajn.

- Fil-**ħajja tagħna ta' kuljum**, nistgħu nkunu appostli ta' Ġesù meta ngħidu l-verità u mhux noħolqu stejjer bla bżonn, meta nuru ħniena ma' kulħadd, meta ma nivvintawx laqmijiet fuq xulxin; meta nkunu *fair*, onesti ma' kulħadd, meta jkun hemm xi ħadd li ma jifhimx il-lezzjoni jew il-*homework*, ma noqogħdux inxandruh ma' kulħadd imma nippruvaw ngħinuh, meta nagħmlu karità ma' xi ħadd, mhux bil-fors bil-flus, imma billi ngħaddu ftit ħin ma' dik il-persuna, anke meta naqraw lil xi ħadd li jkun anzjan, jew li jkollu xi diffikultà biex jaqra, hemm ukoll inkunu appostli ta' Ġesù għal xulxin. Meta infittxu li nilagħbu ma' tfal u adolexxenti li jħossuhom imwarrbin u ħadd ma jkellimhom, hemm inkunu qed inwasslu ħafna mħabba kif jixtieqna Ġesu. Inkunu appostli għal oħrajn meta nitolbu għal xulxin, u meta naqsmu minn dak li għandna aħna mal-oħrajn, anke meta nieħdu ħsieb il-ħolqien li tana Alla. Hemm ħafna u ħafna modi u okkażjonijiet matul il-ġurnata fejn nistgħu nkunu appostli.

- Meta nippruvaw inferrħu lil oħrajn inkunu appostli. Li nippruvaw inferrħu lil xi ħadd, huwa wkoll mod kif inwasslu l-imħabba u l-ferħ ta' Ġesù.  Dan nistgħu nagħmluh b'diversi modi u manjieri.

- Madwar id-dinja nsibu ħafna appostli adolexxenti u żgħażagħ ta' Ġesù: Insemmu qassis Malti li juża t-talenti tiegħu sabiex iwassal il-messaġġ ta' Ġesù: Fr Robert Galea




Niftakru wkoll f'San Ġorġ Preca li uża

t-talenti tiegħu sabiex Ġesù jkun magħruf u maħbub




- Dejjem staqsu: Kieku Ġesù kien hawn, kif jixtieqni li nwassal il-messaġ tiegħu lil-oħrajn bil-kliem (fejn hu possibbli) imma aktar bl-imġiba tiegħi?

- Meta naqsmu t-talenti tagħna u l-ħiliet tagħna mal-oħrajn inkunu appostli għal xulxin, speċjalment jekk dawn nagħmluhom b'messaġġ Kristjan. M'hemmx għalfejn ħafna kliem, bl-imġiba tajba tagħna nistgħu nkunu appostli ta' Ġesù għall-oħrajn.

- Meta naqsmu t-talenti u l-ħiliet tagħna mal-oħrajn, inkunu qed nibnu komunità.

Naraw klipp E (fuq il-*pendrive*)
**It-Talent hu rigal**

- X'fhimna minn din il-klipp?
- Insemmu xi talent li għandna jew li qed niskopru bil-mod il-mod?
- Kif tistgħu nużaw dawn it-talenti tagħna għall-ġid tal-oħrajn, bħala appostli ta' Ġesù?
- X'nifhmu bil-kliem: it-talent hu rigal, imma mhux għalik biss?

**Mill-Kelma ta' Alla**
Il-Parabbola tat-Talenti

Mt 25, 14-30




**Diskussjoni**
- Xi sfida toffrilna din il-parabbola?
- Għaliex dak is-sinjur ma ħax pjaċir b'dak li mar jaħbi t-talent tiegħu?
- Ġieli ħbejna it-talenti u l-ħiliet tagħna għaliex nippreferu toqgħod *cool*, milli naħdmu mal-oħrajn u għall-oħrajn?
- Kieku fis-soċjetà u fil-Knisja kulħadd jagħmel hekk: ma naqsmux it-talenti u l-kapaċitajiet mal-oħrajn, kieku x'taħsbu li jiġri?
- X'konnessjoni hemm bejn din il-parabbola u li nkunu appostli ta' Ġesù?

**Sfida**
Matul din il-ġimgħa nipprovaw nagħmlu xi ħaġa li biha nferrħu jew ngħinu lil xi ħadd, fil-familja, mal-ħbieb, l-iskola, fiċ-ċentru tal-katekeżi u waqt l-attivitajiet li nieħdu gost nagħmlu.

**Inkantaw u nitolbu flimkien**
Go make a difference in the world



**Djarju**
Fid-djarju tiegħek ikteb jew pinġi kif kont appostlu matul din il-ġimgħa, u kif ħassejtek meta għamilt xi ħaġa f'isem Ġesù mal-oħrajn.

**Katekeżi Familja**
Naqraw flimkien fil-familja mill-Bibbja

"Intom id-dawl tad-dinja. Belt li tkun qiegħda fuq muntanja ma tistax tinħeba. Anqas ma jixegħlu l-musbieħ u jqegħduh taħt il-siegħ, iżda fuq l-imnara, u hekk idawwal lil kull min ikun fid-dar. Hekk għandu jiddi d-dawl tagħkom quddiem il-bnedmin, biex jaraw l-għemejjel tajba tagħkom u jagħtu glorja lil Missierkom li hu fis-smewwiet."

Mt 5, 13-16

Nitolbu flimkien bħala familja

Mulej Gesù nitolbuk agħtina l-kuraġġ
u l-għajnuna tiegħek, sabiex inkomplu
nagħrfuk u nħobbuk ħalli nkunu nistgħu
nwassluk lill-oħrajn.
Ammen

# Kapitlu 2
# IL-KOMUNITÀ NISRANIJA
# Tema 4
# IL-KNISJA KATTOLIKA - KOMUNITÀ NISRANIJA MISSJUNARJA

Nibdew il-laqgħa billi flimkien inroddu s-Salib u ngħidu talba.

**L-Għanijiet ta' din it-tema**
Li l adolexxenti jifhmu t tifsira tal kelma 'kattolika', u li jifhmu li, li nkunu kattoliċi jfisser li nkunu missjunarji ma' kulħadd speċjalment ma' dawk ta' madwarna.

## Żvolġiment tal-laqgħa

**Qsim ta' Esperjenzi**

- X'nifhmu bil kelma Kattolika?
- Meta ngħidu li l-Knisja hija Kattolika, x'nifhmu biha?

**Mill Kelma ta' Alla**
Naqraw: Mt 28, 16 20
Ġesù jibgħat lill-appostli madwar id-dinja kollha




**Nitgħallmu**

**Knisja Kattolika**

- Il-kelma 'kattolika' tfisser **universali, jiġifieri l-Knisja Kattolika hija mxerrda madwar id-dinja kollha**.
- Minkejja li nkunu ġejjin minn postijiet differenti madwar id-dinja, minkejja li nitkellmu lingwi differenti, minkejja li nitolbu b'modi differenti, aħna lkoll magħqudin flimkien f'Ġesù Kristu.
- Madanakollu, aħna ilkoll magħqudin flimkien bil-fidi tagħna f'Ġesù Kristu u lkoll aħna membri tal-Knisja Kattolika. (*Katekiżmu tal-Knisja Kattolika* par. 830-831)
- Minkejja li ninsabu imxerrdin mad-dinja kollha u niċċelebraw b'modi differenti, bħala Kattoliċi aħna lkoll:
  - għandna fidi waħda – Ilkoll nemmnu f'Ġesù Kristu
  - ilkoll nistqarru kredu wieħed
  - għandna l-istess Magħmudija
  - ilkoll niċċelebraw is-seba' sagramenti

- flimkien mal-isqfijiet tagħna aħna ilkoll magħqudin mal-Papa, hekk ilkoll flimkien nagħmlu Knisja waħda.
- aħna ilkoll għandna missjoni waħda: li bħala nsara nħobbu lil xulxin u li nxandru u ngħixu t-tagħlim u l-messaġġ ta' Ġesù Kristu ma' kulħadd

Catholic Church




Naraw il-klipp F flimkien (fuq il-*pendrive*): **<u>Aħna Komunità</u>** (Rev. Mons. Joe Galea Curmi Vigarju Ġenerali tad-Djoċesi ta' Malta)

**<u>Diskussjoni</u>**

- X'tgħallimna l-aktar minn dan il-klipp?
- Nistgħu nsibu ħames kelmiet li l-aktar stajna nifhmu bihom xi tfisser komunità nisranija?
- Nistgħu insemmu xi postijiet madwar id-dinja fejn qed jaħdmu il-missjunarji Maltin? (dan jista' jsir bħala proġett fil-grupp)

**<u>Napplikaw it-tagħlim għall-għajxien ta' kuljum fil-ħajja tagħna nisranija (Katekeżi)</u>**

**Knisja Kattolika: Komunità Nisranija Missjunarja**

- Il-Knisja Kattolika hija miftuħa għall-bnedmin kollha, hu x'inhu l-kulur tagħha, ir-razza, il-kultura, il-lingwa; għalhekk il-Knisja Kattolika hija **missjunarja**.

- Meta rċevjna l-Magħmudija, kull wieħed u waħda, irċevejna l-istedina mingħand Ġesù li nkunu missjunarji. Aktar ma nikbru aktar nifhmu din l-istedina.

- Li **nkunu missjunarji** jiġifieri li Ġesù stess jixtieqna li nxandruh bil-kliem u bl-eżempju fid-dinja kollha. Bħala adolexxenti Ġesù jixtieqna li nwasslu lill-oħrajn, l-ewwel bl-eżempju tagħna mbagħad bil-kliem.

- Ġesù stess qalilna fl Evanġelju: "Ħobb lil għajrek bħalek nnifsek".
Mk 12, 3

- Li nkunu missjunarji m'hemmx għalfejn immorru barra minn pajjiżna Nistgħu nkunu missjunarji f'pajjiżna stess, ma' sħabna stess. Dan nistgħu nagħmlu billi nħobbu, nħennu, u naqsmu mal-oħrajn dak li għandna.

- Biex inkunu missjunarji tassew:
  - irridu nkunu umli: niftakru li dak kollu li għandna huwa rigal ta' Alla , għalhekk għandna naqsmuh mal oħrajn
  - hemm bżonn li nkunu onesti nagħtu minn qalbna, mingħajr ma noqogħdu niftaħru.
  - nirrispettaw id-dinjità tal-oħrajn, jekk nagħmlu karità nagħmluha b'rispett
  - meta nagħtu ftit ħin minn tagħna sabiex nisimgħu, ngħinu, nilagħbu ma' xi ħadd
  - meta mmorru nżuru lill-anzjani
  - meta nitkellmu tajjeb fuq xulxin, speċjalment jekk xi ħadd ikun qed jitkellem jew jikteb xi ħaġa biex iweġġa' lil xi ħadd
  - meta ngħinu lill-proġetti ta' karità li jsiru f'pajjiżna u fil-missjonijiet barra minn Malta
  - meta nitolbu għall missjunarji kollha, sabiex Ġesù jkompli jieħu ħsiebhom.

Il-kliem ta' Ġesù
"Mela dak kollu li tridu lill-bnedmin jagħmlu lilkom, agħmluh ukoll intom lilhom,

għax din hi l liġi u l profeti.

Mt 7, 12

Catholic Charities today




**Inkantaw u nitolbu flimkien**

They know we are Christians




**Sfida**

Matul din il-ġimgħa nipprovaw inkunu missjunarji ma' xi ħadd, mhux billi noffru xi ħaġa tal-flus biss, imma nipprovaw ngħinu aktar minn hekk.

**Djarju**

Fid-djarju tiegħek, ikteb/pinġi kif tħossok meta tkun missjunarju ma' xi ħadd. Ikteb/pinġi talba għall-bżonnijiet tal-missjunarji kollha.

**Katekeżi Familja**

Naqraw flimkien fil-familja mill-Bibbja:

"U huwa dak li ta lil xi wħud li jkunu appostli, lil xi wħud profeti, lil xi wħud evanġelisti, lil xi wħud rgħajja u mgħallmin: Hekk jitrawwmu l-qaddisin għax-xogħol tal-ħidma tagħhom għall-bini tal-Ġisem ta' Kristu, sakemm aħna lkoll naslu biex insiru ħaġa waħda fil-fidi u fl-għarfien tal-Iben ta' Alla; nsiru raġel magħmul, fl-aħjar ta' żmienu."

Ef 4, 11-13

Nitolbu flimkien:

Mulej Ġesù għinni sabiex jiena u l-familja tiegħi nkunu membri ħajja u attivi fil-Knisja, u sabiex qalbna tkun miftuħa għall-bnedmin kollha, huma min huma. Marija Omm il-Knsija itlob għalina.

Ammen

# Kapitlu 3

# NGHIXU FIL-KOMUNITÀ

# Tema 1

# GĦAŻLIET BIS-SENS - INHOSSNI RESPONSABBLI

Nibdew il-laqgħa billi flimkien inroddu s-Salib u ngħidu talba .

**L-Għan ta' din it-tema:**
Li l-adolexxenti jibdew jifhmu r-rigal u s-siwi tal-kuxjenza għall-ħajja tal-bniedem, speċjalment fl-għażliet li jagħmlu. Sa jiskopru għajnuniet kif jagħmlu għażla tajba u biex jiffurmaw kuxjenza tajba.

## Żvolġiment tal-laqgħa

**Qsim ta' esperjenzi**

- X'nifhmu bil-kelma libertà?

**1. Il-Libertà, l-Għażliet u r-Responsabbilità**

**Libertà**
Naraw dan il-klipp flimkien




**Diskussjoni**

- X'fhimna minn dan il-Klipp?
- X'konnessjoni għandu mat-tema tal-lum dwar il-libertà?
- X'tgħallimna minn dan il-klipp li jista' jiswielna matul il-ħajja tagħna?

**Nitgħallmu**

- Alla ħalaqna liberi, jiġifieri Alla tana r-rigal li nagħmlu l-għażliet u d-deċiżjonijiet tagħna aħna stess. Li nkunu liberi jfisser li nistgħu **nagħżlu** t-tajjeb mill-ħażin, li nistgħu nagħżlu l-aktar tajjeb, l-aħjar minn dak li huwa tajjeb biss. Ifisser ukoll li nistgħu nagħmlu deċiżjonijiet kemm żgħar u kemm kbar fil-ħajja tagħna.

- Li tkun liberu ma jfissirx li taqbad u tagħmel li trid.

- Li tkun liberu jfisser li tkun kapaċi tagħmel għażliet u tieħu deċiżjonijiet li jkunu ta' ġid għalik u għall-oħrajn. F'kull għażla jew deċiżjoni li nagħmlu dejjem b'xi mod jew ieħor sa naffettwaw lill-oħrajn. Ma nistgħux naħsbu għalina nfusna biss.

- Aħna l-Insara rridu niftakru wkoll li fl-għażliet u fid-deċiżjonijiet li nagħmlu għandna nirrispettaw lill-Alla u l-liġi tiegħu, nirrispettaw ukoll it-Tagħlim tal-

Knisja Kattolika.

- Meta tassew nagħmlu li rridu u ma nagħtux kas la ta' ħaddieħor, lanqas tat-Tagħlim Nisrani, din l-attitudni ma tissejjaħx libertà, imma **libertinaġġ**, għaliex ma nkunux użajna tajjeb il-**libertà** li tana Alla.

- Aktar ma nużaw tajjeb il-libertà b'ħafna għaqal u mħabba, aktar nagħmlu **ġid** madwarna, aktar inħossuna fil-paċi u aktar ikun hemm paċi madwarna.

- Meta nużaw sewwa l-libertà tagħna, ir-rispett lejna nfusna jikber u jikber ukoll ir-rispett tal-oħrajn lejna.

**<u>Għażliet/Deċiżjonijiet</u>**

**<u>Qsim ta' esperjenzi</u>**

- X'nifhmu bil-kelma għażla u bil-kelma deċiżjoni ?
- Insemmu ftit mill-għażliet li nagħmlu, u xi deċiżjonijiet li ġieli kellna nieħdu.

**<u>Nitgħallmu</u>**

- Matul il-ġurnata nagħmlu ħafna għażliet bħal: nagħżlu x'nilbsu, nagħżlu x'mużika nisimgħu, u ħafna għażliet oħra. Filwaqt li meta tagħmlu deċiżjonijiet, aktar fil-futur milli bħalissa, fuq dawn id-deċiżjonjiet jiddependi ħafna l-istudji tagħkom, il-karriera, l-iżvilupp ta' talenti u t-tagħlim ta' ħiliet ġodda, jiddependi ukoll il-ħbieb li tagħżlu u li tiddeċiedu lil min minnhom tistgħu tafdaw aktar minn oħrajn. Aktar ma tikbru aktar tiltaqgħu ma' għażliet varji u ma' deċiżjonijiet importanti.

- Kemm fil-għażliet u kif ukoll fid-deċiżjonjiet hemm bżonn li nużaw kemm moħħna kif ukoll qalbna u ma ninsewx it-tagħlim ta' Ġesù, u dak tal-Knisja.

- Jekk nagħmlu l-għażliet fuq il-*feelings* ta' qalbna biss, ħafna drabi niżbaljaw għaliex il-*feelings* jinbiddlu. Jekk nużaw moħħna biss niżbaljaw ukoll, għaliex aħna m'aħniex moħħ biss, għandna bżonn li nħossu għalina nfusna u għal ta' madwarna. Għalhekk hemm bżonn ta' bilanċ bejn il-moħħ u l-qalb.

- Xi kultant jiġrilna li nagħmlu xi għażla jew deċiżjoni ħażina, taqtgħux qalbkom, ammettu li għamiltu dan l-iżball. L-importanti hu li nitgħallmu minn dik l-esperjenza, li nitgħallmu minn dawk il-konsegwenzi.

Naraw dan il-klipp flimkien:
Making Choices




**<u>Diskussjoni</u>**

- X'fhimna minn dan il-klipp?
- Dan il-klipp kif għinna sabiex nifhmu aħjar xi jfisser nagħmlu għażliet tajbin?

**<u>Inkunu Persuni Responsabbli</u>**

**<u>Qsim ta' esperjenzi</u>**

- X'nifhmu biha l-kelma: responsabbiltà?
- Bħala adolexxenti kif nistgħu inkunu persuni responsabbli?

**<u>Nitgħallmu</u>**

- Importanti ħafna li jekk ikollna nagħżlu xi ħaġa jew nagħmlu xi deċiżjoni, kemm il-għażla u kemm id-deċiżjoni neħduha

u nagħmluha, ma noqogħdux inħallu għal għada. M'għandniex nagħżlu jew nieħdu deċiżjonijiet bil-għaġla, dan mhux tajjeb, min jgħaġġel wisq, malajr jiżbalja, min-naħa l-oħra lanqas trid dejjem tħalli għal għada u ma tasal qatt. Min dejjem iħalli għal għada, dan il-bniedem juri li mhux persuna responsabbli.

- Aktar ma nagħmlu għażliet u deċiżjonijiet tajbin aktar nuru kemm aħna bil-għaqal u kemm qed nikbru bħala adolexxenti responsabbli.

- Qabel ma nagħmlu xi għażla importanti jew nieħdu xi deċiżjoni importanti, tajjeb li nħarsu lejn il-konsegwenzi li jistgħu jiġru. Kemm konsegwenzi fuqna nfusna u kemm fuq dawk ta' madwarna.

- Li tkun persuna responsabbli jiġifieri taħseb sewwa x'għażliet sa tagħmel, taħseb fik innifsek ukoll fl-oħrajn inkluż il-ħolqien.

- Għażla tajba/deċiżjoni tajba dejjem iġġibilna ħafna ferħ u paċi fil-qalb tagħna.

Naraw dan il-klipp flimkien
My Responsibility




**Diskussjoni**

- X'fhimna minn dan il-klipp?
- X'tgħallimna minnu li jista' jiswielna għall-ħajja tagħna?

**Napplikaw it-tagħlim għall-għajxien ta' kuljum tal-ħajja tagħna Nisranija (Katekeżi)**

Meta nkunu sa nagħmlu xi għażla jew deċiżjoni importanti hemm bżonn li niftakru f'dawn il-punti li ġejjin u li jgħinuna biex nagħmlu għażliet u deċiżjonijiet tajbin:

1. **Inkunu kalmi** – fil-għaġla jsiru ħafna żbalji. Qatt m'għandna nagħmlu għażliet/deċiżjonijiet importanti f'ħajjitna meta nkunu inkwetati.

2. **Nitolbu** lill-Ispirtu s-Santu biex jgħinna.

3. **Infittxu** persuni kompetenti u li jixtiqulna ġid u **nitolbuhom jagħtuna parir**. Aħseb sewwa dwar il-parir li jagħtuk. Jekk tarah tajjeb żommu u imxi fuqu.

4. Qabel xi għażla jew deċiżjoni tajjeb li nagħmlu dan l-eżerċizzju qasir, imma importanti ħafna:-
   Naqbdu folja ta' pitazz, naqsmuha fi tliet kolonni:
   - fuq nett tal-karta niktbu l-isem **tal-għażla/deċiżjoni li nixtiequ nieħdu**;
   - fl-ewwel kolonna niktbu **il-vantaġġi** ta' dik il-għażla/deċiżjoni li kieku neħduha;
   - fit-tieni kolonna niktbu **l-iżvantaġġi** li jista' jkun hemm jekk nagħmlu dik il-għażla/deċiżjoni;
   - fit-tielet kolonna niktbu **il-konsegwenzi** li jistgħu jiġru jekk nagħmlu dik il-għażla/dik id-deċiżjoni.
   - wara li niktbu dan kollu, **nitwu l-karta u nħalluha għal ftit ġranet**, mill-inqas jumejn. Sadanittant inkomplu nitolbu l-għajnuna tal-Ispirtu s-Santu. Wara dawn il-ġranet, naraw jekk hemmx xi ħaġa li tixtiequ tbiddlu minn dak li ktibtu. Nistudjaw kollox bil-għaqal. Meta tasal il-ġurnata u l-mument u naraw

li l-għażla/deċiżjoni hija tajba għalik u anke għall-oħrajn, bl-akbar libertà nagħmlu dik il-għażla u/jew nieħdu dik id-deċiżjoni.

5. Wara dan kollu nkunu lesti li nieħdu r-responsabbiltà tal-konsegwenzi.

6. Minn kull għażla kbira li nagħmlu, jew deċiżjoni li nieħdu dejjem nitgħallmu xi ħaġa għall-ħajja, anke mill-istess żbalji, nistgħu nitgħallmu ħafna.

Fil-paġna li jmiss hemm eżerċizzju biex isir waqt il-laqgħa mal-adolexxenti. Il-paġna li jmiss tista' tiġi fotokopjata biex kull min ikun għal-laqgħa jkollu kopja f'idejh tal-każijiet.

**Eżerċizzju: Nistudjawh u niddeċiedu flimkien**
Nisimgħu u nistudjaw sewwa dan il-każ. Li kieku kontu intom x'kontu tagħmlu?
Użaw is-sitt punti li ddiskutejna diġà biex tagħmlu deċiżjoni tajba.

## L-ewwel każ: **Kevin u l-avviz tal-Għalliema**

Kevin, nesa' jagħti l-karta li ġab mingħand l-għalliema lil min jieħu ħsiebu. Din il-karta li fiha kien hemm avviż importanti, kellha tiġi ffirmata mill-adulti li qed jieħdu ħsiebu.
Verament nesa', fl-istess ħin Kevin ma riedx jaqa' għaċ-ċajt quddiem l-għalliema.
Ma kienx jaf x'se jaqbad jagħmel.

Kieku kont int minflok Kevin x'kont tagħmel?

## It-tieni każ: **Luke u Peter**

Luke, iħossu rrabjat għaliex waqt il-logħob, il-ħabib tiegħu Peter ma bediex jagħti kasu.
Luke ħa għalih u ried b'xi mod jurih dan kollu.
Kellu diversi għażliet x'jagħmel biex jurih dan.

Kieku kont int minflok Luke x'kont tagħmel ?

## It-tielet każ: **Leanne u l-laqgħat ta' katekeżi**

Leanne xtaqet li kull nhar ta' Erbgħa tibda tmur għand il-ħabiba tagħha Rachel biex jagħmlu l-*homework* flimkien. Issa ġara li kull nhar ta' Erbgħa Leanne kellha l-laqgħat tal-katekeżi. Rachel wkoll kienet tmur dawn il-laqgħat, imma nhar ta' Tnejn meta tkun għand in-nanna tagħha li toqgħod f'raħal ieħor. Rachel ma rriditx tibda tmur fiċ-ċentru tar-raħal ta' Leanne. Kienet tippreferi ċ-ċentru fejn tmur hi, hemmhekk kellha ħafna ħbieb.

Kieku kont inti flok Leanne x'kont tagħmel, tmur għal-laqgħat jew toqgħod ma' Rachel?

**Mill-Kelma ta' Alla**

Żomm mat-tagħlim, u tħallih qatt, ħarsu sewwa, għax hu ħajtek. Taqbadx il-mogħdija tal-ħżiena, timxix fit-triq ta' min jagħmel id-deni.

Prov. 4: 13-14

**Diskussjoni**

- X'nifhmu b'dan il-kliem mill-ktieb tal-Proverbji li nsibuh fl-Antik Testment?
- X'konnessjoni għandu dan il-qari mal-laqgħa tal-lum dwar l-libertà u mal-għażliet li nagħmlu?
- X'tgħallimna minn dan il-qari? Kif nistgħu nużawh fil-ħajja tagħna ta' kuljum?

**Sfida**

Matul din il-ġimgħa nerġgħu naqraw l-**għajnuniet biex nagħmlu għażliet u deċiżjonijiet tajbin**. Nipprovaw nużaw dan it-tagħlim fil-għażliet/deċiżjonijiet li nagħmlu. Ngħidu talba sabiex Ġesù jgħinna nagħmlu għażliet/deċiżjonijiet tajbin.

**Nitolbu u nkantaw flimkien**

Iddeċidejt




**Djarju**

Fid-Djarju tiegħek:
Ikteb/pinġi kif tħossok meta jkollok bżonn tagħmel xi għażla/deċiżjoni importanti.
Ikteb/pinġi kif ħassejtek wara li għamilt dik il-għażla/deċiżjoni, u għamel talba lil Ġesù.

**Katekeżi Familja**

Naqraw flimkien fil-familja mill-Bibbja:

'Ejjew nersqu b'qalb sinċiera u b'fidi sħiħa, bi qlubna mnaddfin minn kuxjenza ħażina u l-ġisem tagħna maħsul b'ilma safi. Inżommu sħiħ fl-istqarrija qawwija tat-tama tagħna, għax ta' kelmtu huwa dak li għamlilna l-wegħda. Naraw kif nistgħu nħajru lil xulxin għall-imħabba u għall-għemil tajjeb.'

Lhud 10, 22b-24

Nitolbu flimkien bħala familja:

Spirtu Santu, grazzi talli qiegħed dejjem magħna, għinna sabiex nagħmlu l-għażliet u d-deċiżjonijiet tagħna bil-għaqal, għall-glorja tiegħek għall-ġid tagħna nfusna u tal-oħrajn speċjalment tal-familja.
Ammen.

# Kapitlu 3
# NGĦIXU FIL-KOMUNITÀ
# Tema 2
# GWIDA BIEX NGĦIX AĦJAR: L-GĦAXAR KMANDAMENTI

Nibdew il-laqgħa billi flimkien inroddu s-Salib u ngħidu talba.

**L-Għan ta' din it-tema**

Li l-adolexxenti isiru aktar midħla mal-liġijiet li Alla ta lil bniedem għaliex iħobbu u jixtieqlu l-ġid, liema liġijiet huma ta' gwida sabiex il-bnedmin jgħixu aħjar kemm fir-rispett lejn Alla, kemm magħhom infushom, kif ukoll mal-oħrajn.

## Żvolġiment tal-laqgħa

**Qsim ta' Esperjenzi**

- Meta nisimgħu l-kelma kmandamenti x'jiġina f'rasna?
- Għaliex naħsbu li Alla tana il-kmandamenti?
- Fil-ħajja tagħna s'issa xi jfissru għalina dawn il-kmandamenti?
- Il-kmandamenti iżidu jew inaqqsu l-libertà tagħna?

**Mill-Kelma ta' Alla**

Dewt 5, 6-21




**Nitgħallmu**

**Storja**

Kien hemm grupp ta' adolexxenti li meta semgħu lill-katekist jgħidilhom il-kelma 'kmandamenti' bdew jgħaddu ħafna kummenti.

Wieħed minnhom qam u qal: "xi rridhom dawn il-liġijiet, mhux aħjar kulħadd jagħmel li jrid? Mhux kulħadd huwa liberu?"

Il-katekist qal lill-adolexxenti: "Kull wieħed u waħda minnkom, immaġinaw li intom xi re jew regina u qed tmexxu pajjiż. X'tixtiequ min-nies ta' madwarkom sabiex fil-pajjiż ikun hemm il-paċi, rispett lejn l-awtorità u lejn xulxin? Iktbu almenu tnax-il sentenza. Wara niddiskutuhom flimkien."

L-adolexxenti hekk għamlu u meta lestew kollox u ddiskutewhom sabu li dak li kitbu kienu simili ħafna għall-għaxar kmandamenti. Huma stess indunaw li l-liġijiet li Alla ta lill-bnedmin tahomlna għall-ġid tagħna stess, għaliex huma gwida biex il-bnedmin jgħixu ħajja aħjar.

**(Dan l-eżerċizzju jista' jsir mal-**

**adolexxenti stess fil-laqgħa).**

**L-Għaxar Kmandamenti huma għall-ġid tagħna stess.**
Il-Għaxar Kmandamenti, Alla tahom lil Mosè sabiex jgħaddihom lil poplu Lhudi u lil popli kollha li jemmnu f'Alla. Kelma oħra għall-Għaxar Kmandamenti hija Dekalogu – jiġifieri għaxar kelmiet. Huma għaxar kelmiet – għaxar liġijiet mogħtija lilna minn Alla sabiex juruna kif għandhom ikun l-azzjonijiet tagħna jekk tassew irridu ngħixu ta' persuni b'dinjità ta' wlied Alla. Dawn l-għaxar kelmiet, jew frażijiet, minkejja li jidhru negattivi fil-fatt huma pożittivi ħafna, għaliex min jirrispettahom u jwettaqhom, jikseb f'ħajtu relazzjoni tajba ma' Alla, ferħ, paċi u rispett lejh innifsu u lejn l-oħrajn.

- Alla tana dawn il-kmandamenti bħala rigal, għax iħobbna.

- Alla tahomlna għax jinteressah minna l-bnedmin, Alla jixtiqilna l-ġid.

- Alla tahomlna għaliex jixtieq li l-azzjonijiet tagħna bejnietna ikunu jixirqu lid-dinjità tagħna ta' bnedmin maħluqin minn Alla li lilu jixraqlu kull rispett.

Il-kmandamenti ma jnaqqsulniex il-libertá, anzi jżiduhielna għaliex joffrulna għajnuna, u direzzjoni fl-għażliet li nagħmlu.

**Tqassim tal-Għaxar kmandamenti**
- L-ewwel żewġ kmandamenti għandhom x'jaqsmu direttament ma' Alla.

- It-tielet kmandament joffrilna l-isfida li bħala komunità neħtieġu lil Alla u lil xulxin, għalhekk hemm jum fil-ġimgħa, għalina l-Insara li huwa l-Jum tal-Ħadd. F'dan il-jum għandna niltaqgħu flimkien mal-komunità nisranija għaċ-ċelebrazzjoni tal-quddiesa; nistrieħu mill-ħidma ta' matul il-ġimgħa, ukoll ikollna aktar ħin biex ingawdu lill-ħbieb u lill-għeżież tagħna.

- Ir-raba' kmandament ifakkarna li wara Alla jiġu dawk li tawna l-ħajja naturali u dawk li jrabbuna. Dawn il-persuni jistħoqqilhom rispett, u min-naħa l-oħra huma jiftakru li r-rispett għandu jkun reċiproku.

- Mill-ħames sal-għaxar kmandament huma gwida li juruna x'għandna nevitaw, u fl-istess ħin x'għandna nagħmlu tajjeb biex ngħixu ħajja xierqa magħna nfusna u ma' ħutna l-bnedmin kollha.

**Napplikaw it-tagħlim għall-għajxien ta' kuljum fil-ħajja tagħna Nisranija (Katekeżi)**

Noti għall-katekist/a
1. Naraw flimkien liema huma l-Għaxar Kmandamenti u t-tifsira tagħhom għall-ħajja tagħna bħala adolexxenti. Fihom ser insibu dak li m'għandniex nagħmlu, t-tifisra tal-kmandament adattat għall-adolexxenti li tinkludi l-aspett pożittiv ta' dak li għandna nagħmlu, u fit-tielet kolonna nsibu sfidi ta' kif nistgħu ngħixu kull kmandament.

2. Huwa mixtieq li l-katekist/a tiftaħ diskussjoni f'kull kmandament ħalli tixpruna lill-adolexxenti lejn dawn il-mistoqsijiet:
   - Kieku inti kif tgħixu dan il-kmandament?
   - Xi sfida joffrilek bħala adolexxent/a fil-ħajja tiegħek?

**Il-Kmandamenti**

1. Jiena hu Alla Sidek, ma jkollokx Alla ieħor għajri,
2. La ssemmix l-isem ta' Alla fil-batal.
3. Ħares il-Ħdud u l-festi,
4. Irrispetta lil ommok u lil missierek,
5. La toqtolx,
6. La tiżnix,
7. La tisraqx,
8. La tixhidx ħaġa b'oħra,
9. La tixtieqx nisa tal-oħrajn,
10. La tixtieqx ħwejjeġ tal-oħrajn.

| Kmandament | Tifsira | Sfidi għall-ħajja ta' kuljum: Naħsbu ftit |
|---|---|---|
| **1. Jiena hu Alla Sidek, ma jkollokx Alla ieħor għajri** | Inpoġġu lil Alla fl-ewwel post f'kull ħaġa li naħsbu u nagħmlu.<br><br>Li inħobbu lil Alla aktar minn kull ħaġa oħra.<br><br>Nagħmlu ħilitna biex lil Alla ma ninsewhx. | Ġieli ppreferejt tkompli bix-xogħol tiegħek u lanqas biss tajt kas li tgħid talba, filgħodu, matul il-ġurnata, qabel ma bdejt tiekol, u lanqas qabel ma torqod?<br><br>Ġieli tiftakar f'Alla matul il-ġurnata u tirringrazzjah ta' dak kollu li qed jagħmel miegħek? |
| **2. La ssemmix l-isem ta' Alla fil-batal** | Meta nssemmu l-isem ta' Alla nsemmuh b'rispett, b'imħabba.<br><br>Insemmu l-isem ta' Alla biex nitolbu u nfaħħruh.<br><br>Alla tana dak kollu li għandna, meta ssemmu ismu, nagħtuh l-unur li jixraqlu.<br><br>Nirrispettaw il-postijiet li huma ddedikati lil Alla bħal knisja, kappella... | Ġieli semmejt l-isem ta' Alla mhux bir-rispett u l-imħabba li tixraq, imma semmejtu għal xejn jew b'xi kliem mhux xieraq, u dan biex tidher *cool*?<br><br>Ir-rispett tiegħek lejn Alla fi kliemek, juri tassew kemm qed tikber f'persuna Nisranija responsabbli?<br><br>L-azzjonijiet ukoll juru rispett lejn Alla, b'mod partikulari l-imġiba tiegħek fil-knisja li hija l-post ddedikat lil Alla. Jekk tixtieq tassew li turi lil Alla rispett, ilbes ilbies adattat li jixraq id-dar ta' Alla, mur il-knisja u urih rispett, il-logħob bil-mobile u tpaċpiċ ma jurix rispett lejn Alla. |

| | | |
|---|---|---|
| **3. Ħares il-Ħdud u l-festi** | Il-ġurnata tal-Ħadd hija l-jum li fih nistrieħu mix-xogħol, mill-iskola, imma mhux minn Alla.<br><br>Il-Ħadd huwa l-jum li fih niftakru aktar f'Alla, li fih immorru biex niltaqgħu ma' Alla u flimkien nitolbu speċjalment bil-quddiesa.<br><br>Bħala Kristjani l-Ħadd huwa l-jum li fih Alla jistenniena sabiex niċċelebraw flimkien bħala komunità il-quddiesa.<br><br>Bħala Kristjani, mhux biss nhar ta' Ħadd għandna niċċelebraw flimkien il-quddiesa, imma wkoll għandna mmorru il-quddies fil-festi kkmandati – jiġifieri f'dawk il-festi li fihom niċċelebraw ġrajjiet importanti fil-ħajja ta'Ġesù, jew ta' Ommna Marija jew ta' xi qaddis partikulari. Dawn il-festi huma: *L-ewwel tas-Sena, il-Milied, l-Għid il-Kbir, Santa Marija, San Pawl*.<br><br>Minkejja li dawn li ġejjin mhumiex festi kkmandati, imma fihom niċċelebraw ġrajjiet importanti fil-ħajja ta' Ġesù, għalhekk bħala Nsara, tajjeb li niċċelebrawhom flimkien mal-komunità Nisranija. Dawn huma: *Ħamis ix-Xirka u l-Adorazzjoni tas-Salib fil-Ġimgħa l-Kbira*.<br><br>Nhar ta' Ħadd ma ninsewx lil Alla.<br><br>Niftakru naqraw ftit mill-Bibbja.<br><br>Niftakru nitolbu aktar mis-soltu<br><br>Niftakru nirringrazzja lil Alla għall-ġurnata tal-Ħadd. | Nhar ta' Ħadd mhux biżżejjed li toqgħod id-dar tisma' l-quddiesa fuq it-TV, jew toqgħod taqra l-Bibbja, jew tara xi film dwar il-Bibbja.<br><br>Nhar ta' Ħadd, sakemm inti tiflaħ, mur il-Knisja u flimkien mal-komunità, itlob u ċċelebra l-quddiesa.<br><br>Kemm jista' jkun tivvintax skużi biex nhar ta' Ħadd ma tmurx il-quddies. Ġesù jkun qed jistenniek, anki l-komunità tiegħu gost tarak, tinsiex!<br><br>Ftakar li meta nitqarbnu, Ġesù jagħtina ħafna saħħa sabiex ngħixu ħajja tajba.<br><br>Nhar ta' Ħadd, strieħ, aqra affarijiet li jgħinuk tistrieħ sabiex t-Tnejn meta terġa' tibda l-iskola, tkun mistrieħ/a biżżejjed. |

| | | |
|---|---|---|
| **4. Irrispetta lil ommok u lil missierek** | Nagħmlu ħilitna biex nirrispetta lil min qed irabbina, nieħdu ħsiebhom, u nitolbu għalihom.<br><br>Fil-familji, fil-komunità u fis-soċjetà għandna r-responsabbiltà li nirispettaw l-awtorità.<br><br>Naraw klipp Ġ (fuq il-*pendrive*): **<u>Nirrispettaw l-Awtorità</u>**<br><br>**<u>Diskussjoni</u>**<br>• X'dehrilna minn dan il-klipp?<br>• Xi sfidi joffri dan il-klipp? | Meta jiġri li xi darba ma taqbilx mal-ġenituri jew ma' dawk li qed irabbuk, fittex li titlob skuża. Dan juri ħafna rispett.<br><br>Dan il-kmandament joffrilek sfida sabiex mhux biss tirrispetta l-awtorità fil-familja, fl-iskola, fiċ-ċentri li tiffrekwenta imma wkoll li taħdem flimkien mal-*leaders* tiegħek għall-paċi. |
| **5. La toqtolx** | Dan il-kmandament joffrilna l-isfida, b'liġi ta' Alla, li nirrispettaw il-ħajja tagħna u tal-oħrajn u li nirrispettaw id-dinjità ta' KULL persuna.<br><br>*Human dignity makes us someone not something*. Id-dinjità tal-bniedem tfakkarna li aħna ugwali.<br><br>Il-ħajja hija rigal ta' Alla, nirrispettawha.<br><br>Ħadd m'għandu jkasbar il-ħajja la tiegħu u lanqas ta' ħaddieħor. | Kun ġentili miegħek innifsek. Tweġġax lilek innifsek.<br><br>Tweġġax lill-oħrajn, bl-ebda mod, la bil-kliem, u lanqas bl-għemil, tiktibx affarijiet li jistgħu iweġġgħu lill-oħrajn.<br><br>Ħu ħsieb saħħtek. Kul dieta bilanċjata.<br><br>Strieħ bil-għaqal.<br><br>Ibqa' tgħallem.<br><br>Tweġġax lill-oħrajn lanqas biċ-ċajt, tivvintax laqmijiet lill-oħrajn, tidħaqx bid-difetti tal-oħrajn. |

| | | |
|---|---|---|
| **6. La tiżnix** | Nirrispetta lil ġismna – dan hu rigal ta' Alla.<br><br>Alla żejjinna bir-rigal tas-**sesswalità** – jiġifieri, għamilna persuni li nħossu (*feelings*), li b'diversi modi nuru li nħobbu, li nesprimu ruħna b'diversi manjieri skont iċ-ċirkustanzi li nkunu fihom, il-mod ta' kif nikkomunikaw mal-oħrajn il-*feelings* tagħna u l-affezzjonijiet tagħna, persuni li nixtiequ nkunu maħbuba. Fl-adolexxenza aħna persuni li għadna qed niskopru l-identità tagħna ħalli bil-mod il-mod naċċettaw lilna nfusna u nadattaw irwieħna fil-ħajja.<br><br>Fuq kollox, Alla għamilna persuni li kapaċi nħobbu u nixtiequ li nkunu maħbuba.<br><br>Dan il-kmandament joffrilna l-isfida, li żżomm ħsibijietna indaf, għaliex jekk dawn ikunu f'posthom, il-*feelings* u l-emozzjonijiet tiegħek, kif ukoll l-imġiba tagħna tkun tista' tiġi tikkontrollaha tajjeb.<br><br>Parir: *L-internet użah int u mhux hu juża lilek!* | Jekk tixtieq li ħaddieħor jirrispettak, irrispetta lilek innifsek.<br><br>Ipprova li jkollok ħbieb tajbin li jgħinuk tikber f'persuna tajba. Ħbieb tajbin jgħinuk tifhem xi tfisser tħobb.<br><br>Itlob lil Alla jgħinek sabiex tibqa' tirrispetta lilek innifsek u lill-oħrajn.<br><br>Aħseb sew qabel ma tagħmel l-għażliet tiegħek, iċċedix għall-*peer pressure* ... aħseb sew!<br><br>Tweġġax qalbek bla bżonn, attent għal dak li taqra u tara, żomm qalbek nadifa.<br><br>Meta tiftakar fid-dinjità tal-persuna, tiftakarx biss fid-drittijiet tieghek, imma ftakar ukoll fir-responsabiltajiet tiegħek lejn innifsek u lejn l-oħrajn.<br><br>Fittex li tagħmel għażliet li bihom tħobb aktar lil Alla, lilek innifsek u lill-oħrajn. |

| | | |
|---|---|---|
| **7. La tisraqx** | La tisraqx ifisser li naqsmu mal-oħrajn – *share*.<br><br>La tisraqx ifisser ukoll, li m'għandniex nagħmlu ħsara għax irridu l-propjetà ta' ħaddieħor, ċkejkna kemm hi ċkejkna.<br><br>Lanqas m'għandna nisirqu l-ideat ta' ħaddieħor, nagħmluhom tagħna u nużawhom mingħajr il-permess tal-persuna.<br><br>La tisraqx ifisser ukoll: *do not cheat*. Dan jista' jkun dwar diversi affarijiet: il-*homework*, eżamijiet, nikkopjaw ix-xogħol ta' ħaddieħor. Dawn l-affarijiet iweġġgħu ħafna lin-nies.<br><br>La tisraqx ifisser ukoll li ma nisirqux l-isem tajjeb ta' sħabna, ta' persuni oħra, għaliex ngħiru għalihom. L-għira hi kerha ħafna. Nitgħallmu nkunu kuntenti b'dak li aħna u għandna, infittxu li nibqgħu nitgħallmu għaliex aktar ma nagħmlu dan aktar niskopru min aħna u nkabbru t-talenti u l-kapaċitajiet tagħna.<br><br>La tisraqx ifisser ukoll li ma naħlux ħin, li nużaw tajjeb il-ħin, il-ħin hu prezzjuż u ma jerġax jiġi. Niprruvaw li nużaw il-ħin u mhux il-ħin juża lilna...jiġifieri nużaw il-ħin bil-għaqal.<br><br>Ara klipp Ħ (fuq il-*pendrive*): **Nuża l-ħin mhux il-ħin juża lili.**<br><br>**Diskussjoni**<br>• X'dehrilna minn dan il-klipp?<br>• X'tgħallimna minnu? | Tippruvax tħassar, jew twaqqa' għaċ-ċajt la bil-kliem u lanqas bil-ġesti, l-isem tajjeb ta' xi persuna, biex tidher li inti aħjar minnha.<br><br>Jekk jgħaddielek xi ħsieb ta' *bullying* anke biċ-ċajt minn moħħok, neħħih. Dan jista' jneħħi l-ferħ minn ħajtek u minn ħajjet ħaddieħor.<br><br>Aħna msejħin biex nirrispettaw u naħdmu għall-ġustizzja, immela:<br><br>i. Nieħdu ħsieb l-ħolqien kollu<br><br>ii. Nieħdu ħsieb l-affarijiet tagħna u nirrispettaw l-affarijiet ta' ħaddieħor<br><br>iii. Ma neħdux affarijiet li m'humiex tagħna, dan jinkludi li m'għandniex nieħdu 'il-prosit' li jkun ta' ħaddieħor<br><br>iv. Tisraqx bil-makkakerija il-ħbieb tal-oħrajn!<br><br>v. Aqsam – *share* mal-oħrajn dak li tista' u kemm tista' – il-ferħ ġenwin ma jonqos qatt<br><br>vi. Agħmel *time-table* għal matul il-ġurnata biex ikollok ħin għal kollox. Il-ħin użah INT mhux hu juża lilek! Il-ħin huwa prezzjuż, tħallix min jisraqulek u tisirqux lil ħaddieħor! |

| | | |
|---|---|---|
| **8. La tixhidx ħaġa b'oħra** | Dejjem ngħidu l-verità. It-tgħawwiġ tal-kliem ineħħi l-paċi minn qalbna. Il-verità tagħmilna persuni liberi.<br><br>Ġesù stess qalilna: '... il-verità teħliskom.'<br>Ġw 8, 32<br><br>Il-bniedem kuraġġuż jgħid il-verità u jiddefendi l-verità;<br><br>Meta ngħidu xi ħaġa nqisu li tkun veru, inżommu l-kelma li nkunu tajna lil xi ħadd. B'hekk niksbu l-fiduċja tal-oħrajn.<br><br>Ġesù qalilna: 'Ħallu li l-kliem tagħkom ikun, iva, iva, le, le'<br>Mt 5, 37 | Tibżax tgħid il-verità. Il-proverbju Malti jgħid: il-giddieb għomru qasir.<br><br>Tgħidx kliem b'ieħor jew tpaċpaċ minn wara dahar l-oħrajn.<br><br>Irrispetta l-privatezza u l-affarijiet privati tal-oħrajn.<br><br>Irrispetta l-isem tajjeb tal-oħrajn u tagħmel xejn biex tħassar ir-reputazzjoni tajba tal-oħrajn u lanqas tiegħek innifsek. |
| **9. La tixtieqx nisa tal-oħrajn** | Ħobb lil għajrek bħalek innifsek. Ara Mt 7, 12<br><br>Fil-ħbiberiji tagħna nkunu sinċieri u onesti.<br><br>Ngħożżu l-ħbieb tajbin tagħna, napprezzawhom u nitolbu għalihom. | Ma' sħabek, kun sinċier u onest/a, tinqediex bihom għall-bżonnijet tiegħek biss.<br><br>Jekk tixtieq li tkun persuna rrispettat/a, tgħallem aqsam mal-oħrajn:<br><br>• l-ewwel irrispetta int u ħaddieħor jirrispettak<br><br>• kun ħanin u tirċievi ħniena<br><br>• għejn u tiġi mgħejjun<br><br>• tgħirx għall-affarijiet u lanqas għall-ħbieb tal-oħrajn, kun kuntent bil-ħbieb tiegħek u tara kemm ikollok ħbieb. |

| | | |
|---|---|---|
| **10. La tixtieqx ħwejjeġ tal-oħrajn** | Fil-ħajja tagħna nitgħallmu nafdaw f'Alla.<br><br>Inkunu ġenerużi mal-oħrajn.<br><br>Inkunu kuntenti b'dak li għandna. | Tgħirx għall-ġid ta' ħaddieħor.<br><br>Tagħmilx qalbek sewda, hekk li titlef il-paċi u l-ferħ tiegħek għaliex ħaddieħor għandu affarijiet li inti m'għandekx.<br><br>Tkunx persuna li kull ma tara tridu, tkunx *greedy* – regħib, apprezza dak li għandek, ħu ħsieb dak li għandek, aqsam mal-oħrajn... aħna komunità! |

**Sfida**

Matul din il-ġimgħa erġa' aqra dan it-tagħlim dwar il-Kmandmenti u aqra wkoll dan il-kliem meħud mill-Bibbja, mill-Ktieb tal-Proverbji: 'Ibni tinsiex it-tagħlim tiegħi, iżda żomm f'qalbek il-kmandamenti tiegħi'.

**Inkantaw u nitolbu flimkien**

Bind us together




**Djarju**

Fid-Djarju tiegħek, ikteb jew pinġi dwar wieħed mill-kmandamenti li bħalissa qed tarah ħafna importanti f'ħajtek.

**Katekeżi Familja**

Naqraw flimkien fil-familja mill-Bibbja

Interessanti li fil-Bibbja, hemm Salm li l-Lhud iqisuh bħala d-dekalogu liturġiku, fil-fatt huma ħdax-il kelma li bihom il-Lhud jagħmlu l-mistoqsija lill-Mulej u l-qassisin - il-Leviti iweġbuhom bi ħdax il-kelma. Dan is-Salm jissejjaħ id-dekalogu liturġiku.

Mulej, min jgħammar fid-dar tiegħek?
Min joqgħod fuq l-għolja mqaddsa tiegħek?

*Min jgħix bla ħtija u jagħmel it-tajjeb,*
*min jgħid is-sewwa f'qalbu; min ma jqassasx bi lsienu,*
*ma jagħmilx deni lil ġaru, u ma jgħajjarx lil għajru;*

*min ma jistmax lill-bniedem ħażin, imma jweġġaħ lil dawk li jibżgħu mill-Mulej; min iwiegħed u jżomm kelmtu;*

*min jislef u ma jitlobx imgħax, u ma jixxaħħamx kontra min hu bla ħtija.*
*Min jagħmel dan qatt ma jitħarrek.*

Salm 15 (14)

Nitolbu flimkien bħala familja:

Mulej għinna bħala familja napprezzaw aktar il-liġi tiegħek fil-kmandmenti, għinna ħalli ngħixuha mill-aħjar li nistgħu għall-glorja tiegħek, għall-ġid tagħna stess u tal-proxxmu tagħna tagħna kollu.
Ammen

# Kapitlu 3
# NGĦIXU FIL-KOMUNITÀ
# Tema 3
# NIFIRĦU FLIMKIEN: IL-BEATITUDNIJIET

Nibdew il-laqgħa billi flimkien inroddu s-Salib u ngħidu talba.

**L-Għan ta' din it-tema**
Li l-adolexxenti isiru aktar familjari mar-realtà li l-għajxien tal-Beatitudnijiet iġib paċi u ferħ kemm personali kif ukoll fil-komunità kollha.

## Żvolġiment tal-laqgħa

**Qsim ta' esperjenzi**

- Meta nisimgħu l-espressjoni: In-Nisrani veru għandu jifraħ mal-oħrajn, x'nifhmu biha?
- X'nifhmu biha: nifraħ mal-oħrajn?
- Bħala Nsara nagħmlu distinzjoni meta, u ma' min għandna nifirħu?
- Ġieli smajtna bil-kelma: Beatitudnijiet, jew id-Diskors tal-Muntanja u x'konnessjoni għandhom dawn mal-ferħ?

**Storja**
Dan l-aħħar sirt naf, li meta l-attur Robert Powell, kien qed jistudja l-iskript biex jaħdem il-film *Jesus of Nazareth*; il-parti tal-Beatitudnijiet – id-Diskors tal-Muntajna, kienet l-aktar parti li dam jistudja u jaħseb fuqha. Tant impressjonah dan it-tagħlim ta' Ġesù, li qabad l-Evanġelju u beda jaqrah u jistudjah sewwa. F'waħda mill-intervisti li għamlulu minħabba dan il-film, Robert qal: li kieku l-bnedmin jieħdu bis-serjetà l-kliem u t-tagħlim ta' Ġesù Kristu skont il-Beatitudnijiet u jagħmluhom il-programm tal-ħajja tagħhom, fid-dinja jirrenjaw biss l-imħabba u l-ferħ ġenwin. Robert Powell, kompla jgħid: verament huma joffru sfida, imma sfida li ġġib il-vera kuntentizza.

**Nitgħallmu**
Fl-Evanġelju, Ġesù tana mudell ta' kif bħala nsara nistgħu inkunu ferħanin, imberkin u ngħixu fil-paċi minkejja l-isfidi li niltaqgħu magħhom. Ġesù tana l-**Beatitudnijiet**. Dawn huma speċi ta' mappa, jew programm għan-nisrani sabiex hu u l-oħrajn jgħixu fil-paċi, fil-ferħ u fil-hena. Jekk nimxu ma' dan il-program ta' Ġesù tassew ikollna l-ferħ veru li ma jispiċċa qatt.

**Il-Beatitudnijiet huma sfida**, imma meta nippruvaw ngħixuhom sewwa, il-ferħ li nħossu fina u madwarna ħadd ma jista' jeħodhulna.

**Mill-Kelma ta' Alla**

Mt 5, 3-10




**Diskussjoni**

- X'fhimna minn dan il-qari u mill-klipp dwar il-Beatitudnijiet?

**Napplikaw it-tagħlim għall-għajxien ta' kuljum fil-ħajja tagħna Nisranija (Katekeżi)**

- Nimxu pass pass mal-Beatitudnijiet, naraw xi jfissru, u kif minkejja li għandkom żgħar tistgħu tgħixuhom fil-ħajja tagħkom bħala Nsara.

- Kull beatitudni tibda bil-kelma: 'Henjin'. Dan ifisser li min jipprova jimxi fuq dan il-programm ta' Ġesù isir persuna ferħana, jgħix hieni mal-oħrajn u jgħin lill-oħrajn jgħixu henjin.

**Nota għall-katekist/a**

1. Il-Beatitudnijiet huma maqsumin fi tliet kolonni: Fl-ewwel waħda nsibu l-Beatitudni, fit-tieni insibu t-tifsira tagħha adattata għall-adolexxenti u fit-tielet kolonna insibu sfidi ta' kif l-adolexxenti jistgħu jgħixu kull Beatitudni fil-ħajja tagħkom.

2. Huwa mixtieq li wara KULL Beatitudni, jew wara li tlestuhom, tiftħu diskussjoni ħalli tixprunaw il-ħsieb tal-adolexxenti.

**Diskussjoni**

- Xi sfidi jista' joffrilna bħala adolexxenti dan li jixtieq minna Ġesù f'din il-beatitudni?
- Liema beatitudni nħossu li nistgħu ngħixu bil-kumdita fl-età u ċ-ċirkustanzi tagħna bħalissa?
- Liema waħda l-aktar li tisfidana?

| **Beatitudnijiet** | **Nipprova Nifhimhom** | **Sfida: Immaġinak fi vjaġġ u qed tuża l-GPS biex tasal f'post ... ħares lejn il-beatitudnijiet bħala l-GPS tiegħek bħala nisrani/ja** |
|---|---|---|
| **Henjin il-foqra fl-Ispirtu, għax tagħhom hija s-Saltna tas-Smewwiet.** | Inkunu 'foqra fl-ispirtu', meta nitgħallmu nafdaw dejjem u f'kollox lil Alla.<br><br>Meta nafdaw lil xi ħadd bis-sigriet tagħna, bil-ferħ u b'dak li jdejjana nkunu persuni li tassew nafu nħobbu. | Aħseb ftit:<br>• Tassew tafdah lil Alla? Tgħidlu lil Alla: Mulej jiena nafda fik?<br><br>• Kieku kellek tagħmel lista tal-aktar affarijiet importanti f'ħajtek s'issa, x'numru jkun Alla? X'taħseb dwar dan? |
| **Henjin l-imnikkta għax huma jkunu mfarrġa.** | Qed inħossuna 'mnikktin' minħabba l-mod egoist - '*selfish*' li l-bnedmin jittrattaw lil xulxin? | • Ġieli kont egoist - jiġifieri taħseb biss fik innisek, bi ħsibijietek u b'għemilek? Kif tħossok meta jiġri dan? Kieku kont int li rċevejt l-azzjoni kif tħossok?<br>• Taħseb li ġieli nikkit (*made someone feel sad/unhappy*) lil xi ħadd minħabba l-egoiżmu tiegħek?<br>• Barra li titlob, x'lest li tagħmel biex dawn l-affarijiet ma jkomplux?<br>• Fittex kif tista' tferraħ lil xi ħadd, anke jekk dik il-persuna ma taqbilx magħha. (Ftakar li r-rispett veru iferraħ lin-nies u mhux ir-rigali) |
| **Henjin ta' qalbhom ħelwa għax huma jkollhom b'wirt l-art.** | Li nkunu qalbna ħelwa jfisser li nkunu paċenzjużi, qalbna tajba, u nirrispettaw lil kulħadd anke lil dawk li mhux dejjem jurina rispett.<br><br>Meta nippruvaw nagħmlu dan, inkunu henjin, jiġifieri ferħanin. L-art li nirtu hija l-ġenna, li tibda minn din id-dinja jekk nippruvaw ngħixu tassew dan il-programm ta' Ġesù ma' ħutna l-bnedmin kollha. | Mhux faċli li dejjem tkun paċenzjuż, qalbek tajba, u tirrispetta lil kulħadd aktar u aktar ma' dawk li ma jurukx rispett. Fil-verità dan kollu joffri sfida kbira dejjem u għal kulħadd. F'idejk! Jekk verament tixtieq li tkun ferħan u tferraħ lil oħrajn trid tidħol għal din l-isfida, ftit ftit kuljum. |

| | | |
|---|---|---|
| **Henjin dawk li huma bil-ġuħ u l-għatx tal-ġustizzja, għax huma jkunu mxebbgħin.** | Inkunu 'bil-ġuħ u l-għatx tal-ġustizzja,' meta nippruvaw inkunu ġusti u nfittxu l-ġustizzja għalina nfusna u għall-oħrajn u meta nittrattaw lill-oħrajn *fairly*.<br><br>Meta ngħixu hekk naraw kemm Alla tana grazzji, talenti u affarijiet biex ngħixu tajjeb aħna u biex ħaddieħor jgħix tajjeb ukoll. Hekk tassew kulħadd ikun imxebba'. | Ġieli kien hemm mumenti meta għidt: din mhix *fair*? Kif ħassejtek?<br><br>Ftakar f'dak li inti ħassejt u pprova kun *fair* ma kulħadd, l-ewwelnett miegħek innifsek. Ara ftit kif qed tuża l-ħin, it-talenti u l-affarijiet li għandek, inkuż l-ikel!<br><br>Taħseb li hija *fair* li min jarmi u min m'għandu kważi xejn? X'tista' tagħmel, fiċ-ċokon tiegħek dwar dan? |
| **Henjin dawk li jħennu għax huma jsibu ħniena.** | Hemm ħafna modi kif nistgħu nħennu fil-ħajja ta' kuljum. Ġesù, lilna l-Kristjani tana sfida kbira. Inħennu tassew meta naħfru lill-oħrajn, u ma npattux meta xi ħadd iweġġagħna.<br><br>Jekk nippruvaw nagħmlu dan, aħna wkoll insibu min iħenn għalina, min jaħfrilna u min ma jpattihilniex lura. Kemm inkunu ferħanin tassew jekk nippruvaw nagħmlu dan kollu. | Veru, li taħfer mhux faċli. Trid li meta tagħmel xi żball inti, xi ħadd jaħfirlek? Ipprova agħmel hekk ukoll lil ħaddieħor!<br><br>Diffiċli tgħid *sorry*? Tixtieq li ħaddieħor jgħidlek *sorry*' Agħmel hekk ukoll inti lil ħaddieħor.<br><br>Kemm hi ħaġa kerha meta xi ħadd ipattihielek? Tagħmilx hekk lil ħaddieħor. |
| **Henjin dawk li huma safja f'qalbhom għax huma jaraw lil Alla.** | Inkunu safjin f'qalbna meta nippruvaw inħobbu lil xulxin kif jixtieqna Ġesù, meta matul il-ġurnata nitolbuh jakkumpanjana u jkompli jurina xi jrid minna. Meta nippruvaw nagħmlu dan kollu tassew inkun henjin, għax inkunu qed nippruvaw nagħmlu dak kollu li Alla jkun irid minna. | Kemm il-darba matul il-ġurnata tiftakar f'Ġesù? Tħossu u tkellmu bħala l-ħabib tiegħek?<br><br>Ġieli tistaqsi lilek innisfsek: Li kieku kien hawn Ġesù x'kien jagħmel? Aħseb ftit fuq dan u tara kemm il-qalb tiegħek tibqa' safja u nadifa. |

| | | |
|---|---|---|
| **Henjin dawk li jġibu l-paċi għaliex huma jissejħu wlied Alla.** | Inkunu persuni ta' paċi meta nirrispettaw u nġibu ruħna mal-oħrajn kif jixtieqna Ġesù.<br><br>Meta aħna stess ma naqilgħux inkwiet bla bżonn, meta ngħinu lil ħaddieħor jieqaf milli jiġġieled, meta naħdmu għall-paċi.<br><br>Meta nagħmlu dan tassew inkunu ulied Alla, għaliex Alla li huwa missier kulħadd, iridna ngħixu fil-paċi bħala familja waħda. | Aħseb ftit:<br><br>Ġieli ħaġa żgħira, kabbartha u qlajt ħafna inkwiet li ma kienx hemm bżonnu?<br><br>Ġieli kont int stess, li bil-kummenti tiegħek għent biex jinqala' l-inkwiet u l-ġlied?<br><br>Tibża' taħdem għall-paċi?<br><br>Trid li tgħix fil-paċi? Mela ipprova aħdem biex ikun hemm il-paċi dejjem u ma' kulħadd.<br><br>Itlob għall-paċi fik innifsek, madwarek u fid-dinja kollha. |
| **Henjin intom meta jgħajrukom u jippersegwitawkom u jaqilgħu kull xorta ta' ħażen u gideb kontra tagħkom minħabba fija, ifirħu u thennew għax ħlaskom kbir fis-smewwiet.** | Il-program ta' Ġesù għan-nisrani mhux faċli, fih ħafna sfidi. Meta rridu nimxu wara Ġesù, u nagħmlu kif jixtieqna Hu, mhux l-ewwel darba li ssib min jgħaddi kummenti u jidħak.<br><br>Imma na għandniex naqtgħu qalbna, Ġesù hu dejjem magħna.<br><br>L-importanti li nemmnuh, li nafdawh, li nkomplu nimxu warajh. | Taqtax qalbek meta xi ħadd minn sħabek jidħak bik għaliex inti titlob, jew għaliex tmur il-quddies, jew għaliex wara li tagħmel il-Griżma tal-Isqof tibqa' tfittex grupp tajjeb biex tibqa' titgħallem fuq Ġesù.<br><br>Agħmel ħiltek li inti stess ma tgħaddix kummenti jekk tara lil sħabek ifittxu li jsiru jafu aktar lil Ġesù.<br><br>Fittex li ma twaqqax għaċ-ċajt it-tagħlim ta' Ġesù. |

**Diskussjoni**

- Issa li rajna xi jfissru dawn il-beatitudnijiet, kif inħossuna?
- Tarawh joffrilkom sfida dan il-programm ta' Ġesù? Għaliex?

**Nitolbu u nkantaw flimkien**

The Beatitudes



**Sfida**

Naqraw sew dawn il-Beatitudnijiet. Infittxu dak li l-aktar jolqotna u nibdew nagħmlu xi ħaġa dwaru.

**Djarju**

Fid-Djarju tiegħek ikteb dak li għamilt dwar xi wieħed mill-Beatitudnijiet li tana Ġesù. Jekk tixtieq li tikteb dwar aktar minn wieħed, f'idejk.

**Katekeżi Familja**

Naraw flimkien fil-familja mill-Bibbja

Mt 5, 3-10

Nitolbu flimkien bħala familja:

Mulej għinna bħala familja ngħixu l-programm tiegħek fil-Beatitudnijiet, ġurnata b'ġurnata. Berikna Mulej Ġesù, u għinna sabiex bħala familja qatt ma naqtgħu qalbna.
Ammen.

# Kapitlu 3
# NGHIXU FIL-KOMUNITÀ
# Tema 4
# IX-XHIEDA TIEGHI FIL-KOMUNITÀ

Nibdew il-laqgħa billi flimkien inroddu s-Salib u ngħidu talba.

**L-Għan ta' din it-tema**
Li l-adolexxenti jagħrfu l-ħtieġa li bħala Kristjani għandna nagħtu xhieda ta' dak li nemmnu fih. Il-ħniena mal-proxxmu speċjalment mal-fqar hija pedament qawwi tax-xhieda tal-identità tagħna bħala Kristjani.

## Żvolġiment tal-laqgħa

**Qsim ta' Esperjenzi**
- Aħna l-Maltin magħrufin bħala poplu ġeneruż ħafna u ospitabbli ħafna. Bħala adolexxent, x'taħseb dwar dan, għadna nżommuh dan l-isem sabiħ? Kif?
- Taħsbu li nagħtu l-flus huwa biżżejjed biex nuru kemm inħobbu lill-proxxmu? Għandkom xi suġġerimenti dwar kif nistgħu nuru li nħobbu tassew lill-proxxmu tagħna, barra l-għoti tal-flus?

**Nitgħallmu**

**Storja**
Kien hemm wieħed żagħżugħ jismu Mark. Mark, kellu madwar għoxrin sena, kien twil, u ta' ftit kliem. Mark kien jgħix waħdu mal-kelb ċkejken li dejjem kont tarah jistennieh meta jiġi mix-xogħol. Dan il-kelb, dejjem ikun miegħu kemm meta jmur jixtri jew kemm meta jmur jagħmel xi passiġġata.

Mark kien bniedem  kwiet, isellem lil kulħadd, u dejjem bi tbissima fuq fommu. Kulħadd kien iħobbu. Imma n-nies tat-triq kellhom kurżità kbira. Kienu dejjem jistaqsu: fejn kien imur Mark waranofsinhar, wara l-ħin tax-xogħol, kuljum, ġurnata wara l-oħra? Għaliex kien joħroġ u jiġi tard filgħaxija. Dejjem l-istess rutina. Fejn kien imur? X'kien qed jagħmel?

Darba minnhom waħda mill-ġirien, li kien jisimha Marianna, biex taqta' l-kurżità tagħha u ta' sħabha, bdiet isaqsi lil diversi nies dwar Mark. Waħda mara qaltilha li Mark, kien bniedem qalbu tajba ħafna. Kien ġeneruż ħafna, kien jagħmel ħafna karità. Din il-mara li kien jisimha Kathleen qalet lil Marianna, li Mark kuljum, kien imur iċ-Ċentru taż-Żgħażagħ jagħti daqqa t'id  filli jsajjar għal aktar minn għoxrin żagħżugħ li m'għandhomx dar, m'għandhomx ikel, m'għandhomx minn tassew iħobbhom. Mark kien jagħmel dan bla ħlas. Kien jagħti minn ħinu. Iż-żgħażagħ kienu jsejħulu *Brother Mark*. Huma kellhom rispett kbir lejh, mhux biss għaliex jgħinhom, jew għax kien isajjar u jiproviedi l-ikel. Dawn l-affarijiet bosta nies jistgħu jagħmluhom. Imma Mark kien tassew iħobbhom. Mark kien jagħti lil dawn iż-żgħażagħ l-ikbar rigal li seta jagħti: l-imħabba ta' ġo qalbu.

Meta Marianna saret taf b'dan kollu, marret tgħid lill-ġirien. Ġurnata fost l-oħrajn, meta ġie mix-xogħol Mark sab wara l-bieb tad-dar tiegħu diversi kaxxi mimlija sewwa b'ħafna affarijiet utli ħafna, kien hemm

ħwejjeġ u bosta pakketti u affarijiet oħra tal-ikel. Fuq waħda mill-kaxxi kien hemm miktub: "Grazzi Mark talli qed turina u tgħinna ngħixu ta' nsara ta' vera – li nħobbu l-proxxmu tagħna mingħajr ma ndoqqu trombi. Kun ċert mit-talb u mis-sapport tagħna."

**Diskussjoni**

- X'jidhrilna mill-istorja ta' Mark?
- Xi jfissru l-kliem: il-proxxmu tagħna? Min huwa l-proxxmu tagħna?
- X'tgħallimna minn din l-istorja ta' Mark?
- Xi tfisser l-espressjoni 'ma ndoqqux trombi'? X'konnessjoni għandha mal-karità?
- Fl-Evanġelju Ġesù qalilna kif għandna nġibu ruħna mal-proxxmu tagħna; niftakru xi ħaġa minn dan it-tagħlim ta' Ġesù?

**Napplikaw it-tagħlim għall-għajxien ta' kuljum fil-Ħajja tagħna Nisranija (Katekeżi)**

- L-imħabba ta' bejnietna hija l-qofol tal-ħajja tagħna bħalha Kristjani.

- Importanti li nagħtu karità, imma l-aktar l-akbar rigal li nistgħu nagħtu hija l-imħabba ta' ġo qalbna.

- Mhux kemm nagħtu u x'nagħtu, jew x'nagħmlu għall-oħrajn jgħodd, imma l-attitudni li biha nagħmlu dan. Ftit li xejn ikun jiswa jekk nagħmel ħafna karita u dan ma nagħmlux b'rispett lejn id-dinjità tal-persuna.

- Bħala Insara, il-Knisja tgħallimna biex ngħixu l-Opri tal-Ħniena. Insibu sebgħa opri tal-ħniena li jmissu l-ġisem u sebgħa opri tal-ħniena li jmissu lir-ruħ. (F'din il-laqgħa sa nitkellemu fuq is-sebgħa opri tal-ħniena li jmissu l-ġisem).

- Meta nwettqu xi opra tal-karità nkunu qed inħennu għal ħutna. L-opri li nagħmlu, huma opri ta' mħabba, u jnisslu fina ħafna paċi.

- Aktar ma nħobbu u nħennu għall-oħrajn, għall-proxxmu tagħna, aktar ikollna paċi u ferħ ġewwa fina.

- Il-Kliem tal-Evanġelju ta' San Mattew 25 huwa prova għan-nisrani. Meta kull wieħed u waħda minna mmutu, Ġesù sa jiġġudikana fuq l-imħabba, jiġifieri sa jsaqsina kemm konna nħobbu tassew lill-proxxmu tagħna meta konna ħajjin. Sa jistaqsina kemm għamilna karità, kemm ħennejna mill-qalb għall-proxxmu KOLLU tagħna.

- Il-Knisja Kattolika, sabiex tgħinna nifhmu u npoġġu aktar fil-prattika l-kliem ta' Ġesù dwar l-imħabba u l-karita lejn il-proxxmu tagħna, tatna seba' opri tal-ħniena li jmissu lill-ġisem u seba' opri tal-ħniena li jmissu lir-ruħ.

**Nota lill-Katekist/a**

- F'din il-tema sa neżawrixxu kemm nistgħu l-opri tal-ħniena li jmissu l-ġisem. Aktar 'il quddiem fis-sitt sena kateketika sa jkun hemm spazju għall-opri tal-ħniena li jmissu lir-ruħ. Tajjeb li ma nantiċipawx din it-tema.

- Wara l-ispjegazzjoni ta' kull opra tal-ħniena tajjeb li tiftħu diskussjoni u ssaqsu lill-adolexxenti kif jistgħu jgħixu fil-ħajja dik il-opra tal-ħniena kemm fuq bażi personali kif ukoll bħala grupp.

- Bħala grupp huwa suġġerit li tagħmlu proġett flimkien, speċjalment fir-Randan u fl-Avvent. Dan hu li toffru xi ħaġa bħala grupp lil min għandu bżonn. F'Malta hawn ħafna ċentri fejn nistgħu ngħinu.

L-Opri tal-Ħniena li jmissu lilll-Ġisem:

1. Itma' lil min hu bil-ġuħ
2. Isqi lil min hu bil-għatx
3. Libbes lill-għarwien
4. Ilqa' lil min hu bla dar
5. Żur il-morda
6. Żur il-ħabsin
7. Idfen lill-mejtin

**Mill- Kelma ta' Alla**

Mt 25: 31-46




Tistgħu turuhom dan il-klipp ukoll:
The Coat




**Diskussjoni**

- X'fhimna minn dan il-klipp?
- X'ħassejna meta rajnieh?
- Nafu li meta mmutu Ġesù sa jiġġudikana kemm ħabbejna lill-oħrajn bis-serjetà? Dawn l-opri tal-ħniena sa jkunu parti mill-prova tagħna biex nidħlu l-ġenna. X'taħsbu dwar dan?

| Opra tal-ħniena | Mill-Bibbja/Tagħlim tal-Knisja | Katekeżi fil-prattika | Sfida għalik: Inti x'tista' tagħmel? |
|---|---|---|---|
| Itma lil min hu bil-ġuħ. | "Għax kont bil-ġuħ u tmajtuni..." Mt 25, 35a<br><br>"I invite you to make space in your heart for this emergency of respecting the God-given rights to everyone to have access to adequate food. We share what we have in Christian charity with those who face numerous obstacles to satisfy such a basic need." Papa Franġisku, 2013 | Ma narmux ikel, għaliex m'għandniex aptitu.<br><br>Nuru ħniena magħna infusna u nieklu ikel nutrittiv.<br><br>Qabel ma nikkritikaw lil min hu bil-ġuħ, nistaqsu u nfittxu x'qed jikkawża l-ġuħ. | |
| Isqi lil min hu bil-għatx. | "Jekk l-għadu tiegħek bil-ġuħ itimgħu; jekk inhu bil-għatx isqih..." Prov 25, 21 | Nibżgħu għall-ilma.<br><br>Infaddlu il-ħlas ta' xi *drink* favorit, u nagħtuh karità f'konnessjoni mad-distribuzzjoni u provediment tal-ilma.<br><br>Naħsbu f'kemm hawn tfal u adolexxenti bħalna li għandhom għatx għal ftit ħbiberija... naħsbu ftit dwar din ir-realtà...naraw x'nistgħu nagħmlu fil-konkret. | |

| | | | |
|---|---|---|---|
| Libbes lill-għarwien. | "Jekk ħuk jew oħtok ma jkollhomx x'jilbsu u jonqoshom l-ikel ta' kuljum, u wieħed minnkom jgħidilhom: "Morru bis-sliem, isħnu u kulu sa tixbgħu, bla ma jagħtikom dak li jkun meħtieġ għall-ġisem, dan x'jiswa?"<br>Ġak 2, 15-16 | Ma nqattgħux ħwejjiġna jew nittraskurawhom sempliċement biex nidhru *cool*, jew biex jerġgħu jixtrulna.<br><br>Niftakru li l-ħwejjeġ għandhom x'jaqsmu mad-dinjità tal-ġisem uman. Nitgħallmu nilbsu b'mod adattat għall-età tagħna u skont il-post fejn inkunu sejrin. Fid-dar ta' Alla nilbsu diċenti. Dan juri rispett lejn Alla, lejna nfusna, u lejn il-komunità Nisranija.<br><br>Hawn ħafna li qed jiġu mneżża mid-dinjità tagħhom minħabba kliem żejjed u li jweġġa. Nipprovaw inlibbsuhom mill-ġdid id-dinjità tagħhom billi ma nkomplux inżidu kliem u fejn nistgħu ngħidu kelma tajba fuq ħaddieħor. | |

| | | | |
|---|---|---|---|
| Ilqa’ lil min hu bla dar. | “Jekk jiftaqar ħuk u jiġi b’xejn, int għandek tgħinu, bħalma tgħin lill-barrani jew lill-frustier u hu jgħix miegħek”<br>Lev 25, 35<br><br>“Jaqaw mhux dan is-sawm li jiena rrid: li taqsam ħobżok ma’ min hu bil ġuħ u ddaħħal f’darek lill-imsejken bla saqaf?”<br>Iż 58, 6-7a | Ma niġġudikawx, u nikkontrollaw il-kliem tagħna dwar dawk li nsiru nafu li huma *homeless*, u/jew dwar dawk li kellhom jitilqu minn darhom u minn familthom għal xi raġuni.<br><br>Inkunu persuni mimlija empatija. Li kieku kont int jew xi ħadd għażiż għalik, tkun tixtieq li xi ħadd jiġġudikak, li xi ħadd ipaċpaċ fuqek?<br><br>Infaddlu ftit mill-*pocket money* tagħna, waħdek u/jew bħala familja u/jew bħala grupp ta’ ħbieb, noffru dan lil xi organizzazzjonijiet li għandna f’Malta li qed jieħdu ħsieb il-*homeless*.<br><br>Naħsbu ftit f’dawk li jħossuhom waħidhom, imwarrbin, ħadd ma jkellimhom, jew jilgħab magħhom jew jistedinhom għal xi *party*. Jekk nafu b’xi ħadd hekk, nagħmlu ħilitna biex ma nkomplux iweġġgħuh<br><br>Nipprovaw inkunu nsara tassew, ma nagħtux kas ta’ dak li jgħidu l-oħrajn meta nippruvaw inkellmu, nilgħabu, nistiednu lil xi ħadd li nafu li hu waħdu u mwarrab, lil xi ħadd li hu *homeless* għaliex nieqes mir-rispett u mill-ħbiberiji. | |

| | | | |
|---|---|---|---|
| Żur il-morda. | “Hemm xi ħadd marid fostkom? Ħalli dan isejjaħ lill-presbiteri tal-Knisja, biex dawn jitolbu għalih u jidilkuh biż-żejt f’isem il-Mulej; it talba tal fidi ssalva lill-marid...”<br>Ġak 5, 14<br><br>“...kont marid u ġejtu tarawni...”<br>Mt 25, 35c<br><br>“Time spent with the sick is holy time.”<br>Papa Franġisku, 2015 | Jekk nafu b’xi ħadd marid u nistgħu mmorru nżuruh/nżuruha, dan ikun att kbir ta’ rispett, ta’ imħabba, ta’ ħbiberija u ta’ karità nisranija.<br><br>Nagħmlu ħilitna li nieħdu ħsieb saħħitna.<br><br>Nitolbu għall-morda, speċjalment għat-tfal, għall-adolexxenti u għaż-żgħażagħ.<br><br>Nissapportjaw għaqdiet speċjalment f’Malta li jieħdu ħsieb il morda.<br><br>Nissaportjaw b’diversi modi l-għaqdiet ta’ voluntiera, tat-tobba, tal-ispeċjalisti, tal-infermiera u tal-paramediċi.<br><br>Hawn ħafna nies, anke tfal u adolexxenti li huma morda, li l-mard tagħhom ma narawhx b’għajejna imma xorta jeżisti u huma qed isoffru ħafna. Ħafna drabi isoffru fis-skiet, nitolbu għalihom u meta narawhom batuti, minkejja li ma nistgħux nifhmu, xorta waħda nagħdruhom u nitolbu għalihom. | |

| | | | |
|---|---|---|---|
| Żur il-ħabsin. | "Ftakru f'dawk li huma fil-ħabs, daqslikieku kontu fil-ħabs magħhom."<br>Lhud 13, 3a | Nitolbu għall-ħabsin.<br><br>Nitolbu li ssir ġustizzja vera.<br><br>Nitolbu għall-vittmi ta' dawn il-ħabsin.<br><br>Ma npaċpċux fuq il-familjari ta' xi ħabsi/ħabsin.<br><br>Nitolbu għas-saċerdoti, reliġjużi u voluntiera li jaħdmu mal-ħabsin.<br><br>Fil-Milied bħala grupp flimkien mal-katekist/katekista ibagħtu kartolina lill-ħabsin kollha. | |
| Idfen il-mejtin. | "Qalilha Ġesù: "Jien hu l-qawmien u l-ħajja. Kull min jemmen fija ukoll jekk imut jgħix; u kull min jgħix u jemmen fija, dan ma jmut qatt."<br>Ġw 11, 25 26 | Nitolbu għall mejtin, jekk jista' jkun kuljum mhux fix-xahar ta' Novembru biss.<br><br>Nitolbu għall-familjari tagħhom.<br><br>Meta niftakru f'xi mejjet, niftakru fit-tajjeb li għamel/għamlet.<br><br>Ma nikkritikawx lill-mejjet għax dawn ma jistgħux jiddefendu lilhom infushom. | |

**Sfida**

Matul din il-ġimgħa nerġgħu naqraw dawn l-opri tal-ħniena u nuru ħniena, jiġifieri nipprovaw nippratikawhom kemm nistgħu. Żgur li nistgħu nagħmlu dan bla ebda diffikulta!




**Nitolbu flimkien**

10,000 reasons (bless the Lord)

**Djarju**

Fid-Djarju tiegħek, ikteb/pinġi kif ipprattikajt xi wieħed jew aktar minn dawn

l-opri tal-ħniena matul din il-ġimgħa. Ikteb/ pinġi kif ħassejtek, u wkoll irringrazzja lil Ġesù ta' kollox billi tiktiblu jew tpinġi dan.

**Katekeżi Familja**

Naqraw flimkien fil-familja mill-Bibbja
"Kunu twajba ma' xulxin, ħennu għal xulxin, aħfru lil xulxin, bħalma Alla ħafer lilkom fi Kristu."

Ef 4, 32

Nitolbu flimkien bħala familja
Mulej Ġesù Kristu, nirringrazzjawk ta' dak kollu li pprovdejtilna. Għinna u fakkarna sabiex noħorġu mill-egoiżmu tagħna u nkunu ħanina ma' kulħadd, għaliex kulħadd hu l-proxxmu tagħna. Ammen

**Riżorsi oħra li tistgħu tużaw ma' din it-tema**

Seven corporal works of mercy
https://www.youtube.com/watch?v=MMfcHyJsenk

Sai Milan
https://www.youtube.com/watch?v=B6PLvJghl6U

Feeding the homeless in Toronto
https://www.youtube.com/watch?v=pNYJK Z_B M

Giving to homeless
https://www.youtube.com/watch?v=Xqbik 92Oxg

Man Builds Tiny House For A Homeless Woman Sleeping In The Dirt!
https://www.youtube.com/watch?v=Q79wwV7NcP0

Homeless Man Cries Tears Of Joy Over Surprise Birthday Gift
https://www.youtube.com/watch?v=SeuIpRw4Br0

# Kapitlu 4

# IL-KOMUNITÀ LI TITLOB

# Tema 1

# MIXJA FLIMKIEN MAS-SENA LITURĠIKA

Nibdew il-laqgħa billi flimkien inroddu s-Salib u ngħidu talba.

**L-Għanijiet ta' din it-tema**

Li l-adolexxenti jsiru familjari mas-sena liturġika tal-Knisja: mat-tifsira u s-sinifikat tagħha fil-ħajja tagħna bħala Nsara kemm fuq livell personali u kif ukoll dak komunitarju, għaliex is-sena liturġika tgħinna nifhmu xi jfisser komunità li titlob flimkien.

## Żvolġiment tal-laqgħa

**Qsim ta' esperjenzi**

- Ġieli smajna bil-kelma: Liturġija? X'naħsbu li tfisser?
- Il-Knisja għandha kalendarju u Sena Liturġika. X'nafu dwar dan?

**Nitgħallmu**

» Is-**sena** fiha: erba' staġuni, tnax-il xahar, tnejn u ħamsin ġimgħa, u 365 ġurnata. Dawn jinkludu: **vaganzi** (eż: vaganzi tal-Milied), **festi pubbliċi** (eż: Il-festa ta' San Pawl - 10 ta' Frar, festa ta' San Ġużepp - 19 ta' Marzu, Sette Giugno (7 ta' Ġunju), Santa Marija - 15 ta' Awwissu); **festi nazzjonali** (eż: Jum il-Ħelsien - 31 ta' Marzu, Jum l-Indipendenza - 21 ta' Settembru, Ommna Marija tal-Vittoria - 8 ta' Settembru), Jum ir-Repubblika (13 ta' Diċembru). It-tqassim ta' dan kollu insibuh fil-kalendarju, li joħroġ kull sena. Is-sena tibda fl-1 ta' Jannar u tispiċċa fil-31 ta' Diċembru.

» **Il-Knisja wkoll għandha s-sena tagħha. Din tissejjaħ is-sena liturġika.** F'din is-sena liturġika nsibu staġuni speċjali bħall-Avvent, il-Milied, ir-Randan, it-Tlett Ijiem Imqaddsa tal-Għid, l-Għid il-Kbir, u ż-żmien Ordinarju.

» Is-Sena Lituġika tal-Knisja tibda fl-Ewwel Ħadd tal-Avvent u tispiċċa bil-festa ta' Kristu Re lejn l-aħħar ta' Novembru.

» **Il-liturġija hija t-talba uffiċjali tal-Knisja.** Il-kelma liturġija tfisser azzjoni - talb flimkien - li jsir mill-komunità nisranija flimkien mal-Knisja kollha, kemm f'Malta u anke barra minn Malta. Meta nitolbu flimkien nagħmlu dan f'isem it-**Trinità Qaddisa**, jiġifieri fl-isem tal-Missier u tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Il-liturġija li nagħmlu flimkien, jiġifieri meta nitolbu flimkien hija: il-quddiesa - speċjalment dik ta' nhar ta' Ħadd, is-Sagramenti - bħall-ewwel tqarbin, il-magħmudija, iż-żwieġ, is-sagrament tal-konfermazzjoni u meta jkun hemm l-ordinazzjoni ta' xi qassis/ qassisin /jew ta' isqof, u anke fil-festi tal-Knisja skont il-kalendarju liturġiku.

Il-liturġija - meta nitolbu u niċċelebraw flimkien bħala komunita nisranija

tgħinna nsiru nsara aktar tajbin; insara li nemmnu u nħobbu aktar lil xulxin.

Fil-liturġija kulħadd jista' jieħu sehem. Ġesù qiegħed hemm għal kulħadd – aħna familja waħda – Alla huwa Missier kulħadd.

» Il-għan tas-Sena Liturġika huwa li niċċelebraw flimkien il-ħajja u l-misteri ta' Ġesù Kristu – mill-Inkarnazzjoni u t-twelid, it-Tlett Ijiem Imqaddsa tal-Għid li fihom niċċelebraw, Ħamis ix-Xirka, il-passjoni (it-tbatija) ta' Ġesù, il-mewt tiegħu – Il-Ġimgħa l-Kbira, is-Sibt filghodu – jum is-silenzju, nistennew il-qawmien tiegħu mill-mewt u l-festa l-kbira tal-l-qawmien tiegħu – l-Għid il-Kbir, sat-tlugħ tiegħu fis-sema (Lapsi) u l-festa ta' Pentekoste.

» Fil-kalendarju tas-sena liturġika insibu l-qari li naqraw waqt il-quddiesa ta' kuljum u l-quddiesa ta' nhar ta' Ħadd. Fih insibu ukoll il-festi li niċċelebraw matul is-sena, insibu ukoll il-kulur li jilbes il-qassis waqt il-liturġija.

» Il-kulur **vjola** jintlibes fl-Avvent u fir-Randan; l-**abjad** jintlibbes fil-Milied, f'Ħamis ix-Xirka u fl-Għid u l-**aħdar** jintlibes matul iż-Żmien Ordinarju – iż-żmien ta' matul is-sena

» Il-Qari tal-Kelma ta' Alla fil-quddiesa ta' nhar ta' Ħadd, huwa mqassam fuq tliet snin (ċiklu ta' tliet snin): Sena A – li fiha naqraw prinċiplament mill-Evanġelju ta' San Mattew; is-Sena B – li fiha naqraw l-aktar mill-Evanġleju ta' San Mark u s-Sena Ċ li naqraw l-aktar mill-Evanġelju ta' San Luqa. L-Evanġelju ta' San Ġwann narqawh matul is-sena speċjalment matul l-Għid.

## It-tqassim tal-istaġuni tas-sena liturġika

» **L-Avvent**
Fl-avvent ngħaddu mill-esperjenza tax-Xewqa, fejn nistennew it-twelid ta' Ġesù;

» **Il-Milied**
Nibdew l-esperjenza tal-iskoperta ta' Ġesù – meta Ġesù beda l-ħajja tiegħu bħala bniedem fostna; mill-Milied 'il quddiem nibdew niskopru lill-Ġesù, it-tagħlim u l-missjoni tiegħu.

» **Ir-Randan**
Huwa żmien li fih ngħaddu mill-esperjenza tal-maħfra, tal-ħniena u tal-karità.

» **L-Għid**
Ngħaddu mill-esperjenza tal-qawmien flimkien ma' Ġesù, u permezz ta' Ġesù.

» Żmien Ordinarju
Ngħaddu mill- esperejnza tal-vjaġġ matul il-ħajja kollha ta' Ġesù: it-tagħlim tiegħu, il-mirakli, il-parabboli tiegħu... eċċ

## Napplikaw it-tagħlim għall-għajxien ta' kuljum fil-ħajja tagħna Nisranija (Katekeżi)

**L-istaġuni tas-Sena Liturġika u l-ispjegazzjoni tagħho**m

**Żmien L-Avvent**

- Fl-Avvent jintlibes il-kulur vjola – sinjal ta' penitenza u ta' sagrifiċċju.
- Is-sena Liturġika tibda fl-avvent.
- L-avvent fih erba' ġimghat – erba' Ħdud. It-Tielet Ħadd huwa Ħadd il-ferħ. Dakinhar il-qassis jilbes il-kulur roża. Dan il-kulur għandu mill-vjola li hu l-kulur tal-avvent u għandu mill-abjad – il-ferħ tal-Milied.
- Fl-avvent nippreparaw lilna nfusna għall-miġja ta' Ġesù, l-Iben ta' Alla. Huwa żmien ta' stennija u ta' preparazzjoni għall-Milied u għal meta jerġa' jiġi Ġesù fl-aħħar tad-dinja.
- Fl-avvent nagħmlu l-girlanda. Din fiha erba' xemgħat, tlieta vjola u waħda roża. Dawn ix-xemgħat jinxtegħu waħda f'kull Ħadd tal-Avvent. It-tifsira tagħhom hija:
    1. L-ewwel xemgħa (l-ewwel Ħadd) – jum it-tama – it-tama li Ġesù ġej.
    2. It-tieni xemgħa (it-tieni Ħadd) - jum il-fidi- Marija u Ġużeppi fil-vjaġġ lejn Betlem.

3. It-tielet xemgħa (it-tielet Ħadd) – jum il-ferħ – il-ferħ li jġib miegħu it-twelid ta'Ġesù.
4. Ir-raba' xemgħa – (ir-raba' Ħadd) - jum il-paċi; il-paċi li kantaw l-anġli: "Paċi fl-art lill-bnedmin ta' rieda tajba."

"Ħejju t-triq għall-Mulej, iddrittaw il-mogħdijiet tiegħu."

Lq 3, 4

**Diskussjoni**

- Bħala grupp kif nistgħu nippreparaw lilna nfusna għat-twelid ta' Ġesù?

**Żmien il-Milied**

- F'dan iż-żmien ta' ferħ jintlibes l-**abjad** – sinjal ta' ferħ, u ta' ħajja ġdida.
- Fiż-żmien tal-Milied niċċelebraw it-tifkira tat-twelid ta' Ġesù (Milied), il-festa tal-Familja Mqaddsa, il-festa ta' Marija Omm Alla (1 ta' Jannar) u l-festa tal-Epifanija – iż-żjara tat-tlett maġi lil Ġesù.

**Diskussjoni**

- Bħala grupp kif nistgħu niċċelebraw il-Milied mal-oħrajn? Liema huma l-aktar rigali importanti li nistgħu nagħtu lil xulxin u lill-oħrajn?

**Iż-Żmien Ordinarju**

- F'dan iż-żmien ordinarju jintlibes l-**aħdar** - sinjal ta' ħajja, sinjal li l-ħajja tkompli, sinjal ta' tama.
- Dan iż-żmien jissejjaħ ordinarju għaliex il-Ħdud tiegħu, ngħodduhom. Dan ifisser li li nsibu l-ewwel Ħadd, it-tieni Ħadd, it-tielet Ħadd....eċċ Għalhekk meta nkunu sa niċċelebraw il-quddiesa, il-qassis jgħid, illum niċċelebraw l-ewwel Ħadd, għalhekk il-qari ikun ta' dik il-ġurnata... il-ġimgħa ta' wara jgħid illum it-tieni Ħadd.
- Iż-żmien ordinarju huwa l-itwal żmien għaliex fih tlieta u tletin Ħadd.
- Dan iż-żmien jinqasam fi tnejn: niċċelebraw fl-ewwel ftit ħdud bejn iż-Żmien tal-Milied u r-Randan u nerġgħu nibdew wara Pentekoste u nispiċċaw bil-festa ta' Kristu Re.
- Matul dan iż-żmien ordinarju, mill-qari tal-Bibbja insiru nafu ħafna aktar lil Ġesù, u dwar Ġesù. Nitgħallmu dwar it-tagħlim ta' Ġesù, nitgħallmu dwar il-parabboli li qal Ġesù, nitgħallmu dwar il-ħajja sħiħa ta' Ġesù u anke dwar l-appostli.

**Żmien ir-Randan**

- Fiż-żmien tar-Randan jintlibes il-**vjola** - sinjal ta' penitenza u ta' sagrifiċċju.
- Ir-randan huwa ż-żmien li jippreparana għall-Għid il-Kbir.
- Iż-Żmien tar-Randan idum erbgħin ġurnata. Fih ħamest iħdud. Ir-raba' Ħadd huma jum il-ferħ għaliex il-Mulej Ġesù sa jibqa' dejjem magħna, qatt mhu se jħallina waħidna, huwa ta' Ħabib veru sa jibqa' dejjem fidil lejna.
- Nibdew ir-randan bil-funzjoni ta' Ras ir-Randan, meta l-qassis jagħmlilna l-irmied fuq rasna jew fuq moħħna f'forma ta' salib. L-irmied huwa sinjal li aħna jiddispjaċina għall-dnubietna, u li nixtiequ ngħixu ħajja tajba ħalli mmorru ngawdu lil Ġesù għal dejjem.
- Iż-żmien tar-Randan, huwa żmien speċjali għaliex ifakkarna li aħna mgħammdin, li bħalma l-ilma tal-magħmudija neħħielna d-dnub oriġinali u tana ħajja ġdida f'Ġesù u sirna Kristjani - aħwa ta' Ġesù; hekk ukoll fir-Randan permezz tas-sagrament tal-qrar aħna nerġgħu nagħmlu ħbieb ma' Ġesù u permezz tat-tqarbin nissaħħu f'din il-ħbiberija tagħna ma' Ġesù u ma' ħutna l-bnedmin kollha.
- **Iż-Żmien tar-Randan huwa żmien ta' fidi, ħniena, maħfra.** F'dan iż-żmien, naħsbu ftit kif bħal Kristjani qed ngħixu l-ħajja tagħna. Allavolja adolexxenti din il-ħaġa hija importanti ħafna. Fir-randan, hawn min ma jiekolx ħelu bħala sagrifiċċju ċkejken. Tajjeb li nagħmlu hekk, imma huwa aktar importanti li nagħmlu ħilitna li nħobbu u ngħinu lil kulħadd, li nitolbu aktar, li nersqu għall-qrar u għat-tqarbin u li nagħmlu ftit *updates* fil-ħajja tagħna. Jekk nagħmlu dan bis-serjetà, żgur li nsibu x'nirranġaw fil-ħajja tagħna sabiex

inkunu adolexxenti Kristjani aħjar.

- Fir-Randan, ġimgħa qabel l-Għid niċċelebraw **Ħadd il-Palm**. Il-qassis jilbes l-**aħmar** għaliex Ġesù sa jibda l-vjaġġ tiegħu lejn il-passjoni. F'dan il-Ħadd, fil-quddiesa naqraw Evanġelju twil ħafna, aħna Malta nsejħulu l-Passju – jiġifieri – ir-rakkont tal-Passjoni – ta' kemm bata Ġesù għalina sakemm salbuh.
- It-Tnejn ta' wara Ħadd il-Palm, nibdew il-Ġimgħa tas-sagrifiċċju. (*Holy Week*).

"Agħtuni widen u ersqu lejja, isimgħu u tieħdu l-ħajja mill-ġdid..."

Iż 55, 3)

**Diskussjoni**

- Bħala grupp matul dan ir-Randan, kif nistgħu nikbru aktar fl-imħabba lejn Ġesù u lejn ħutna l-bnedmin?

**Tlett Ijiem Imqaddsa tal-Għid**

- F'dawn it-tliet ijiem jintlibsu l-**abjad** u l-**aħmar**.

- Dawn it-Tlett Ijiem Imqaddsa huma l-akbar ċelebrazzjonijiet tal-Knisja. Għall-Knisja Kattolika huma ġranet qaddisa. Dawn it-tlett ijiem huma bħal pont bejn ir-Randan u l-festa tal-Għid il-Kbir.

- L-ewwel jum huwa **Ħamis Ix-Xirka**. F'dan il-jum jintlibes l-**abjad**. F'Ħamis Ix-Xirka niftakru x'ġara fl-Aħħar Ċena. Niftakru kif Ġesù qalilna hu stess li għandna dejjem naqdu lil ħutna kollha, dan urihulna meta hu niżel jaħsel saqajn l-appostli. Niftakru wkoll meta Ġesù tana lilu nnifsu fl-Ewkaristija. F'dan il-jum twaqqaf is-sagrament tal-Ewkaristija. F'dan il-jum ukoll, fl-Aħħar Ċena, meta Ġesù qal lil Appostli sabiex ikomplu jagħmlu bħalu, twaqqaf ukoll is-sagrament tal-ordni sagri (meta jsiru djakni, qassisin u isqfijiet). Permezz tal-Isqof isiru d-djakni u l-qassisin – il-qassisin permezz tal-konsagrazzjoni fil-quddiesa jistgħu jkomplu jagħtuna lil Ġesu fit-tqarbin. Id-djakni jistgħu iqarbnuna biss.

- Wara l-funzjoni ta' Ħamis Ix-Xirka, Ġesù Sagramentat jitpoġġa f'post imżejjen ħafna aħna l-Maltin insejħulu l-Altar tar-Ripożizzjoni jew l-Altar tal-Adorazzjoni. Matul il-lejl, immorru nagħmlu adorazzjoni u nitolbu sabiex ngħaddu l-lejl ma' Ġesù. Fl-Evanġelju nsibu li matul dan il-lejl Ġesù bata ħafna, kien f'dan il-lejl li Pietru ċaħdu tliet darbiet. Aħna l-Maltin għandna t-tradizzjoni li nagħmlu s-seba' viżti. Inżuru diversi knejjes u nitolbu. Dan biex infakkru d-diversi waqtiet importanti li għadda minnhom Ġesù matul dan il-lejl.

(Ġw 18, 1-19)

- Fil-**Ġimgħa l-Kbira** jintilbes l-**aħmar**, bħala **sinjal ta' tbatija u ta' mħabba**.

- Fil-Ġimgħa l-Kbira l-Knisja tagħmel it-**Tifkira Solenni tal-Passjoni tal-Mulej Ġesù**. Dan il-jum huwa importanti ħafna għalina, għaliex fih niftakru kemm Ġesù bata minħabba d-dnubiet tagħna. Niftakru li Ġesu hu s-Salvatur tagħna. Niftakru li Ġesù għadda minn din it-tbatija kollha għaliex iħobbna.

- F'dan il-jum waqt il-liturġija tal-Kelma naqraw ir-rakkont tal-passjoni ta' Ġesù. Fit-tieni parti tal-funzjoni, nagħmlu l-**Adorazzjoni tas-Salib** fejn in-nies jitilgħu ibusu l-Kurċifiss – Ġesù Msallab.

- Fil-Ġimgħa l-Kbira, wara l-adorazzjoni tas-salib ikollna l-liturġija Ewkaristika fejn nistgħu nitqarbnu.

- **Sibt il-Għid, huwa jum is-silenzju** fejn ilkoll niftakru fit-tbatija ta' Ġesù u fl-imħabba kbira tiegħu lejna. Niftakru f'Ommna Marija, kemm sofriet għall-mewt ta' Ġesù. Matul il-jum nistennew fis-skiet il-qawmien tal-Mulej.

- **Is-Sibt filgħaxija, insejħulu l-Vġili (lejliet) il-Għid, jintlibbes l-abjad.** F'dan il-lejl qaddis niċċelebraw l-akbar festa tagħna l-Kristjani – l-Għid il-Kbir – meta Ġesù qam mill-mewt.
  - F'dan il-lejl, il-qassis jixgħel u jbierek in-nar, li minnu jinxtegħel il-blandun – dik ix-xemgħa bajda li tfisser li Ġesù

Kristu hu dejjem magħna.

- » Wara bil-blandun jitbierek l-ilma – sinjal ta' ħajja ġdida f'Ġesù Kristu. B'dan il-ilma jitbierku n-nies kollha preżenti.
- » Fil-liturġija tal-Kelma naqraw seba' qari li bejniethom kollha jagħmlu l-istorja tas-salvazzjoni tagħna. Nibdew mill-rakkont tal-ħolqien.

Fil-Għid il-Knisja kollha tifraħ għaliex Ġesù qam mill-mewt – Allelulja.

Kristu Qam milll-Mewt. Ammen. Allelulja
(Liturġija ta' Sibt il-Għid)

**Pentekoste** – ħamsin ġurnata wara l-Għid il-Kbir, niċċelebraw din il-festa importanti. F'din il-festa jintlibes l-**aħmar**; fiha niċċelebraw meta l-Ispirtu Santu niżel fuq l-appostli. Minn dakinhar l-appostli fehmu aktar it-tagħlim ta' Ġesù, fehmu aktar il-missjoni ta' Ġesu u għalhekk ħarġu fil-beraħ mingħajr biża' ta' xejn ixandru li Ġesù hu l-messija, huwa s-salvatur tad-dinja.

Wara Pentekoste, inkomplu biż-**żmien ordinarju** li jispiċċa fil-festa ta' Kristu Re.

**Diskussjoni**

- Issa li rajna kif inhi mqassma s-Sena Liturġika, x'tgħallimna minn dan kollu?
- Dak li tgħallimna kif jgħodd għall-ħajja tagħna ta' kuljum?

**Sfida**

Nhar il-Ħadd immorru l-quddies u noqgħodu attenti għall-qari tal-Evanġelju.

**Inkantaw u nitolbu flimkien**

You raise me up




**Djarju**

Fid-djarju tiegħek ikteb/pinġi l-Evanġelju tal-Quddiesa tal-Ħadd u ikteb/pinġi x'tgħallimt minnu li jista' jgħodd għall-ħajtek.

**Katekeżi Familja**

Naqraw flimkien fil-familja mill-Bibbja

'Meta għadda s-Sibt, Marija ta' Magdala, Marija omm Ġakbu, u Salomi xtraw xi fwejjaħ biex imorru jidilkuh bihom. U kmieni ħafna fl-ewwel jum tal-ġimgħa, kif telgħet ix-xemx marru ħdejn il-qabar.
U bdew jgħidu lil xulxin: "Min se jgerbilna l-ġebla mid-daħla tal-qabar?" Iżda meta ħarsu, raw li l-ġebla kienet imressqa fil-ġenb; kienet ġebla kbira ħafna. Daħlu fil-qabar, u raw żagħżugħ bilqiegħda n-naħa tal-lemin, liebes libsa bajda; u nħasdu. Imma hu qalilhom: "Xejn la tinħasdu. Qegħdin tfittxu lil Ġesù ta' Nazaret li kien imsallab; qam mill-mewt, m'huwiex hawn. Araw il-post fejn kienu qegħduh. Imma morru għidu lid-dixxipli tiegħu, u lil Pietru, li hu sejjer fil-Galilija qabilkom; tarawh hemmhekk, kif kien qalilkom." U huma ħarġu 'l barra u tbiegħdu b'ġirja waħda mill-qabar, għax kellhom rogħda fuqhom u baqgħu mbellhin bil-biża'. U ma qalu xejn lil ħadd, għax beżgħu.'

Mk 16, 1-8

Nitolbu flimkien bħala familja

Mulej Ġesù Kristu, grazzi li għall-imħabba tagħna u sabiex issalvana, inti batejt, u mitt. Grazzi li sabiex isaħħaħ il-fidi tagħna fik, inti qomt mill-mewt, għinna sabiex inkomplu nissaħħu fil-fidi tagħna, sabiex qatt ma naqtgħu qalbna, sabiex dejjem niftakru li inti l-uniku Salvatur tagħna, rebbieħ anke fuq il-mewt. Ammen. Allelulja.


Christ The King
Advent
Christmastide
Ordinary Time
Transfiguration
Lent
Eastertide
Pentecost
Trinity Sunday
Ordinary Time
All Saints Day

# Kapitlu 4
# IL-KOMUNITÀ LI TITLOB

# Tema 2
# NITLOB F'POSTIJIET U OKKAŻJONIJIET DIFFERENTI

Nibdew il-laqgħa billi flimkien inroddu s-Salib u ngħidu talba .

**L-Għan ta' din it-tema**

Li l-adolexxenti jifhmu u jsiru aktar familjari mar-realtà li jistgħu jitolbu f'diversi postijiet u f'diversi okkażjonijiet matul il-ġurnata u fil-ħajja tagħhom. Fl-Evanġelju nsibu li Ġesù talab f'diversi postijiet u f'diversi okkażjonijiet.

## Żvolġiment tal-laqgħa

**Qsim ta' esperjenzi**

- X'nifhmu bil-kelma talb?
- It-talb għandu post fil-ħajja tagħna?
- Hemm xi postijiet partikulari fejn inħossuna komdi li nitolbu?
- Liema huma s'issa dawk l-okkażjonijiet li fihom inħossu li għandna nitolbu?

**Nitgħallmu**

- Ġesù li huwa l-Iben ta' Alla, huwa wkoll iben Marija. Ġesù kien bniedem bħalna f'kollox minbarra fid-dnub, Huwa qatt ma għamel dnub.

- Bħala bniedem, huwa kellu jitgħallem: jimxi, jitkellem, jaqra, jikteb. Ġużeppi u Marija għallmuh ukoll kif jitkellem ma' Alla permezz tat-talb.

- It-talb huwa diskursata ma' Alla, djalogu ma' Alla. Immaġinaw żewt iħbieb jitkellmu u jiftħu qalbhom ma' xulxin, ħbieb veru li jistgħu jafdaw lil xulxin f'kollox. Anke jekk xi kultant, bejn il-ħbieb ikunu jafu l-ġrajja kollha, imma jieħdu pjaċir jafdaw lil xulxin u jgħiduha lil xulxin, għaliex dan juri ħbiberija, juri fiduċja, joffri spazju ta' kuntatt bejniethom, ikun hemm ċans, min jisma' u min jitkellem. Anke l-istess skiet fil-paċi, huwa sinjal ta' ħbiberija kbira, xi kultant dan it-tip ta' skiet jitkellem aktar mill-kliem. L-istess fit-talb. Nitkellmu ma' Alla, ngħidulu kollox. Alla jaf kollox, jieħu pjaċir li aħna wliedu niftħu qalbna miegħu u ngħidulu dak kollu li nħossu u li għandna bżonn. Xi kultant ma nsibux kliem biex nesprimu dak li nħossu, is-skiet quddiem il-Mulej huwa talba ukoll.

- It-talb huwa li tisma' u titkellem ma' Alla. Fit-talb nistgħu nitkellmu ma' Alla u ngħidulu KOLLOX - dak kollu li għandna ġo qalbna, dak li jferraħna, dak li jdejjaqna, dak li nixtiequ, dak li nibżgħu minnu, il-pjanijiet kollha li għandna ġo moħħna u ġo qalbna.

- L-importanti hu li meta nitolbu wara li niftħu beraħ qalbna Miegħu, ngħidulu: issa nħallu kollox f'idejk – inti biss taf x'inhu l-aħjar għalija. Meta nagħmlu hekk inkunu qed **nuru fiduċja kbira f'Alla**.

- Alla dejjem jixtiqilna l-ġid, Huwa dejjem sa jagħtina dak kollu li hu tajjeb għalina fil-ħin li għandna bżonnu.

- Xi kultant tisma' nies jgħidu: tlabt imma ma qlajtx dak li xtaqt. Niftakru li Alla jara 'l bogħod aktar minna, għalhekk jekk tlabna u ma qlajniex sinjal li dik il-ħaġa jew mhix tajba għalik jew għadu ż-żmien għaliha. L-importanti hu li tibqa' titlob u tibqa' tafda f'Alla, tibqa' temmen li Alla jixtieqlek il-ġid.

- L-Evanġelji jgħidulna li Ġesù meta kien fostna kien dejjem jitlob. Insibuh jitlob f'postijiet u okkażjonijiet differenti. Ġesù kien dejjem in a prayer mode.

- Ġesù talab f'ħajtu, f'mewtu u wara li qam mill-mewt.

- Il-ħbieb veru, jieħdu gost jitkellmu u jiftħu qalbhom ma' xulxin. Meta tkun qed titlob tkun qed tiftaħ qalbek mal-akbar ħabib: Ġesù ... **li titlob ifisser li TĦOBB u TAFDA**.

**Ftit mill-okkażjonijiet u l-postijiet fejn nafu li Ġesù talab**.
(Inħallu lill-adolexxenti ifittxu fil-Bibbja u jaqraw il-post u l-ġrajja. Dan l-eżerċizzju jista' jsir fi gruppi, jew individwalment.

**Ġesù talab f'postijiet u okkażjonijiet differenti:**
- fuq muntanja <u>waħdu</u> u mbagħad beda dieħel il-lejl: Mt 14, 23
- fuq muntanja: Mt 4, 8 - ix-xitan jittanta lil Ġesù
- fuq muntajna: Mt 5, 1
- fuq muntanja: Mt 17, 1
- fuq muntanja: Mt 28, 10
- fil-beraħ, <u>fil-pubbliku</u>: Ġw 11, 41-42
- fil-beraħ qabel ma fejjaq lit-trux u mutu: Mk 7, 31-37
- f'post maqtugħ minn nies, mar waħdu jitlob, wara li fejjaq lil xi ħadd: Lq 5, 16
- fil-beraħ tal-kampanja qabel ma tema' l-5000 ruħ: Mt 14, 19
- fil-beraħ, fil-pubbliku, qabel ma qajjem lil Lażżaru: Ġw 11, 41-42
- fil-beraħ: għat-tfal: Mk 10, 13-16

**Ġesù talab għalih innifsu u għall-oħrajn u mal-oħrajn:**
- għalih nnifsu biex jagħmel ir-rieda ta' Alla: Mt 26, 36-44
- għalih nnifsu u għad-dixxipli tiegħu u għal dawk kollha li jemmnu: Ġw17, 1-26
- fl-Aħħar Ċena: Mk 14, 22-23
- meta kien qed <u>imut</u> fuq is-salib: Lq 23
- meta <u>qam mill-mewt</u>, qabel ma kiel mal-appostli: Lq 24, 30

**Talab matul il-ġurnata:**
- filgħodu qabel ma' mar il-Galilea: Mk 1, 35-36
- qabel l-ikel: Mt 26, 26 u Lq 24, 30
- matul il-lejl qabel ma ħa deċiżjonijiet importanti - l-għażla tal-appostli: Lq 6, 12-13.

**<u>Napplikaw it-tagħlim għall-għajxien ta' kuljum fil-ħajja tagħna Nisranija (Katekeżi)</u>**

**Storja**
Darba minnhom kien hemm raġel li kuljum kien imur il-Knisja, joqgħod bil-qiegħda fuq il-bank iħares lejn it-Tabernaklu. Il-kappillan mar fuqu u qallu, "narak spiss hawnhekk, dejjem kwiet u fommok sieket." Dak il-raġel qallu: "Iva, kappillan, kuljum niġi, inħoss il-bżonn ta' Ġesù, għalhekk jiena noqgħod inħares lejh u Hu jħares lejja minn got-tabernaklu, Ġesù jaf li għandi bżonnu u jaf li nkun qed inkellmu f'qalbi."

» Aħna wkoll bħal Ġesù nistgħu nitolbu meta rridu u fejn irridu. Lil Ġesù DEJJEM nistgħu inkellmuh.

» Nistgħu nitolbu waħidna, fil-kwiet u fil-privat, kif ukoll flimkien mal-komunità. Dan huwa importanti ħafna għaliex inħossuna familja waħda.

» Il-quddiesa ta' nhar ta' Ħadd hija wkoll talba mal-komunità, għalhekk m'għandniex noqogħodu b'ħalqna magħluq, imma għandna nitolbu u nwieġbu mal-komunità. Ġesù stess qalilna: "Fejn hemm tnejn jew tlieta miġbura f'ismi, hemm jiena fosthom." (Mt 18, 20)

**Ħalli naraw flimkien fejn u meta bħala adolexxenti nistgħu nitolbu.**

- **Id-dar**, filgħodu kif inqumu insellmu lil Ġesù, qabel l-ikel, qabel ma nibdew il-*homework* u l-istudju, qabel ma norqdu; nitolbu mal-ġenituri/dawk qed irabbukom speċjalment qabel l-ikel, nitolbu magħhom ukoll għall-bżonnijiet tal-familja kollha, nitolbu għall-mejtin tagħna, nitolbu għat-tfal tad-dinja kollha, speċjalment il-morda.

- **L-iskola**, mhux waqt l-*assemby* biss, jew waqt il-lezzjoni tar-Reliġjon; nistgħu nitolbu fil-*Prayer Spaces* li hemm fl-iskola, fil-kappella tal-Iskola, qabel ma nieħdu l-*lunch*, meta nkunu se nagħmlu xi attività, qabel xi ezami. Fil-qalb tagħna meta u xħin irridu dejjem nistgħu nikkomunikaw ma' Ġesù.

- **Fiċ-ċentri tal-katekeżi**, flimkien mal-katekist/a u ma' sħabkom

- **Qabel ma nibdew xi attività** bħal sports, żfin, arti, mużika ... naraw ħafna plejers internazzjonali jitolbu fil-grawnd tal-futboll; anke atleti ta' fama mondjali jitolbu fil-grawnd; diversi persuni oħra kemm-il darba rajniehom jitolbu qabel xi attività jew kompetizzjoni. Dawn jitolbu, mhux biss għal dik l-okkażjoni, imma għaliex imdorrijin jitolbu fil-ħajja tagħhom.

- F'xi **kappella tal-adorazzjoni** li minnhom għandna ħafna f'Malta. Kemm hu sabiħ li meta tkunu barra qed tixtru jew sejrin xi mkien, tgħidu lill-ġenituri/min qed irabbikom sabiex tidħlu f'waħda minn dawn il-kappelli, u tgħidlu *hello* lil Ġesù u talba żgħira. Ġesù qiegħed hemm jistenna biex insellmulu u nkellmuh!

- **Fil-knisja**: dejjem u kull ħin nistgħu mmorru il-Knisja u nitolbu, mhux nhar ta' Ħadd biss. Il-quddiesa fiha nnifisha hija talba, imma din mhux biżżejjed.

- **Fil-beraħ tal-kampanja** ... quddiem il-ġmiel tal-ħolqien, waqt xi passiġġata u/ jew ħarġa mal-familja/ ma' tal-iskola/ ma' taċ-Ċentru li tiffrekwentaw.

**Diskussjoni**

- F'liema postijiet tħossukom tiltaqgħu mal-Mulej Ġesù? Fl-liema okkażjonijiet tħossu l-bżonn li titolbu aktar mis-soltu?

- Mal-ħbieb tagħkom, ikun sewwa li kieku tarawhom u tkellmuhom darba fil-ġimgħa biss? Jew inkella tkellmuhom biss meta għandkom bżonnhom? L-istess għal Ġesù – Huwa li hu l-akbar u l-aqwa ħabib, hija ħaġa sewwa li tiftakru fih, li tkellmuh darba fil-ġimgħa, waqt il-quddiesa u daqshekk?

- Tistħu titolbu mal-oħrajn? Għaliex?

**Sfida**

Matul din il-ġimgħa insibu ħin biex nitolbu waħidna. Nippruvaw ma nistennewx sa nhar il-Ħadd biex immorru l-Knisja jew inżuru lil Ġesù f'xi kappella. Meta mmorru l-quddies, nipparteċipaw bis-sħiħ, nifthu ħalqna u nitolbu mal-komunità.

**Nitolbu flimkien**

Kids Prayer – I love You Jesus




**Djarju**

Fid-djarju tiegħek iftaħ qalbek ma' Ġesù, itolbu li trid, għidlu li trid u x'tixtieq. Jekk tħossok komdu/a, ikteb jew pinġi din id-diskursta, din it-talba tiegħek lil Ġesù. Ftakar: li titlob iffiser li tħobb u tafda.

**Katekeżi Familja**

Naqraw flimkien fil-familja mill-Bibbja

"Tassew ngħidilkom, li jekk xi ħadd jgħid lil din il-muntanja, 'Intrefa' u nxteħet il-baħar', bla ma joqgħod jitħasseb f'qalbu imma jemmen li dak li jgħid ikun se jsir, isirlu żgur. Għalhekk ngħidilkom: kull ma titolbu fit-talb tagħkom, emmnu li tkunu ġa qlajtuh, u jingħatalkom. U meta tkunu weqfin titolbu, jekk ikollkom xi ħaġa kontra xi ħadd, aħfru, biex ukoll Missierkom li hu fis-smewwiet jaħfer lilkom il-ħtijiet tagħkom."

Mk 11, 24-25

Nitolbu flimkien bħala familja:

Mulej Ġesú Kristu, bħala familja nirringrazzjawk ta' kollox, nitolbuk ħu ħsiebna u għinna nibqgħu ngħixu ta' Nsara tassew kif tixtieqna int.
Ammen.

Il-familja li titlob flimkien, tibqa' flimkien.
(Santa Tereża ta'Calcutta)

# Kapitlu 4
# IL-KOMUNITÀ LI TITLOB
# Tema 3
# POŻIZZJONIJIET DIFFERENTI FIT-TALB

Nibdew il-laqgħa billi flimkien inroddu s-Salib u ngħidu talba.

**L-Għan ta' din it-tema**

Li l-adolexxenti japprezzaw aktar is-simboliżmu tal-ġesti li jsiru waqt it-talb, partikularment waqt il-liturġija Ewkaristika: il-quddiesa.

## Żvolġiment tal-laqgħa

**Qsim ta' esperjenzi**

- X'nifhmu bil-kelma 'simbolu'?
- Hemm xi ġesti partikulari li nagħmluhom biss f'ċerti okkażjonijiet u quddiem ċerti persuni biss?
- X'nifhmu bil-kliem: is-simboliżmu tal-ġesti li jsiru waqt it-talb, partikularment waqt il-liturġija Ewkaristika: il-quddiesa?

**Nitgħallmu**

- Il-kelma **simbolu** tfisser: meta jkollok xi ħaġa li tfisser diversi affarijiet għall-persuni differenti. Eż. ċurkett- l-istess ċurkett għal xi persuni jista' jfisser – tifkira ta' rigal f'okkażjoni partikulari, għall-oħrajn jista' jfisser wirt tal-familja, għall-oħrajn jista' jfissser ħbiberija partikulari ma' xi ħadd għażiż. Eż ieħor: jekk naraw salib għal xi wħud jista' jfisser sempliċi dekorazzjoni f'ġiżirana, għalina l-insara huwa s-sinjal tagħna – is-salib li fuqu miet Ġesù Kristu.
- Fil-Knisja Kattolika nsibu ħafna minn dawn is-simboli li għandhom ħafna tifsiriet partikularment fil-ġesti li nagħmlu waqt it-talb liturġiku l-aktar waqt il-quddiesa.
- Fil-liturġija speċjalment waqt il-quddiesa nitolbu b'ġisimna wkoll, permezz ta' pożizzjonijiet differenti, li kollha għandhom tifsira importanti.

**Napplikaw it-tagħlim għall-għajxien ta' kuljum fil-Ħajja tagħna Nisranija (Katekeżi)**

- <u>Bilwieqfa</u>: li noqogħdu bilwieqfa waqt il-quddiesa huwa **sinjal ta' rispett**.
  - għalhekk inqumu bilwieqfa meta s-saċerdot ikun dieħel biex jibda ċ-ċelebrazjoni tal-quddiesa u meta jkun ħiereġ – fit-tmiem tal-quddiesa. Il-qassis jirrappreżenta lil Ġesù Kristu; għalhekk inqumu bilwieqfa bħala ġest ta' rispett lejn Ġesù Kristu.
  - noqogħdu bilwieqfa waqt il-qari tal-Evanġelju bħala sinjal ta' rispett lejn il-qari li jirrakonta l-ħajja u l-għemejjel ta' Sidna Ġesù Kristu
  - noqogħdu bilwieqfa meta ngħidu l-Kredu – l-istqarrija tal-fidi tagħna u meta ngħidu t-talba tal-Missierna.
- <u>Bilqiegħda</u>: li noqogħdu bilqiegħda hija pożizzjoni li fiha nistgħu **nisimgħu - noqogħdu aktar attenti, u naħsbu (nirriflettu) aħjar**.
  - għalhekk waqt il-quddiesa noqogħdu bilqiegħda waqt li qed nisimgħu b'attenzjoni l-qari tal-ewwel qari – il-

qari ta' qabel l-Evanġelju.
- noqogħdu bilqiegħda waqt l-omelija – sabiex nisimgħu b'attenzjoni u naħsbu – nirriflettu fil-kwiet.
- noqogħdu bilqiegħda jew għarkupptejna wara t-tqarbin, sabiex fis-skiet, fil-ġabra nagħtu rispett lill-Ġesù li rċevejna ġo fina.
- m'għandnix noqgħodu bilqiegħda sabiex norqdu, jew noqogħdu npaċpċu - niftakru li l-quddiesa hija t-talba tal-komunità nisranija u mal-komunità. Barra minn hekk, id-dar ta' Alla hija dar tat-talb u mhux tat-tpaċpiċ bla bżonn. Kollox għandu ħinu u postu!

- **<u>Ġenuflessjoni</u>**: dan il-ġest nagħmluh billi ninżlu fuq irkoppa waħda u nbaxxu ftit rasna. Huwa ġest li juri adorazzjoni u rispett.
  - nagħmlu ġenuflessjoni meta nidħlu fil-knisja quddiem it-tabernaklu bħala sinjal ta' rispett u adorazzjoni lil Ġesù li jinsab fit-tabernaklu. i
  - il-qassis jagħmel ġenuflessjoni wara l-konsagrazzjoni tal-ħobż u l-inbid bħala sinjal ta' adorazzjoni lejn il-ġisem u d-demm ta' Ġesù, u jerġa jagħmel ġenuflessjoni oħra lis-sagrament qabel ma jibda jqarben.
  - nagħmlu ġenuflessjoni quddiem Ġesù Ewkaristija meta nagħmnlu l-adorazzjoni.

- **<u>Ninżlu għarkopptejna</u>**: li ninżlu għarkopptejna jfisser adorazzjoni, ringrazzjamnet u rispett lejn Ġesù Ewkaristija.
  - ninżlu għarkopptejna waqt il-konsagrazzjoni, għaliex dak il-ħin Ġesù huwa preżenti, ħaj bil-ġisem u d-demm. Dan huwa misteru kbir tal-fidi tagħna. Għalhekk meta l-qassis jgħolli l-ostja għandna ninżlu għarkopptejna u nħarsu lejn l-ostja; meta l-qassis jagħmel ġenuflessjoni għandna nbaxxu rasna.
  - l-istess nagħmlu meta l-qassis jgħolli l-kalċi – ninżlu jew nibqgħu għarkopptejna u nħarsu lejn il-kalċi; meta l-qassis jagħmel ġenuflessjoni bħala sinjal ta' rispett u adorazzjoni, għandna nbaxxu rasna bħala sinjal ta' rispett, ringrazzjament u adorazzjoni.

- **<u>Nagħmlu s-sinjal tas-salib</u>**: nagħmlu s-sinjal tas-salib fil-bidu u fit-tmiem tal-quddiesa. Meta nagħmlu hekk waqt il-quddiesa nkunu qed insejħu t-Trinità Qaddisa - il-Missier, l-Iben u l-Ispirtu s-Santu sabiex flimkien magħhom niċċelebraw din it-talba – ċelebrazzjoni Ewkaristika.
  - **irroddu s-salib**, għaliex niftakru li Ġesù miet fuq is-salib, li permezz tas-salib huwa fdiena u wriena kemm iħobbna.
  - qabel il-qari tal-Evanġelju nagħmlu salib fuq moħħna, salib fuq xofftejna, u salib fuq qalbna: biex il-kelma ta' Alla tkun f'moħħna (biex nifhmuha), fuq xofftejna (biex inxandruha), u f'qalbna biex ngħixuha.

**<u>Diskussjoni</u>**

- Qabel l-Evanġelju nagħmlu salib fuq xofftejna u ieħor fuq qalbna, u ieħor fuq moħħna – jiġifieri l-kliem ta' Ġesù mhux biss nifhmuh aħna imma għandna wkoll ir-responsabilità li nxandruh bil-kliem tagħna wkoll: tħossukom komdi li titkellmu dwar Ġesù?
- Issa li rajna kif waqt il-talb, partikularment fil-quddiesa pożizzjonijiet differenti għandhom tifsira importanti, kif tħossukom dwar dan it-tagħrif, dwar dan it-tagħlim?

**Mill-Kelma ta' Alla**

Fil-Bibbja nsibu 150 salm. Il-ktieb tas-salmi kien u għadu l-*prayer book* tal-poplu Lhudi. Fis-salmi nsibu talb ta' tifhir, ta' ringrazzjament, ta' maħfra, ta' petizzjoni – xi ħadd jitlob lil Alla xi ħaġa, u anke talb ta' interċessjoni meta nitolbu lil Alla f'isem xi ħadd. Is-salmi huma mixja mal-ħajja tal-bniedem.

Naqraw biċċa minn Salm 95:
"Ejjew inqimuh u ninxteħtu quddiemu,
għarkupptejna quddiem il-Mulej li ħalaqna!
Salm 95, 6

**Sfida**

Meta mmorru l-knisja, speċjalment waqt il-quddiesa, fil-mumenti ta' silenzju, nitkellmu ma' Ġesu u mhux noqogħdu nitkellmu bejnietna.

**Inkantaw u nitolbu flimkien**

Salm 95, 6




**Djarju**

Fid-djarju tiegħek ikteb jew pinġi d-djalogu tiegħek ma' Ġesù wara t-tqarbin jew meta tkun quddiem Ġesù waqt l-adorazzjoni. (suġġeriment: tajjeb li l-katekist/a jorganizza mqar kwarta ta' adorazzjoni quddiem Ġesù sagrament.)

**Katekeżi Familja**

Naqraw flimkien fil-familja mill-Bibbja:

(Dan is-salm iservi wkoll bħala t-talba tal-familja flimkien)

Salm 95 - Tifħir lis-Sultan tad-dinja

Għannu lill-Mulej għanja ġdida;
għannu lill-Mulej fl-art kollha!
Għannu lill-Mulej, bierku ismu!
Ħabbru minn jum għal ieħor is-salvazzjoni tiegħu.

Xandru fost il-ġnus is-sebħ tiegħu,
fost il-popli kollha l-għeġubijiet tiegħu.
Għax kbir il-Mulej, ta' min ifaħħru ħafna,
tal-biża' aktar mill-allat kollha.
Għax kollha frugħa l-allat tal-popli;
Jaħweh hu li għamel is-smewwiet!
Ġmiel u sebħ huma quddiemu,
qawwa u sbuħija fis-santwarju tiegħu.

Agħtu lill-Mulej, familji tal-popli,
agħtu lill-Mulej sebħ u qawwa;
agħtu lill-Mulej is-sebħ ta' ismu!
Ġibulu l-offerti, u idħlu fil-btieħi tat-tempju tiegħu;
inxteħtu quddiem il-Mulej b'tiżjin qaddis;
triegħdu quddiemu, nies kollha ta' l-art!
Għidu fost il-ġnus: "Il-Mulej isaltan!"
Hu jżomm sħiħa d-dinja biex qatt ma titħarrek;
hu li jiġġudika l-popli bis-sewwa.

Ħa jifirħu s-smewwiet u tithenna l-art,
ħa jħabbat il-baħar u kull ma fih,
ħa jifraħ ir-raba' u kulma fih,
u jgħannu bil-ferħ is-siġar kollha tal-bosk
quddiem il-Mulej, għax ġej,
għax ġej biex jagħmel ħaqq mill-art.
Hu jagħmel ħaqq mid-dinja bil-ġustizzja,
u mill-popli bis-sewwa tiegħu.

Salm 95

# Kapitlu 4
# IL-KOMUNITÀ LI TITLOB
# Tema 4
# FOROM DIFFERENTI TA' TALB

Nibdew il-laqgħa billi flimkien inroddu s-Salib u ngħidu talba.

**L-Għan ta' din it-tema**
Li l-adolexxenti isiru aktar familjari ma' forom differenti ta' talb.

## Żvolġiment tal-laqgħa

**Qsim ta' esperjenzi**

- Meta ngħidu forom differenti ta' talb, x'nifhmu biha?
- Nistgħu nsemmu modi differenti ta' kif nistgħu nitolbu?

**Nitgħallmu**

- It-talb huwa parti mill-ħajja tal-bniedem. Ħafna bnedmin madwar id-dinja, anke ta' reliġjonijiet differenti, iħossu l-bżonn li jitolbu, iħossu l-bżonn li jikkomunikaw ix-xewqat u dak kollu li għaddej minn ħajjithom ma' xi ħadd akbar minnhom.

- Li kieku kellna nżuru pajjiżi differenti madwar id-dinja, konna nitolbu b'lingwi differenti u b'modi differenti ukoll. Per eżempju, f'xi postijiet in-nies jitolbu billi jieħdu sehem fiż-**żfin** – dan iż-żfin ikun liturġiku, jiġifieri għandu x'jaqsam mal-funzjonijiet u ċelebrazzjonijiet tal-Knisja.

- Insibu postijiet oħra fejn jitolbu permezz tal-**proċessjonijiet**, aħna Malta għandna minnhom ukoll. (tistgħu ssemmu ftit waqt il-laqgħa)

- Insibu nies li jitolbu billi jitilqu minn pajjiżhom u jagħmlu **pellegrinaġġ** bħal meta jmorru fl-Art Imqaddsa – Ġersualemm. Hemmhekk imorru biex jaraw, u jimxu fuq il-passi ta' Ġesù; dan kollu jagħmluh f'atmosfera ta' talb. Il-pellegrinaġġ huwa vjaġġ minn post għall-ieħor, per eżempju minn B'Kara għas-Santawarju tal-Madonna tal-Mellieħa, jew Għawdex – is-santawarju tal-Madonna ta' Pinu. Matul il-vjaġġ, matul il-pellegrinaġġ, in-nies ġeneralment jitolbu r-Rużarju, ikun hemm xi ħadd li jaqra biċċiet mill-Bibbja, eċċ. Bosta nies jagħmlu pellegrinġġ għal Ġerusalemm, għal Lourdes, għal Fatima, u postijiet oħra.

- Il-Knisja Kattolika tgħallimna li għandna **ħames forom ta' talb**. Dawn huma: talb ta' **tifħir**, ta' **ringrazzjament**, ta' **barka u adorazzjoni**, ta' **petizzjoni** u ta' **interċessjoni**.

- It-talb mhux xi *show*. Li titlob huwa li titkellem b'mod personali ma' Alla.

- Importanti wkoll li nitolbu mal-komunità u bħala komunità, u dan ukoll mhux xi *show*.

**Napplikaw it-tagħlim għall-għajxien fil-ħajja tagħna Nisranija (Katekeżi)**

1. **Talb ta' Tifħir**: niftakru ftit, kemm-il darba rajna xi ħaġa sabiħa. Kemm ħassejna l-bżonn li ngħidu – xi ġmiel! Kieku kellna naħsbu ftit ngħidu: jekk il-bniedem kapaċi li jagħmnel affarijiet hekk sbieħ, mela Alla kemm huwa kbir, kemm huwa sabiħ biex jagħmel dawn l-affarijiet hekk sbieħ! Jekk lill-bnedmin infaħħruhom għal dak li jagħmlu, mela kemm għandna għalxiex infaħħru lil Alla.

   Talba sabiħa lil Alla hija: Mulej kemm inti sabiħ! Mulej kemm inti kbir!

2. **Talb ta' Ringrazzjament**: li tirringrazja lil xi ħadd għal xi ħaġa hija ġest edukattiv importanti ħafna. Kulħadd jistenna u jieħdu pjaċir bil-'grazzi'. Anke Alla jieħu pjaċir. Naħsbu u niftakru ftit, meta għaddejtu minn xi eżami, jew xi ħadd li kien ilu jistenna xi riżultat, ħa l-aħbar li għadda, jew li kollox kien sew. Ħassejtu l-bżonn li tirringrazzjaw lil Alla ta' dan kollu? F'okkażjonijiet hekk u oħrajn simili, it-talba tagħna għandna tkun: Grazzi Mulej ta' dan kollu. Dan it-tip ta' talb jissejjaħ talb ta' ringrazzjament.

   **Mill-Kelma ta' Alla**
   "Żommu sħiħ fit-talb, ishru fih b'radd ta' ħajr lil Alla."
   Kol 4, 2

3. **It-talb ta' petizzjoni**: meta jkollna bżonn xi ħaġa, arana mmorru nfittxu lil dik il-persuna li tista' tgħinna u nitolbuhiela. Nagħmlu dan għaliex għandna fiduċja f'dik il-persuna. L-istess nagħmlu ma' Alla, għaliex aħna wliedu, nafu li Hu jixteqilna l-ġid, u nafu li jekk hija ta' ġid għalina, huwa jagħtihielna, mela mmorru għandu u nitolbu dak li rridu. Mhux biss nitolbuh xi grazzja , imma wkoll nitolbuh jaħfrilna.

   **Mill-Kelma ta' Alla**
   "Kulma nitolbu naqilgħuh minn għandu."
   1 Ġw 3, 22

4. **It-talb ta' barka u adorazzjoni**: fit-talb ta' barka nkunu qed inħossu l-bżonn li Alla jberkilna dak kollu li għandna u dak kollu li hu madwarna, per eżempju, it-talba ta' qabel l-ikel hija talba ta' barka. Nistgħu nitolbu l-Mulej iberkilna mhux biss l-ikel, imma wkoll il-familja u l-ħbieb tagħna, ix-xogħol li nkunu qed nagħmlu, aħna u l-għeżież tagħna, l-istudju tagħna, t-talenti u l-kapaċitajiet tagħna, il-pajjiż tagħna, id-dar tagħna. Fit-talb ta' adorazzjoni noqogħdu fis-skiet quddiem Ġesù. Nieħdu gost b'Ġesù u Hu bina.

   **Mill-kelma ta' Alla**
   "Alla, li minnu ġej kull sabar u faraġ, jagħtikom il-grazzja li tkunu fehma waħda bejnietkom skond Kristu Ġesù,biex b'fomm wieħed u b'qalb waħda tfaħħru lil Alla u Missier Sidna Ġesù Kristu."
   Rum 15, 5-6

5. **It-talba tal-interċessjoni** hija meta nitolbu lil Alla għal xi ħadd ieħor. Huwa **importanti li nitolbu għalina nfusna**, imma **mhux biss, għandna nifthu qalbna għall-oħrajn ukoll**. Ħafna nies jgħidulna biex nitolbu għalihom. Anke jekk ma jgħidulniex, huwa tajjeb li nitolbu għall-oħrajn ukoll, għaliex aħna lkoll aħwa fi Kristu. Ilkoll kemm aħna għandna bżonn xulxin. M'għandnix nitolbu biss għal dawk li nafu, imma anke għal dawk li ma nafux, inkluż persuni barra minn Malta. Niftakru li hawn ħafna nies li minħabba l-mard tagħhom ma jistgħux jitolbu. Kemm hu sabiħ li nitolbu għalihom, kemm hu sabiħ li jkun hemm xi ħadd li jiftakar fihom. Aktar ma nifthu qalbna għall-oħrajn fit-talb aktar inħossuna komunità waħda. Kemm hu sabiħ li niftakru li hemm xi ħadd jitlob għalina ukoll.

   Fit-talb ta' interċessjoni, min jitlob, m'għandux jitlob "dak li jaqbillu, imma dak li jaqbel lil ħaddieħor." (Fil 2, 4), u jasal biex jitlob ukoll għal min jagħmilu d-deni.'
   Ara *Katekiżmu tal-Knisja Kattolika* par. 2577.

Naraw dan il-klipp:
Five Finger Prayer




Ara *Katekiżmu tal-Knisja Kattolika* par. 2623-2649

Naraw dan il-klipp flimkien:
What is prayer




**Diskussjoni**

- X'fhimtu minn dan il-klipp?
- X'inhi dik il-ħaġa, jew dawk l-affarijiet li l-aktar ħassejnihom jolqtuna?
- X'tgħallimna dwar it-talb minn dan il-klipp li jiswa għal ħajjitna?
- Li kieku kellna nitkellmu ma' sħabna dwar it-talb x'ngħidulhom?

**Sfida**

Matul din il-ġimgħa nerġgħu naqraw dawn il-ħames forom ta' talb, u kuljum nagħżlu li nitolbu b'waħda minn dawn il-forom; bil-mod il-mod, dawn il-forom ta' talb isiru parti minn ħajjitna.

**Inkantaw u nitolbu flimkien**

Kemm inti kbir!




**Djarju**

Fid-djarju tiegħek ikteb jew pinġi talba li tixtieq tgħid lill-Ġesù, użа' waħda minn dawn il-ħames forom ta' talb.

**Katekeżi Familja**

Nitolbu flimkien bħala familja mill-Bibbja:

Salm 8 - Il-kobor ta' Alla u d-dinjità tal-bniedem

Mulej, Sid tagħna,
kemm hu kbir ismek fl-art kollha!
Int qegħedt is-sebħ tiegħek 'il fuq mis-smewwiet.
Int, li s-sebħ tiegħek jgħannih
fomm it-tfal u t-trabi tal-ħalib;
int, li bnejt sur kontra l-għedewwa,
biex iġġib fix-xejn l-għadu u 'l min iqum kontrik.

Inħares lejn is-smewwiet, għemil subgħajk,
il-qamar u l-kwiekeb li int qegħedt fihom!

X’inhu l-bniedem biex tiftakar fih,
bin il-bniedem, biex taħseb fih?

Ftit inqas mill-allat għamiltu,
bis-sebħ u l-ġmiel żejjintu,
qegħedtu fuq l-għemejjel kollha ta’ idejk!
Kollox taħt riġlejh qegħedtlu:
in-nagħaġ u l-baqar kollha, sa l-bhejjem tax-xagħri;
l-għasafar ta’ l-ajru u l-ħut tal-baħar,
dak kollu li jterraq fil-baħar.
Mulej, Sid tagħna,
kemm hu kbir ismek fl-art kollha!

Salm 8

# Appendiċi
# Tagħrif dwar l-Avvent

**1.0 L-Avvent fil-mixja tal-fidi tan-nisrani**

Avvent: Meta l-ewwel ittra tal-kelma tkun kbira (*capital letter*) - Avvent - dan ġeneralment jirreferi għall-Miġja tal-Mulej fid-dinja, jew għaż-żmien liturġiku qabel il-Milied; jirreferi wkoll għat-tieni miġja tal-Mulej fl-aħħar taż żminijiet.

**L-Avvent**: tħejjija għat-twelid tal-Mulej f'qalb il-bniedem u t-tieni miġja tal-Mulej fl-aħħar taż-żminijiet għandhom konnessjoni qawwija u profonda fil-mixja tal-fidi tan-nisrani.

**2.0 L-Etmoloġija tal-kelma: Avvent**

- il-kelma ġejja mill-Latin: *adventus* - miġja, jew *approach*
- għandna l-prepożżizjoni *ad* - lejn (*towards*)
- il-għerq tal-verb *ven-* mill-verb *venire* - ġej (*to come*)
- is-suffiss -*tus* li jindika li huwa verb (azzjoni), mela *adventus*.

Avvent b'xi wħud mil-lingwi Ewropej: *Advent*, *Advento*, *Avent*, *Avvento*, *Adviento*.
Ġaladarba l-Avvent tfisser miġja – xi ħaġa li se tiġri fil-futur - allura teħtieġ tħejjija, taspira stennija!

**3.0 L-Avvent fl-Istorja tal-Knisja**

- It-tiswir tal-perijodu tal-Avvent kif nafuh illum għandu l-istorja tiegħu wkoll. L-ewwel idea ta' perijodu ta' tħejjija qabel il-Milied, skont l-istorja nibtet fi Franza, mill-monaċi Kelti, għall-ħabta tar-raba' seklu. Dawn kienu daħħlu d-drawwa ta' sitt ġimgħat ta' tħejjija spiritwali li kienet tinkludi sawm ukoll, liema sawn kien wisq inqas strett minn dak mitlub fi żmien ir-Randan.

- Għall-ħabta tal-istess perjodu, f'Ruma wkoll bdiet id-drawwa tal-Avvent bħala tħejjija għall-Milied. Dan kien minn tlieta sa sitt ġimgħat, fejn fost affarijiet oħra, l-insara kienu mitluba li jattendu għall-funzjonijiet liturġiċi b'mod regolari.

- L-Avvent kif nafuh llum, issawwar taħt il-Papa Gregorju I (504 604). Huwa stabilixxa l-Avvent għall-perijodu ta' madwar erba' ġimgħat u kiteb il-materjal liturġiku. Maż-żmien il-lewn vjola sar il-kulur liturġiku għal żmien l-Avvent.

- Fis-seklu għoxrin, l-Avvent beda jieħu aktar sura ta' stennija attiva fil-ferħ; liema stennija twassal lill-bniedem għal fidi aktar ħajja u matura; stennija li toffri sfidi spiritwali sabiex il-bniedem jaċċetta lill-Mulej f'ħajtu, jilqgħu bil-ferħ bħala l-ħabib ta' ħajtu u/jew jirrestawra r-relazzjoni miegħu. Hu x'inhu l-istat tal-fidi tal-bniedem, l-Avvent huwa stennija attiva bil-ferħ, żmien ta' tama, żmien li joffri paċi dejjiema, kif jaf joffri t-twelid ta' Ġesù Kristu, liema twelid huwa frott ta' kollaborazzjoni mal-grazzja ta' Alla. Twelid li joffri paċi vera u reali b'kuntrast għall-pjaċir momentarju li xi kultant toffri d-dinja materjalista ta' madwarna!

**3.1 L-Avvent fil-Knisja tal-Punent**

- Fil-Knisja tal-Punent l-Ewwel Ħadd tal-Avvent jiġi Ħadd fuq il-festa ta' Kristu Re. F'dan il-Ħadd tibda wkoll is-sena liturġika tal-Knisja u fl-istess jum jibda ċ-ċiklu tal-Milied li jispiċċa nhar it-2 ta' Frar, festa tal-Preżentazzjoni tal-Mulej fit-Tempju – il-Gandlora.

- L-Avvent fih erba' ġimgħat. It-Tielet Ħadd huwa Ħadd il-Ferħ (Gaudete); f'dan il-Ħadd, l-introjtu taċ-ċelebrazzjoni Ewkaristika (quddiesa) jibda: 'Ifirħu dejjem fil Mulej; nerġa' ngħidilkom ifirħu; il-Mulej qorob' (Fil 4, 4 5).

- Teknikament l-Avvent jispiċċa fl-24 ta' Diċembru, lejlet il-Milied.

**3.2 L-Avvent fil-Knisja Orjentali**

- Fil-Knisja Orjentali, l-Avvent huwa perijodu ta' talb u sawm (inqas intensiv mis-sawm fir-Randan). F'ċerti pajjiżi dan il-perijodu jissejjaħ: *Advent Fast* jew *Nativity Fast*, dejjem bi tħejjija għall Milied.

- Dawk il-Knejjes li jiċċelebraw il-Milied nhar l-24 ta' Diċembru, l-Avvent jibda l-għada tal-Festa ta' San Filippu Appostlu – 14 ta' Novembru u jibqa' sejjer għal 40 jum sal-24 ta' Diċembru.

- Dawk il-Knejjes li jiċċellebraw il-Milied nhar is-7 jew 8 ta' Jannar, l-Avvent jibda lejn l-aħħar ta' Novembru.

**4.0 Il-Kuluri Liturġiċi tal-Avvent**

- Fil-Knisja Rumana Kattolika, il-kulur liturġiku uffiċjali tal-Avvent huwa l-vjola. Għalhekk il-kulur tal-pjaneta taċ-ċelebrant fil-quddiesa jkun ta' lewn vjola; fit-Tielet Ħadd tal-Avvent jintuża l-kulur roża – simbolu tal-ferħ.

- F'ħafna knejjes Anglikani u Protestanti fl-Avvent jintuża l-kulur blu. Fit-Tielet Ħadd jintuża l-lewn roża.

- It-tvalji tal-altar, xi *banners* li jitwaħħlu mal-ħitan tal-knejjes f'dan iż-żmien kollha jkollhom bi predominanza l-ilwien vjola u roża. Min tassew irid jimxi mal-liturġija f'dan iż-żmien jevita l-kuluri aħmar u aħdar li huma l-ilwien tal-Milied b'xejra sekulari, u jistenna sal-festa tal-Milied fejn jintużaw l-ilwien: abjad, lewn il-fidda u d-deheb.

**5.0 Is-Seba' Antifoni li Jibdew bil-'O' (*The 'O' Antiphons*)**

- Fi żmien l-Avvent bejn is-17 u t-23 (l-24 ikun lejlet il-Milied u l-liturġija tas-sigħat tkun dik tal-okkażjoni) insibu is-seba' antfoni li jibdew bil-'O'. Dawn l-antifoni kienu jitkantaw b'ħafna solennità waqt il-liturġija tas-sigħat fil-monasteri, f'Ruma sa mit-tmien seklu.

**5.1 Tifsira tal-Kelma Antifona**

Il-kelma Antifona tfisser: *versett li jinqara jew jitkanta fil-liturġija tas-sigħat qabel is-salmi u/jew qabel l-innu tal-Magnifikat/Benedictus jew (fil-quddiesa) qabel il-qari tal-Evanġelju. Dawn l-antifoni jinqraw qabel l-innu tal-Magnifikat fil-Liturġija tas-Sigħat, waqt il-Għasar, u qabel il-qari tal-Evanġelju fil-quddies li jiġi ċċelebrat f'dawn il-ġranet: 17-23 ta' Diċembru.*

5.2 L-importanza u s-Sinifikat ta’ dawn l-Antifoni

- Kull antifona tagħti titlu lill-Messija: Ġesù Kristu.

- Kull antifona tirreferri għall-profeziji tal-Profeta Isaija, liema profeziji kienu jħabbru l-migja tal-Mulej.

**Is-Simboli li jintużaw biex jindikaw dawn l-antifoni**




Dawn l-antifoni huma:

**O Sapientia**
**O Għerf** tal-għoli, li tqassam kollox bil-qawwa u l-ħlewwa, ejja għallimna triq il-għaqal. (ara Is 11, 2 3 u Is 28, 29)

**O Adonai**
**O Mexxej** tad-dar ta’ Iżrael, li tajt il-liġi ’l Mose’ fuq is-Sinaj, ejja ifdina bil-qawwa ta’ driegħek. (ara Is 11, 4-5 u 33, 22)

**O Radix Jesse**
**O Għerq ta’ Ġesse**, li waqaft bħala sinjali għall-popli, ejja biex teħlisna u la tiddawwarx. (ara Is 11, 10)

**O Clavis David**
O Muftieħ ta’ David, li tiftaħ bibien is-Saltna ta’ dejjem, ejja ħa toħroġ lill-bniedem mill-jasar u d-dlam tal-ħabs. (ara Is 22, 22 u 9, 6)

**O Oriens**
**O Xemx tielgħa**, dija tad-dawl ta’ dejjem u xemx tal-ġustizzja, ejja u dawwal ’il dawk li jinsabu fid-dlamijiet u d-dell tal-mewt. (Is 9, 1)

**O Rex Gentium**
**O Sultan tal-ġnus**, ġebla tax-xewka tal-Knisja, ejja u salva l-bniedem li int għamilt mit-trab. (Is 2, 4)

**O Emmanuel**
**O Għimmanu El**, Sultan tagħna li tajtna liġi, ejja u salvana, Mulej. (Is 7, 14)

(Nissuġġerixxu li meta jintużaw dawn l-antifoni mal-adolexxenti, jinqraw is-siltiet mill-Kelma ta' Alla li hemm referenza għalihom wara kull antifona).

## 6.0 <u>Tradizzjonijiet Simboliċi li jintużaw fi Żmien l-Avvent</u>

### 6.1 <u>Il-Girlanda tal-Avvent (*The Advent Wreath*)</u>



F'pajjiżna daħlet sewwa l-kultura tal-girlanda tal-Avvent - l-*Advent Wreath*; insibuha fl-iskejjel, fid-djar u saħansitra fil-knejjes. Din il-girlanda li t-tradizzjoni tagħha x'aktarx li bdiet mill-pajjiżi tan-Nord, probabbilment fil-Ġermanija, madwar is-seklu sittax. **Din il-girlanda tissinifika t-tama tal-bniedem f'Ġesù Kristu li huwa d-dawl tad-dinja.**

Il-girlanda hija magħmula minn weraq li jibqgħu dejjem ħodor (*evergreen*), li jissimbolizzaw il-kontinwazzjoni tal-ħajja, simbolu tal-imħabba ta' Alla li ma tispiċċa qatt. Din il-girlanda tissinifika wkoll il-kontinwità tal-ħajja, b'attitudni Kristoċentrika qalb l-isfidi li wieħed jiltaqa' magħhom.

- Tradizzjonalment, il-girlanda tal-Avvent tkun forma ta' ċirku li jissimbolizza li l-imħabba ta' Alla hija bla bidu u bla tmiem, mad-dawra tagħha jkollha, tliet xemgħat vjola u waħda roża. Kull ġimgħa, is-Sibt filgħaxija waqt l-Ewwel Għasar bi preparazzjoni għall-Ħadd, jew fil-quddiesa tas-Sibt filgħaxija, tinxtegħel xemgħa waħda; hekk sa lejlet il-Milied l-erba' xemgħat ikunu mixgħula. Dawn jissimbolizzaw qalb il-bniedem, liema qalb tkun bdiet tiddawwal sewwa; tkun qed tiġi imħejjija tajjeb biex tilqa' fiha lil Ġesù, li Hu d dawl li ma jintefa qatt.

- Tradizzjonalment fil-quddiesa tal-lejl tal-Milied, din il-girlanda ma tintużax aktar, l-Avvent ikun spiċċa. Imma, ġieli nsibu min fin-nofs ta' din il-girlanda jpoġġi xemgħa bajda li tinxtegħel fil-lejl tal Milied, u flok ix-xemgħat ta' lewn vjola u roża jpoġġi oħrajn ta' lewn abjad u dehbi/fidda.

### 6.2 <u>Tifsira Tradizzjonali tax-Xemgħat</u>

- L-ewwel xemgħa, li tinxtegħel għall-Ewwel Ħadd tal-Avvent, tissejjah ix-xemgħa tal-Profeta u tissimbolizza t-**tama**.

- It-tieni xemgħa tissejjaħ ix-xemgħa ta’ Betlem u tissimbolizza l-**fidi**.
- It-tielet xemgħa (lewn roza) tissejjaħ ix-xemgħa tar-Rgħajja u tissimbolizza l-**ferħ**.
- Ir-raba’ xemgħa tissejjaħ ix-xemgħa tal-Anġli u tissimbolizza l-**paċi**.

### 7.0 L-Istilla tal-Avvent



Għall-ħabta tas sena 1850, fil-Morovja, fir-raħal ta’ Herrnhutt, tpoġġiet għall-ewwel darba l-istilla tal-Avvent. Din kienet tissimbolizza l-istilla li warajha mxew it-tliet Slaten Maġi sakemm sabu lil Ġesù Bambin li huwa ‘il-kewkba tiddi ta’ filgħodu’ (Apok 22, 16). F’dan il-pajjiż, tradizzjonalment din l-istilla tintrema f’kull dar fil-bidu tal-Avvent u tibqa’ sal-Epifanija: iż-żjara tat-tliet Slaten Maġi.